# Festa Titulari ta' Santa Marija

## L–Imqabba 2021



One4all
GIFT VOUCHERS

# THE IDEAL GIFT FOR ANY OCCASION

CHOOSE TO SPEND AT OVER 700 SHOPS IN MALTA & GOZO




WWW.ONE4ALL.MT





Editorjal

# Inħarsu 'l quddiem biex il-Festa Maltija tibqa' dejjem tiġġedded

Jonathan Mifsud

Filwaqt li ninsabu qrib il-ġurnata tal-festa tant għażiża għalina ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, l-Assunta, nistedinkom sabiex taqraw din il-pubblikazzjoni annwali. Għalkemm għat-tieni sena konsekuttiva l-pandemija tal-Covid-19 kompliet tħalli l-impatt tagħha fuq attivitajiet bħall-festi, xorta waħda ħassejna li għandna noħorġu din il-pubblikazzjoni sabiex inżommu l-kuntatt magħkom il-qarrejja u b'hekk inkunu nistgħu nuru l-ħidma kollettiva li dejjem tkun għaddejja fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Minħabba l-għeluq għat-tieni darba tal-każini tal-banda bħala prevenzjoni mit-tixrid tal-pandemija, uħud mill-pjanijiet ta' ħidma b'risq il-festa u s-Soċjetà kellna naraw kif inkunu flessibbli ħalli jitwettqu xorta. Dan dejjem fil-parametri tal-liġijiet u r-regolamenti li bdew joħorġu minn żmien għal żmien mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Minn hawn nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tas-saħħa talli dejjem jieħdu ħsieb saħħitna bl-aħjar mod possibbli.

Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi li għaddejjin minnhom, il-bniedem jista' jibda jħoss ruħu b'nuqqas ta' ħeġġa minħabba l-inċertezzi ta' madwaru kif ukoll jibda jitbiegħed mill-attivitajiet u l-passatempi li konna mdorrijin nagħmlu fi gruppi sa sena u nofs ilu. Il-fatt li għamilna perjodu twil mingħajr ma niltaqgħu ġewwa s-sede tas-Soċjetà wassal biex ċerti proġetti u ideat baqgħu misturin ġewwa fina. Iżda issa għandna nħarsu 'l quddiem sabiex dawn l-isfidi negħlbuhom ilkoll flimkien! Bil-fatt li sakemm qiegħed nikteb dan l-istess artiklu nistgħu nerġgħu niltaqgħu mal-ħbieb tagħna li għandhom l-istess passjoni tagħna f'qalbhom ġewwa s-sede tas-Soċjetà, il-ħsibijiet jistgħu jerġgħu jiġu espressi u mwettqin. Dan il-fatt għandu jwassal sabiex inkomplu nħarsu 'l quddiem u nkomplu nużaw it-talenti u l-ħiliet diversi tagħna għall-ġid tal-Festa Maltija sabiex tibqa' dejjem tiġġedded matul iż-żminijiet.

Permezz tar-ritratt li jinsab fil-qoxra ta' din l-istess pubblikazzjoni li jien personalment kont ġbidt waqt l-unika ċelebrazzjoni fil-knisja f'jum il-Festa tal-Assunta tas-sena l-oħra, xtaqt nuri kif il-poplu kien qiegħed iħossu waqt din il-pandemija. Dan ir-ritratt singulari juri l-Vara Titulari ta' Santa Marija fuq il-bradella ġewwa l-knisja fl-isfond tal-pittura li nsibu fuq l-Artal tal-Agunija. Il-parti ta' quddiem tal-qoxra ta' din il-pubblikazzjoni tissimbolizza t-tama li dan il-poplu li għandu f'Ommna Marija, filwaqt li l-parti ta' wara tal-qoxra tissimbolizza t-tbatija f'kull forma tagħha li aħna l-bnedmin batejna matul dawn l-aħħar xhur minħabba din il-pandemija.

Permezz tal-artikli li jinsabu f'din il pubblikazzjoni sejrin taqraw dwar kif il-ħidma volontarja mid-diversi fergħat ta' din is-Soċjetà ma waqfitx u sibna metodi ġodda u siewja biex komplejna bil-ħidma tagħna matul il-pandemija. Diversi fergħat komplew jiltaqgħu b'mod virtwali ħalli b'hekk inżammet il-fjamma tat-tama mixgħula u fl-istess ħin żammew lill-partitarji attivi minn ġewwa djarhom stess. F'din il-pubblikazzjoni nsibu artikli dwar kif is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kompliet il-ħidma fuq proġetti ta' investiment siewi għall-futur filwaqt li baqgħet tieħu ħsieb tippreserva dak li bnew missirijietna. Insibu wkoll artiklu ferm interessanti ta' storja relatat mal-Parroċċa tagħna filwaqt li qed nippubblikaw ukoll poeżija li tfakkarna minn xiex għaddejna f'dawn l-aħħar xhur. L-aspett letterarju kif ukoll tagħrif dwar Ommna Marija ma jonqsux.

F'isem il-Bord Editorjali ta' din il-pubblikazzjoni nirringrazzja lil sħabi l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u lid-diversi partitarji tal-għajnuna u l-kollaborazzjoni li dejjem insibu mingħandhom sabiex stajna niġbru l-artikli u r-riklami għal din il-pubblikazzjoni f'dawn iż-żminijiet daqstant partikolari. Ħajr ukoll lill-artikolisti li qasmu magħna tagħrif ferm interessanti. Grazzi lil dawk kollha li għoġobhom jirreklamaw is-servizzi tagħhom f'din il-pubblikazzjoni għax mingħajr il-kontribut tagħhom żgur li din il-pubblikazzjoni ma tkunx tista' ssir realtà. Ħajr ukoll lil Best Print tal-għajnuna kbira li joffru fid-disinn u l-istampar ta' din il-pubblikazzjoni.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor dejjem jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex dejjem nilħqu l-livell mixtieq. Għalkemm din is-sena ma nistgħux ingawdu dak kollu li l-Festa Maltija hija mżewqa bih, minn qalbi nawgura li kulħadd jaħsad il-frott u jkun sodisfatt bil-ħidma tiegħu b'risq din il-festa tant għażiża għalina l-Maltin!

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!

**Bord Editorjali**
MIFSUD Jonathan
ZAMMIT Mario

**Qari tal-Provi**
MIFSUD Jonathan

**Riklami**
BRIFFA Carmel
FARRUGIA Antoine
GRECH JeanCarl
TONNA Roderick
ZAMMIT Mario

**Fotografija**
Arkivji tas-Soċjetà
CAMILLERI Ian
FARRUGIA Kan. Dr. Dun Jonathan
GHIGO Matthew
MIFSUD Gabriella
MIFSUD Jonathan
SCHEMBRI BALDACCHINO Chris
TONNA Johann
ZAMMIT Mario
Kummissjoni Web
Uffiċċju tal-President
Department of Information
VELLA Stefano




**Ritratt tal-Faċċata**
Il-vara artistika u devota
ta' Santa Marija
ġewwa l-knisja.

*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Bord Editorjali jew tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.*

*L-Artikolisti kollha huma responsabbli għal kitbiethom.*

© Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V – Mqabba,
Malta Est. 1910

L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata minghajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.

**Issettjat u Stampat**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprintqrendi@gmail.com**

# Werrej

Editorjal .... 2
Il-Kumitat Eżekuttiv 2021 – 2023 .... 5
Messaġġ tal-President .... 7
Messaġġ tas-Sindku .... 17
Messaġġ mill-Kappillan .... 19
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali .... 21
Appell mill-Kaxxier .... 23
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali .... 25
Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V .... 27
Messaġġ mill-Assistent Surmast Direttur .... 29
Messaġġ mill-Għalliem tal-Mużika .... 32
Messaġġ mill-Għaqda Armar .... 33
Tkompli l-ħidma fuq il-Planċier Artistiku .... 39
Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar .... 41
Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ .... 47
Messaġġ mill-Kummissjoni WEB .... 51
Tifkiriet u Anniversarji .... 55
Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja .... 57
Programm Pirotekniku .... 59
It-telfa tal-Prinċep Philip .... 63
Kelmtejn mis-Sottokumitat tan-Nisa,
Klabb Tfal tat-Titular u Go Reds Adolexxenti Titulari .... 65
Apprezzament: Nicholas Ghigo .... 69
Apprezzament: Is-Sur Mario Ellul 04.04.1973 – 04.03.2021 .... 71
Messaġġi mis-Soċjetà .... 73
Ħidmet in-nisa fil-knisja parrokkjali fl-1937 u l-1938 .... 75
Il-preżenza mimlija faraġ ta' Marija waqt il-kura mill-marda tal-kanċer .... 81
Taħt il-Ħarsa ta' Santa Marija, Omm Malta Rebbieħa .... 87
Paniġierku, Festa ta' Santa Marija, 15 ta' Awwissu 2012 .... 89
Messaġġ mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda .... 97
Apprezzament lil Joseph C Azzopardi .... 99
Meta jaslu l-għerejjex .... 101
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni .... 104

# TAR-ROBBA Recycling Centre LIMITED

**Tar-Robba** l/o Kirkop KKP 9090, Malta
Tel: 2168 3558, 2168 5332 Fax: 2164 2834
John Ghigo : 9949 3311
Jurtin Ghigo : 9945 7162
E-mail: johnghig@maltanet.net
Web: www.tarrobbarecycling.com







*For all types of original, second hand and imitation autoparts with the best prices found locally!!!*



# TAR-ROBBA ta' pataw LIMITED

- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tas-Sejjieħ
- Torba
- Bricks







# Il-Kumitat Eżekuttiv 2021 – 2023



**President**
Carlo Sciberras

**Presidenti Onorarji**
Dr Louis Galea B.A., LL.D.
Joseph Farrugia
George Busuttil
Dr Charles Sciberras
Joseph Sciberras

**Viċi President**
Joseph Briffa

**Segretarju Ġenerali**
Antoine Farrugia

**Viċi Segretarju Ġenerali u Kordinatur Kreattività u Innovazzjoni**
JeanCarl Grech

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier u Amministratur tas-Soċji**
Jonathan Mifsud

**Direttur tal-Każin u Delegat tal-Planċier**
Michael Ghigo

**Assistent Direttur tal-Każin**
Joseph Galea

**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**
Mario Zammit

**Chairperson Sezzjoni Proġetti u NGO's**
Marica Mifsud

**Kordinaturi tal-Ħidma bejn il-Fergħat**
Mario Zammit
Marica Mifsud

**Surmast Direttur**
Mro David Agius
A. Mus. LCM, A. Mus. VCM (Hons) ALCM

**Delegat Żgħażagħ**
Jean-Paul Muscat

**Delegat tal-Armar**
Ian Camilleri

**Assistent Surmast Direttur**
Mro René Camilleri
B.Eng (Hons), ALCM

**Delegati Nisa, Adoloxxenti, Tfal u Anzjanità Attiva**
Samantha Debono
Maria Galea

**Għalliem tal-mużika (sezzjoni ramm)**
Neil Zammit B.Accty (Hons), CPA, MIA
A.L.C.M, A.Mus.L.C.M, L.Mus.LCM,
A.L.C.M (Comp.)

**Delegat Kummissjoni WEB**
Matthew Ghigo

**Delegat tal-Banda**
Christopher Spiteri

**Delegat tan-Nar**
Robert Ghigo

**Arkivisti**
Christopher Schembri Baldacchino
Nicholas Baldacchino

**Rappreżentanti fl-Għaqda Każini tal-Baned**
Carmel Briffa, Carlo Sciberras

**Konsulent Legali**
Dr Mark Portelli BA.LLD

**Membru għal għomru**
Roderick Tonna

**Direttur Spiritwali**
Fr Joseph Zahra O.P.

**Reviżuri**
Mark Cardona, Ryan Vella


ELBROS
built for life
BUILDING MALTA'S
LANDMARK PROJECTS
www.elbros.com.mt



Messaġġ tal-President

# B'kuraġġ inħarsu lejn żminijiet aħjar…

**Carlo Sciberras**



Għeżież,

Naghtikom merħba f'dan l-appuntament annwali li aħna nżommu magħkom b'tant ħerqa u passjoni permezz ta' din il-pubblikazzjoni b'tifkira tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fir-raħal tal-Imqabba. Għaddiet sena oħra, sena oħra li ma kienet xejn faċli f'uħud minn l-esperjenzi li seħħew fiha relatati mal-Pandemija, però madanakollu għadna hawn b'ħarsitna 'l quddiem għal żminijiet isbaħ. Għadna hawn mimlijin enerġija u entużjażmu biex inkomplu għaddejjin bil-ħidma b'risq is-Soċjetà u l-Festa u fuq kollox għadna hawn, imfawrin b'tama u b'fiduċja għamja f'Santa Marija, Patruna u Protettriċi tal-Imqabbin.

Il-messaġġ ewlieni li nixtieq inwassal fl-okkażjoni tal-Festa ta' din is-sena huwa wieħed ta' ringrazzjament, gratitudni u kuraġġ. Żgur li ħadd ma jista' jkollu kliem biżżejjed biex ta' bilħaqq jirringrazzja l-kobor tal-ħidma u sagrifiċċju li jsiru minn tant persuni b'mod volontarju fis-Soċjetà tagħna f'kull sezzjoni, f'kull dipartiment u f'kull fergħa, għalhekk fejn ġeneralment ir-ringrazzjamenti jsiru fl-aħħar, nemmen li huwa propizju li dawn isiru fil-bidu nett ukoll, għaliex żgur li mingħajr dan il-kontribut qawwi ta' dawn il-persuni kif ukoll bis-sostenn tal-benefatturi, is-Soċjetà ma tkunx tista' tiffunzjona bl-operat tagħha. Għalkemm għamilna mid-29 ta' Ottubru 2020 sal-5 ta' Ġunju 2021 bil-bibien magħluqin minħabba l-pandemija, xorta nħasset il-qlubija tal-membri ħabrieka u benefatturi u l-ħidma baqgħet għaddejja u l-proġetti komplew ikunu ta' prijorità. Illum il-ġurnata wasalna fl-istadji konklussivi ta' ħafna proġetti li bdew bħala ħolma u ġew immaterjalizzati bħala realtà, dan kollu għamilnieh FLIMKIEN u għalhekk il-kelma 'grazzi' żgur li mhix biżżejjed. Il-gratitudni hi waħda kbira li tinkludi sal-iċken sehem fil-ħidma biex inkomplu mixjin 'il quddiem. Kulħadd uman u kulħadd jgħaddi minn żminijiet diffiċli u ta' tensjoni, b'mod partikulari fl-aħħar sena u nofs ta' pandemija li kompliet ukoll itaqqal lil kull individwu b'piżijiet ġodda, għalhekk nixtieq inwassal messaġġ ta' kuraġġ lil kull persuna li tagħmel parti minn din is-Soċjetà, kif ukoll lil komunità Mqabbija biex inkomplu nħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu u fiduċja f'Ommna Marija filwaqt li nfittxu aktar dak li jgħaqqadna minn dak li jifridna u nersqu aktar qrib lejn xulxin bħala umani f'komunità waħda u magħquda.

Għalkemm it-triq ma kinetx waħda faċli, is-sena 2021 se tkun sena ta' kisbiet għas-Soċjetà tagħna, fejn fiha rajna u se nkomplu naraw proġetti jimmaterjalizzaw irwieħhom bħal proġett tal-estensjoni tal-imħażen tas-Soċjetà fejn ix-xogħol kollu ta' kostruzzjoni issa huwa komplut, u għaddejna għal fażi tal-*finishings* li jinkludu xogħol ta' kisi, mogħdija ta' dawl u ilma u ħafna xogħol manwali ieħor. Il-proġett tal-estensjoni tal-imħażen kiseb il-fiduċja ta' diversi entitajiet fosthom il-Fondazzjoni Gal Xlokk, Servizzi Ewropej f'Malta u Fondi Ewropej li minn hawn nirringrazzjawhom tal-fiduċja fil-binja tal-ewwel sular, b'mod partikulari s-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Stefan Żrinżo Azzopardi. Huwa minnu li biex jiġi komplut proġett ta' din il-portata hekk kbira bl-estensjoni kompluta ta' żewġ sulari, mal-għajnuna



*Is-Sur Carlo Sciberras flimkien mas-Sur Terence Camilleri waqt l-iffirmar ta' ftehim mal-Fondazzjoni Gal Xlokk fuq miżura 2*

offruta minn dawn l-entitajiet kellna bżonn ukoll għajnuniet sostanzjali oħrajn u għalhekk minn hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor offra l-għajnuna manwali, professjonali u finanzjarja tiegħu f'dan il-proġett fosthom il-Periti tal-proġett is-Sur Manuel Żammit u l-Onor. Toni Bezzina, l-uffiċjal ta' Saħħa u Sigurtà s-Sur Stanley Azzopardi u bosta partitarji li middew idejhom f'xogħlijiet anċillari daqstant bżonnjużi fosthom is-Sinjuri Isaac Ellul, Ryan Cassar, Justin Galea u Mark Cardona flimkien mal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv. Żgur ukoll


ZAHRA
GROUP
BUILDING YOUR VISION
CREATING REALITY
HI-LAND
zahragroup.com.mt
IVECO
ZAH 010

wieħed japprezza s-servizz daqstant professjonali mill-kumpaniji Elbros Group, Zahra Group, Polidano Group, Ebcon Trading, Xelini u Bonnici Bros biex tlestew iż-żewġ sulari f'dak li għandu x'jaqsam ma kostruzzjoni. Apprezzament ukoll lejn is-servizz ta' MJK, David Borg, Frankie Grech, Ninu Galea, Joseph Ellul u Julian Farrugia. Grazzi wkoll lir-residenti tat-triq tal-koperazzjoni kbira li dejjem sibna mingħandhom.



*Waqt ix-xogħol ta' kostruzzjoni tat-tkabbir tal-imħażen tal-armar*

Il-proġett tal-Planċier Artistiku kompla għaddej fejn fost ħafna xogħol ta' pjanar u manwali sar xogħol artistiku fl-injam fil-gwarniċ tal-gallariji li ġew ukoll skulturati kif ukoll xogħol fuq il-gwarniċ li se jdur mal-planċier kollu u xogħol fuq il-pilastri maġġuri tiegħu bi skultura ġdida. Żgur li f'din il-pubblikazzjoni se jingħata rendikont tal-ħidma mwettqa fuq dan il-proġett. Minn hawn nirringrazzjaw lid-delegat tal-proġett is-Sur Michael Ghigo, flimkien mal-artist rinomat Manwel Grech u l-mastrudaxxi bravi Ninu Sammut u Joseph Mizzi.



*Parti mix-xogħlijiet tal-faċċata tal-Planċier*

Proġett ieħor li se nkunu qegħdin naraw f'dawn il-ġranet huwa l-proġett ta' restawr u konservazzjoni tal-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fil-pjazza tal-Imqabba xogħol l-iskultur rinomat Marco Montebello fl-1960, li wara ħafna snin ta' stennija u talbiet lil bosta entitajiet, il-Kumitat Eżekuttiv irnexxielu jġib dan il-finanzjament biex din l-opra artistika tkun



*Dettall tal-statwa ta' Santa Marija tal-Pjazza qabel ma nbeda r-restawr*



*Mastru Melvin Gauci waqt il-ħidma tar-restawr*

tista' titgawda fil-glorja kollha tagħha mill-parruċċani Mqabbin u minn kull min iżur raħalna. Dan il-proġett seta' jkun possibbli bil-għajnuna tal-Ministeru tat-Turiżmu mmexxi mill-Ministru l-Onor. Julia Farrugia Portelli li minn hawn nirringrazzjawha flimkien mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu li laqgħu t-talba tagħna mill-ewwel. Ix-xogħol ta' restawr u konservazzjoni ġie fdat f'idejn il-kumpanija Lapis Curet taħt id-direzzjoni ta' Mastru Melvin Gauci u Mastru Josef Sant li għamlu biċċa xogħol ċelebri ta' restawr estensiv peress illi l-ġebla kellha ħafna ħsara u wara sar ix-xogħol ta' konservazzjoni fejn fuq pariri professjonali morna għall-kunċett oriġinali tagħha. Ix-xogħlijiet kollha saru taħt is-superviżjoni tal-Perit David Zahra li huwa Perit speċjalizzat fuq il-konservazzjoni tal-ġebla u s-Sur Kenneth Cauchi mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali. Minn hawn nirringrazzjawhom. Ringrazzjament ukoll lejn il-ħidma mwettqa bl-akbar sengħa mis-Sur Brian Magri biex ġew megħluba xi diffikultajiet relatati mas-sistema ta' illuminazzjoni, hu kien assistit mis-Sur Michael Ghigo.

Proġett ieħor tal-Kumitat Eżekuttiv, din id-darba flimkien mal-Għaqda tal-Armar huwa l-proġett tar-restawr tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni fejn twettaq xogħol estensiv ta' restawr u xogħol artistiku li kien jinkludi rinfurzar, indurar u rħamar. Ix-xogħol ta' infurzar sar mis-Sur Michael Ghigo filwaqt li x-xogħol ta' indurar u rħamar sar mill-artist u restawratur is-Sur




# THE FOUNDATIONS OF AN ICON

An icon of contemporary architecture, Valletta's Parliament building is the first of its kind in Malta. Consisting of two massive blocks of stone, carefully balanced on slender columns as part of a UNESCO World Heritage Site, the foundation required a very special substructure. We're proud to have worked with an exceptional team of architects, structural engineers and surveyors, to create the advanced foundations needed for the iconic building in which the most important decisions are taken for our country.

POLIDANO

John Pace ta' Marsaxlokk. Is-Sur Felix Debono kien hemm għall kull ħtieġa ta' ġarr u trasport. Dan il-proġett sar grazzi għall-fond ta' għajnuna finanzjarja mill-Għaqda Każini tal-Banda u Arts Council Malta, li nirringrazzjawhom tal-fiduċja f'dan il-proġett. Dan il-Pedestall huwa ikona għall-Festa Titulari ta' Santa Marija u għandu 'l fuq minn 97 sena.



Is-Sur Michael Ghigo waqt il-ħidma ta' infurzar tal-Pedestall

Proprju din is-sena wkoll qegħdin naraw proġett ieħor li se jagħti dehra aktar majestuża lill-faċċata tas-sede tas-Soċjetà fejn sar investiment bil-bdil tal-granit ddeterjorat ta' barra, b'materjali aktar simboliċi u addattati għall-istess faċċata fejn intuża ż-żonqor t'Għawdex proprju bħal binja tal-faċċata tal-parlament, irħam u granit ieħor fuq parir u disinn tal-abbli Professur tal-Arkitettura, il-Perit Lino Bianco. Ix-xogħol ġie fdat f'idejn il-kumpanija rinomata Halmann Vella. Minn hawn nieħu l-opportunità nirringrazzja lil Ministru l-Onor. Owen Bonniċi u Infrastructure Malta tal-assistenza tagħhom f'dan il-proġett.

Dawn ta' hawn fuq kienu ftit mill-proġetti prinċipali li bħala Kumitat Eżekuttiv imbarkajna fihom matul dawn l-aħħar xhur, fejn ħafna mid-drabi l-ippjanar u l-ħidma saret fi żmien xejn feliċi li ġabet magħha l-Pandemija. Għalhekk, dan huwa eżempju ċar ta' konsistenza, kontinwità u kuraġġ u minn qalbna rridu nkomplu nwasslu dan il-messaġġ ta' kuraġġ biex ħadd ma jaqta' qalbu, u nkomplu nagħrfu nkunu proattivi biex kull diffikultà ndawruha flimkien f'opportunità kif fil-fatt qed nagħmlu. Minn dan l-spunt fuq il-proġetti kurrenti u proġetti oħra li għandna pjanati għall-futur irrid nirringrazzja lil kull min qed jagħti s-sehem tiegħu b'mod partikulari lis-Sinj. Marica Mifsud, Chairperson Sezzjoni Proġetti fi ħdan l-Kumitat Eżekuttiv tal-ħidma kbira tagħha f'kull applikazzjoni li tissottometti s-Soċjetà tagħna.

Il-ħajja bħal kull ħaġa oħra ġġib magħha wkoll mumenti ta' diqa u niket, fejn din is-sena s-Soċjetà tagħna ġarrbet it-telfa ta' żewġ benefatturi wlied is-Soċjetà s-Sur Mario Ellul u s-Sur Nicholas Ghigo. Minn hawn insellmu l-memorja ta' dawn iż-żewġ pilastri, kif ukoll tas-soċji kollha li ħallew din id-dinja matul din l-aħħar sena filwaqt li nestendu l-kondoljanzi tagħna lill-familji tagħhom. Filwaqt li nsellem il-memorja ta' Katie Galea u Marie Farrugia, insellmu wkoll il-memorja tas-Sur J.C. Azzopardi eks Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li għadda għal ħajja ta' dejjem matul din is-sena. F'din is-sena partikulari se nkunu qed infakkru wkoll il-25 sena u t-30 sena mill-mewt ta' mibkijin is-Sur Leonard Farrugia u Mro George Martin rispettivament.

Bħala Kumitat Eżekuttiv komplejna b'viżjoni aktar inklussiva u ta' leħqa fejn ġew maħtura rappreżentanzi mill-Fergħat kollha tas-Soċjetà bl-inkarigu li jkunu ta' kuntatt dirett bejn il-Kumitat Eżekuttiv u l-fergħat rappreżentattivi tagħhom. Komplejna nifthu l-bibien tas-Soċjetà bil-ħatra ta' tliet Presidenti Onorarji ġodda li huma l-Eks Presidenti s-Sur George Busuttil,



It-3 presidenti onorarji maħtura: is-Sur George Busuttil, Dr. Charles Sciberras u s-Sur Joseph Sciberras

Dr Charles Sciberras u s-Sur Joseph Sciberras. Il-Laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv, it-tagħlim mużikali u s-sessjonijiet tat-tfal tkomplew b'mod virtwali filwaqt li l-vuċi u l-preżenza tas-Soċjetà tagħna kompliet tissaħħaħ fuq il-mezzi soċjali permezz ta' inizjattivi u proġetti bħal *Inżejnu Djarna Nsebbħu Raħalna*!, *Rakkont Ħaj*, *15-Il Kappella*, *Tgħallem il-Mużika*, *Soċjetà Attiva* u *Identità*. Minn hawn nikkongratula ruħi mal-Kummissjoni Web tal-ħidma sfiqa tagħhom. Il-ħidma fil-post tan-nar u fl-imħażen tal-armar ma waqfitx, fejn il-membri kienu ta' forċina biex jżguraw il-kontinwità tant neċessarja f'dawn iż-żminijiet xejn faċli, fejn proprju bħalissa għaddejja wkoll ħidma fit-toroq mill-grupp tal-armar u fl-għelieqi mill-grupp tan-nar biex kemm jista' jkun l-atmosfera ta' Festa tkun waħda sabiħa, anke f'dawn iċ-ċirkustanzi.

Ħaġa ta' ammirazzjoni wkoll hi l-ħidma li saret fid-djar mill-membri b'risq l-armar. Is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet ta' ispirazzjoni u ammirazzjoni għall-poplu kollu, bil-preżentazzjoni ta' għajnuna lil Puttinu Cares bl-inizjattivi tant nobbli fejn permezz tagħhom ittejbet il-ħajja ta' tant tfal u familji fil-bżonn. Il-Kummissjoni Banda, Surmast, Assistent, Għalliem u Bandisti kienu ta' forċina biex niżguraw kontinwità u l-aqwa tagħlim għall-aljievi tagħna, kif ukoll sar investiment bil-għajnuna tal-Aġenzija Żgħażagħ fil-Banda tagħna. Il-Grupp tan-Nisa kien hemm ukoll għal kull ħtieġa, minn ħjata sa inizjattivi oħrajn matul s-sena u anke l-Klabb Tfal tat-Titular. L-istatwa ta' Santa Marija ta' fuq il-Mentna wkoll tinsab ikkultivata bl-aqwa mod possibbli u devot kuljum, minn hawn nirringrazzjaw lis-Sinj. Mary Rose Baldacchino li tieħu ħsieb tindokra lil dan il-monument. Biċċa xogħol tajba wkoll hi din


Reno Farrugia
Funeral Service
Għall Kull Xogħol
Ta' Funerali 24/7
16, Emerald, Triq Il-Konvoy ta' Santa Marija, Mqabba. Mob: 9949 1477



*L-istatwa ta' Santa Marija ta' fuq il-Mentna mżejna bil-fjuri*

l-istess pubblikazzjoni li għandkom f'idejkhom grazzi għal Bord Editorjali u n-negozji li jirreklamaw fiha. Għalhekk minn hawn nixtieq nestendi l-gratitudni tagħna lejn il-Fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nieħdu l-opportunità wkoll li nestendu r-ringrazzjamenti tagħna lis-Sur Joseph Camilleri għas-servizz kbir tiegħu kemm dam fil-kariga ta' *Licensee* tal-post tan-nar filwaqt li nestendu l-awgurju lil-*Licensee* attwali s-Sur Andrew Vassallo.

Ix-xogħol fil-każin għalkemm kien magħluq xorta waħda ma naqasx, tant li sar xogħol strutturali fih, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-bottegin fejn b'ħarsitna 'l quddiem, nħarsu għal operat innovattiv anke f'dak li għandu x'jaqsam mal-bottegin, li għandu jkun ta' attrazzjoni oħra fir-raħal tagħna. Il-Banka tal-Lottu tas-sede tas-Soċjetà wkoll ġiet rinovata u qiegħda topera fl-aħjar ambjent possibbli.

Il-Festa li jekk Alla jrid sejrin niċċelebraw din is-sena se tkun għal darba oħra ridotta f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjonijiet esterni, però ejja nqawwu qalbna l-għaliex iċ-ċelebrazzjonijiet fil-Knisja Parrokkjali sejrin isiru, għalhekk nirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna li se jkollna x-xorti nassistu b'mod devot kull funzjoni, bl-ikbar rigal għalina jkun li naraw il-ġmiel tal-vara Titulari ta' Santa Marija esposta fit-tempju tagħha propju din is-sena f'għeluq il-185 sena mill-miġja tagħha fostna.

Minn hawn nieħu l-opportunità nirringrazzja lill-Kappillan tal-Parroċċa Fr John P. Curmi tal-laqgħat kordjali li żammejna miegħu bħala Soċjetajiet Mużikali biex iż-żewġ festi fl-Imqabba jiġu ċċelebrati bl-aħjar mod possibbli skont iċ-ċirkustanzi, nirringrazzja wkoll lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju.

Minn hawn nappella għall-preżenza sabiħa fil-funzjonijiet tal-Knisja fejn sejrin naraw ukoll il-parteċipazzjoni tal-Banda tagħna f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, nappella wkoll għal għajnuna fl-armar u żarmar filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li jgħinu f'dawn ix-xogħlijiet manwali ta' armar u żarmar fil-knisja, filwaqt li nsellmu l-ħidma u l-impenn mill-Fratellanzi tas-Santissmu Sagrament u Rużarju Mqaddes flimkien mal-Fratellanzi Mqabbin kollha.

Nappella wkoll għall-ġenerożità kbira fil-ġbir biex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż tal-knisja fil-Festa ta' Santa Marija, din is-sena iktar minn qabel. Nagħmel ukoll appell speċjali għal dawk il-persuni li forsi jixtiequ jinvolvu ruħhom fis-Soċjetà u fl-istrutturi varji tagħha però joqogħdu lura, minn hawn inħeġġiġkom tersqu 'l quddiem u tkunu parti minn din l-istorja ta' suċċess.

Minn dawn l-aħħar versi nixtieq nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor kien ta' għajnuna għas-Soċjetà tagħna kemm fil-Festa Titulari ta' Santa Marija kif ukoll matul is-sena. Nirringrazzja b'mod partikulari lil sħabi membri tal-Kumitat Eżekuttiv, lis-soċji kollha, Fergħat, partitarji, benefatturi u emigranti flimkien mal-Konsulent Legali tas-Soċjetà Dr Mark Portelli u lill-Periti tas-Soċjetà L-Onor Toni Bezzina, is-Sur Manuel Żammit u s-Sur Omar Caruana.

Insellem ukoll u nirringrazzjaw lil Kappillan Fr John P. Curmi u Kleru, lis-Sindku s-Sur Omar Farrugia u Kunsilliera fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imqabba u lill-Pulizija tad-distrett kif ukoll lil Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Minn hawn ukoll insellem u f'isem is-Soċjetà nagħti merħba lil kull min ġie joqgħod l-Imqabba matul din is-sena.

Għalhekk, meta wieħed iqis iċ-ċirkustanzi preżenti, kemm f'Malta kif ukoll fid-dinja wieħed għandu jsib wens, tama u kuraġġ meta jara għaqda volontarja bħal tagħna tixpruna u tkompli miexja 'l quddiem permezz tal-ħidma volontarja kollettiva tal-membri fi ħdanha. L-impenn tagħna lkoll huwa wieħed kbir, flimkien ukoll mal-valuri tas-solidarjetà, l-imħabba lejn l-arti u l-kultura u d-devozzjoni lejn Ommna Marija li għamlu u jkomplu jagħmlu lis-Soċjetà tagħna fost is-soċjetajiet ewlenin f'pajjiżna. Ta' dan kollu ninsabu grati lejkom!

Minn qalbi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd. Viva Santa Marija!







BONNICI

ELBROS
built for life




CRANE HIRE &
LIFTING SERVICES


ZAHRA
GROUP



Awguri **għall-festa ta' Santa Marija**

**JULIA**
FARRUGIA PORTELLI

Ministru għall-Inklużjoni
u l-Kwalità tal-Ħajja

+356 7999 9936 info@juliafarrugia.com /juliafarrugia



Ta' Frida
Prop. Andrew Grech
Pet & Garden
103, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba - MQB 1309.
Tel: 2164 2693 • Mob: 7970 6677 • E-mail: fridapts@maltanet.net
Where you can find various pet foods, plants, trees, agricultural products and agricultural feeds.
Veterinary Service available every Wednesday
Mon - Fri: 8.00am - 12.00pm & 3.00pm - 7.00pm • Sat: 7.00am - 3.00pm
Premium Quality Rabbit Feeds
LEONE
KOUDIJS
SPAIN
Grup Alimentari Guissona
VANROBAEYS
Friskies
PROPLAN
Eukanuba
ANDREWS
Whiskas
Pedigree
SCIENCE PLAN
CIMiAO
Farmina
ROYAL CANIN
CIBAU




Il-Perit
Toni Bezzina
Jawgura
l-Festa t-Tajba
lil kulħadd
Minn fostkom għalikom
| 21490826
| 99430012
71, Triq Santa Katarina, iż-Żurrieq
perit.toni.bezzina@gmail.com



Messaġġ tas-Sindku

# Inħarsu 'l quddiem lejn ġejjieni li jkompli jgħaqqadna

**Omar Farrugia**



Għeżież,

Dawn is-sena u nofs kien perjodu ta' sfidi li matulu kellna nafrontaw dik li hija l-ikbar sfida ta' kull żmien. Pajjiżna u l-kumplament tad-dinja għaddejna minn żmien li ħadd minna ma basar li ser ngħaddu minnu. Ilkoll flimkien affaċċjajna u għadna niffaċjaw pandemija li laqtet lil kull faxxa tas-soċjetà. Pandemija li ma tħares lejn wiċċ ħadd u bħala pajjiż u nazzjon wieħed magħqud, irnexxielna nikumbattu l-virus tal-Covid-19 b'kawtela li l-interess uniku kien li filwaqt li l-ekonomija tkompli għaddejja, is-saħħa tagħna lkoll tibqa' ta' prijorità. Familji Maltin u Għawdxin għatxana li llum qbadna t-triq għan-normalità li tant konna ilna noħolmu dwarha.

Fl-Imqabba, il-ħidma tagħna ma waqfitx u ma ħarisna lura qatt. Għaddew sentejn minn meta beda l-impenn tiegħi bħala Sindku ta' dan ir-raħal. Qisu l-bieraħ! Flimkien ma' sħabi, ta' kuljum niddedikaw il-ħin tagħna sabiex bl-aħjar mod possibbli, naqdu d-dmirijiet li intom afdajtuna sabiex nirrappreżentawkom f'dan il-Kunsill. Sentejn li matulhom, rajna investiment kbir mingħajr ebda preċedent.

Grazzi għall-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, illum nistgħu ngħidu li għandna waħda mill-isbaħ pjazez f'pajjiżna, li flimkien mal-Ministru Ian Borg, inawgurajna xahrejn ilu. Investiment enormi li qed naraw dehra ferm isbaħ u kif tixraq għalina lkoll. Pjazza li ser tiġbor fiha kullana ta' memorji mill-imgħoddi u b'ottimiżmu nħarsu 'l quddiem li nkomplu ngawduha għall-ġejjieni. B'rabta ma' dan, tlesta wkoll il-ġibjun ġdid fi Triq Ġanni Darmanin, biex jilqa' fih ammont kbir ta' ilma li permezz tiegħu ser intaffu l-problema tal-għargħar li raħalna kkumbatta għal għexieren ta' snin. Investiment ieħor li llum huwa komplut, hija Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li ingħatat wiċċ ġdid u servizzi ġodda li jattrezzaw lil din l-istess triq, kif ukoll, wieħed jista' jinnota li Triq Valletta jew kif nafuha aħna t-triq tas-siġar, u Triq ta' Ħal Farruġ wara tant snin, qegħdin isiru mill-ġdid.

Ma' dan ukoll, ngħaqqad l-akbar proġett ambjentali li l-Kunsill investejna b'ko-finanzjament ta' Fondi Ewropej, ta' Green Infrastructure permezz ta' siġar indiġeni u sistema ta' irrigazzjoni tul il-by-pass kollha li komplejna nsebbħu din l-arterja mportanti. Ir-restawr ferm mixtieq tal-kappella ta' Santa Katarina fil-pjazza tagħna wasal fil-final tiegħu, li fil-ġranet li ġejjin ser tkompli tikkumplimenta s-sbuħija fil-qalba tal-lokal. Għamilna ħafna f'qasir żmien, iżda fadal ħafna iżjed x'niksbu flimkien!

Awwissu huwa xahar għal qalbna l-Imqabbin. Xahar li fih niċċelebraw il-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija. U għalkemm din is-sena għal darb'oħra mhux ser naraw il-festa tiġi ċċelebrata kif ilkoll nafuha, l-imħabba u d-devozzjoni lejn Ommna Marija Santissima tibqa' hemm għal dejjem. Dan huwa żmien li jkompli jgħaqqadna u jsaħħaħna sabiex ir-raħal inżommuh attiv u din is-Soċjetà tibqa' mħeġġa biex timxi quddiem. Tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani, intom biss tistgħu żżommu din is-Soċjetà ħajja u tibqa' ispirata, biex is-sena d-dieħla nerġgħu niċċelebraw flimkien.

Sadanittant, f'ismi u f'isem sħabi fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imqabba, nixtieqū nirringrazzjaw lill-Kumitat Eżekuttiv u l-fergħat kollha ta' din is-Soċjetà tal-kollaborazzjoni u l-koperazzjoni sħiħa li dejjem insibu mingħandhom sabiex din l-għaqda li għandna bejnietna, inkomplu nsaħħuha.

U intom ħuti Imqabbin, id f'id nibqgħu mixjin il-quddiem, biex l-għajta ta' kburija li aħna lkoll ulied dan ir-raħal, tibqa' ġo fina llum, għada u għal dak li ġej.

# Albion Vrt Station

**Triq Luret Cutajar, Zebbug ZBG 2731**
**Tel: 21467052 Mob: 99471703/99866576**
**Email: josef@albion.com.mt Website: albion.com.mt**
**Opening Hours: Mon-Fri 7.30am – 4.30pm Saturday 7.30am – 1.00pm**





**FOR:** **VRT TESTS AND INSPECTIONS**
**VEHICLE SERVICING AND REPAIRS**
**COMPUTERISED WHEEL ALIGNMENT**
**AIRCONDITION SERVICE AND REFILL**
**CAR BATTERIES**
**INSURANCE SALES**

LIKE US ON facebook

TOTAL Lubricants




***3***
***YEARS WARRANTY ON CAR BATTERIES***

MAPFRE | MIDDLESEA

Flora Grech is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553). Mapfre Middlesea is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on Long Term and General Business under the Insurance Business Act 1998. Mapfre Middlesea and Flora Grech are authorised by the MFSA.

## Contact us for a quotation



## Messaġġ mill-Kappillan

# Santa Marija tfakkarna

**Fr John P. Curmi**



Santa Marija reġgħet magħna. Festa Nazzjonali, devozzjoni ewkaristika fil-Gżejjer Maltin. Iżda l-importanti hu dak li din il-festa tfakkarna lkoll u ma tħalliniex ninsew.

Santa Marija tfakkarna li pajjiżna tassew hu s-sewwa. It-tlugħ fis-sema ta' Marija bir-ruħ u bil-ġisem ifakkarna u jħeġġiġna biex qatt ma ninsew jew inħallu barra l-ħarsa tagħna lejn is-sema.

Ħafna drabi nitfgħu l-ankri tagħna kolla hawn fuq l-art, bħal li kieku m'aħna se mmutu qatt, jew bħal li kieku dak li nakkwistaw fuq l-art se jibqa' tagħna u magħna għal dejjem. Iżda l-mewt tal-oħrajn u tal-aħħar, tagħna nfusna twasslilna din l-aljenazzjoni u turina ċar li ħadd mhu għal hawn u ħadd ma jieħu xejn miegħu.

Dan ma jfissirx li għandna niddisprezzaw il-ħajja tagħna hawn fuq l-art. Il-ħajja hi sabiħa u prezzjuża. Hi rigal ta' Alla u allura rridu ngħixuha sew, bis-sens, b' impenn u b' responsabiltà. Il-ħajja rridu narawha bħal taraġ li tarġa tarġa, jwassalna għal ġenna, għal post imħejji u merfugħ għalina minn Ġesù iben Marija. Aħna u tielgħin it-tarġiet kultant mhux mingħajr tbatija, irridu nħarsu ħafna lejn Marija bħala Omm u l-aqwa mudell li fuqu rridu nsawwru ħajjitna. Irridu nitgħallmu aktar nimxu ma Marija u bħal Marija. Għandna l-wens u l-għajnuna tagħha. Ma' din Marija b'fiduċja, nitilgħu kull tarġa tal-ħajja sa ma naslu magħha quddiem Ġesù fis-sema, il-vera pajjiżna.

Il-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.



Owen
BONNICI



# **IL-FESTA** T-TAJBA!

**Dr Owen Bonnici**
MINISTRU

www.owenbonnici.com
owen@owenbonnici.com

2180 2000



## Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali

# Sena ħidma fiż-żminijiet tal-pandemija

**Antoine Farrugia**



Għeżież Soċji, Partitarji u Benefatturi tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, reġa' wasal ix-xahar tant għażiż għalina l-Imqabbin fejn aħna t-Titulari Mqabbin niċċelebraw il-festa tal-Patruna tagħna u ta' din il-gżira Santa Marija.

Nibda biex nirringrazzja lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv uxxenti u nirringrazzja lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv il-ġdid li se jkun qiegħed imexxi s-Soċjetà tagħna matul is-sentejn li ġejjin.

Nibda dan l-artiklu annwali tiegħi fuq nota ta' diqa. F'dan il-mument nixtieq insellem lil żewġ partitarji fi ħdan din is-Soċjetà: lis-Sur Nicholas Ghigo u lis-Sur Mario Ellul. Żewġ persuni li kienu pilastri għas-Soċjetà fi żminijiet differenti. Kola (kif magħruf minn ħafna) kien pirotekniku u benefattur għas-Soċjetà. Mario, kien magħruf ma' kulħadd għat-tisjir f'attivitajiet li kienu jsiru minn diversi sezzjonijiet fi ħdan din is-Soċjetà fosthom mis-Sezzjoni Żgħażagħ u mill-Kumitat Eżekuttiv. In-nuqqas ta' dawn iż-żewġ persuni se jinħass sew fi ħdan is-Soċjetà.

Nixtieq insellem ukoll il-memorja tas-Sur J.C. Azzopardi eks Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li għadda għal ħajja ta' dejjem matul din is-sena. Dmir tagħna hu li nibqgħu niftakru fihom f'talbna.

Sakemm qiegħed nikteb dan l-artiklu, din is-sena minħabba l-miżuri marbuta mal-pandemija tal-Covid-19, il-festa esterna reġgħat ġiet kanċellata però l-festi nterni se jkunu qed isiru b'mod normali. Dan ma qatax qalb il-Kumitat Eżekuttiv fejn matul is-sena kompla għaddej b'diversi proġetti biex jiżdied l-investiment ta' propjetà li tipposjedi s-Soċjetà. Waqt li qiegħed nikteb dan l-artiklu, ninsabu fil-fażi finali tal-estensjoni tal-imħażen fi Triq Annetto Caruana biex wara l-festa jekk Alla jrid jingħata bidu għal xogħol ta' dawl u ilma.

Hawn inħeġġu lis-soċji u partitarji biex jgħinu fix-xogħol manwali kif ukoll finanzjarjament. Proġett ieħor li qegħdin naraw il-fażi finali tiegħu huwa l-proġett tar-restawr tal-faċċata tas-Sede tas-Soċjetà fejn matul il-jiem li għaddew tlesta t-tqegħid tal-irħam u z-zokklatura l-ġdida.

L-istatwa ta' Santa Marija tal-pjazza, matul dawn l-aħħar xhur, ukoll sarilha restawr estensiv li wasal fil-fażi finali tiegħu. Nirringrazzjaw lil min kien ta' appoġġ u sostenn f'dawn il-proġetti li minkejja l-isfidi tal-pandemija, bqajna nħarsu 'l quddiem.

L-Għaqda Armar baqgħet għaddejja bid-diversi proġetti tagħha fosthom il-pavaljuni ta' Triq il-Parroċċa kif ukoll restawr tal-pedestalli tal-anġli tal-istess triq. Sar ukoll restawr estensiv u rħamar tal-Pedestall il-Kbir mis-sur John Pace ta' Marsaxlokk wara fondi miksuba. Is-Sur Michael Ghigo kompla l-ħidma tiegħu wkoll fuq il-planċier. F'dan il-punt nixtieq nirringrazzja lill-individwi kollha li min bi ftit u min bil-ħafna jkunu ta' sostenn lejn l-Għaqda Armar.

Matul is-sena li għaddiet kellna transizzjoni tal-*Licensee* tal-Kamra tan-nar Santa Marija. Hawn nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lis-sur Joseph Camilleri u nawgura lis-Sur Andrew Vassallo tal-kariga l-ġdida tiegħu bħala *Licensee*.

Il-ħidma fl-Għaqda tan-Nar kemm tal-ajru kif ukoll tal-art baqgħet għaddejja b'mod normali fejn anke ngħatat spinta fil-manutenzjoni tal-post tan-nar biex ikun iktar sigur.

Il-Banda Re Ġorġ V baqgħet għaddejja bit-tagħlim virtwalment. Nammetti li għalkemm it-tagħlim baqa' jsir online, l-alljevi komplew jiżdiedu. Komplejna wkoll naħdmu fuq għajnuna finanzjarja b'risq il-banda tagħna mill-Aġenzija Żgħażagħ fejn hawn nirringrazzja lill-Kummissjoni Banda tax-xogħol siewi tagħha.

F'dawn l-aħħar sentejn pedina importanti fi ħdan is-Soċjetà tagħna kienet il-Kummissjoni WEB fejn ħarġu b'ideat innovattivi biex is-Soċjetà tagħna tkun tista' tintlaħaq iktar mis-soċji, partitarji u benefatturi. Kienet importanti wkoll il-ħolqa tal-Klabb Tfal tat-Titular b'sessjonijiet online.

Kif qegħdin taraw minkejja l-pandemija u r-restrizzjonijiet, ħidmet il-Kumitat Eżekuttiv u s-sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà tagħna baqgħet għaddejja ġmielha. Ringrazzjament speċjali jmur lejn il-Kunsill Lokali, l-forza tal-ordni, lill-kappillan u l-kleru, soċji, partitarji u benefatturi però l-ikbar grazzi tmur lejn Ommna Marija Assunta Patruna tagħna l-Imqabbin.

Viva Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V.




**MOIRA MAGRO TII LTD**

**Tied Insurance Intermediary for**

**MAPFRE**

**Triq Manwel Sciberras, Qrendi QRD1681**
**T: 2164 7694 M: 7921 1175 E: insurance@moiramagro.com**
**www.facebook.com/moiramagrotii**

Moira Magro TII Ltd is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act, Cap 487 of the Laws of Malta for MAPFRE. MAPFRE refers to MAPFRE Middlesea p.l.c. (C-5553) and MAPFRE MSV Life p.l.c. (C-15722). Both entities are authorised under the Insurance Business Act, Cap 403 of the Laws of Malta. Both the TII and the entities are regulated by the Malta Financial Services Authority.



## Appell mill-Kaxxier

# Tkompli l-ħidma fuq il-proġetti

**Carmel Briffa**



Għeżież Soċji, Partitarji u Benefatturi,

Ninsabu ftit jiem il-bogħod mill-Festa Titulari ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba li għal sena oħra se terġa' tkun differenti minn kif is-soltu konna norganizzaw. Però dan l-aħħar feġġ xaqq ta' dawl għaliex l-Awtoritajiet tal-Knisja taw l-permess sabiex il-festi ta' ġewwa jsiru bħal qabel mill-Kwindiċina sal-Ottava.

Din is-sena se nkunu nistgħu ngawdu l-vara artistika u devota tal-Assunta fil-Knisja Parrokkjali mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awwissu. Però mhux se nkunu nistgħu nilqawgħa fuq iz-zuntier u fit-toroq tar-raħal minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19 u għalkemm jidher li qegħdin nirritornaw lura għan normal, xorta tibqa l-inċertezza jekk jerġax ikollna mmorru lura għal dak kollu li għaddejna minnu dawn l-aħħar sentejn.

Kif jaf kulħadd għamilna minn Ottubru sa Mejju bil-każin magħluq għal tmien xhur sħaħ. Is-soċji u l-partitarji ma setgħux jinġabru flimkien minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V batiet ħafna u d-dħul naqas drastikament u għalkemm ix-xogħol baqa' għaddej xorta naqqasna mir-ritmu. Il-ħidma tal-Kumitat Eżekuttiv kompliet għaddejja u l-proġetti li kellna għaddejjin komplejniehom. Hawnhekk qiegħed nirreferi għal proġett tal-estensjoni tal-imħażen tal-armar fejn għadna kif lestejna x-xogħol tal-kostruzzjoni u issa jmiss li ngħaddu għal fażi li jmiss, dik tal-installazzjonijiet tad-dawl u l-ilma kif ukoll ix-xogħol ta' kisi u tibjid. Hawn nerġa' nappella lis-soċji u partitarji sabiex joffru ftit mill ħin tagħhom sabiex dan il-proġett jitlesta.

Qiegħed isir ukoll xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija tal-pjazza, xogħol li jekk alla jrid se jkun komplut sal-festa. Xogħol ieħor li wasal fl-aħħar fażi tiegħu huwa r-restawr tal-faċċata tal-każin li se tieħu dehra ġdida bit-tqegħid tal-irħam u żonqor.

Ma nistax ma nsemmix lis-sur Mario Ellul li ħalliena dan l-aħħar u li dejjem kien ta' għajnuna kbira għas-Soċjetà speċjalment għal Kumitat Eżekuttiv u s-Sezzjoni Żgħażagħ fejn jidħlu l-ikliet.

Kif qegħdin taraw, il-Kumitat Eżekuttiv preċedenti u dak preżenti baqgħu għaddejjin bl-impenji tagħhom minkejja l-pandemija u għalkemm kulħadd jaf li l-festi esterni mhumiex se jsiru aħna preparajna programm biex il-festi interni ġewwa l-knisja jsiru bl-aħjar mod possibbli. Għalhekk inħeġġukom sabiex tkunu ġenerużi fid-donazzjonijiet tagħkom. Bħalma tafu kemm is-Soċjetà kif ukoll il-festa jirrikjedu ħafna spejjeż u għalhekk nappella sabiex tkunu ġenerużi fil-ġabra li nagħmlu kif ukoll fil-ġbir li jsir mill-Kumitat Eżekuttiv.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lis-soċji, partitarji u benefatturi kollha tas-Soċjetà b'mod speċjali lil Elbros Group, Zahra Group u Polidano Group tal-għajnuna li dejjem sibna matul iż-żmien. Ejjew flimkien naħdmu bil-għaqal u f'għaqda waħda ħalli niżguraw futur mill-isbaħ għal din is-Soċjetà tant għażiża għalina.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u nħeġġiġkom sabiex flimkien magħna tattendu għal funzjonijiet kollha tal-knisja.

Inħeġġiġkom sabiex kif għamiltu dejjem, tibqgħu kunu ġenerużi mas-Soċjetà u għalkemm iż-żmien huwa diffiċli xorta waħda nistgħu nirnexxu.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin.



AginCare

Triq il-Pitiross, Għaxaq, Malta
Tel: 21252550
www.agincaremalta.com

XAROLLA
DENTAL CLINIC

Open Monday to Saturday 8.30 - 13.00
Monday to Friday 15.00 - 19.00

facebook.com/xarolladentalclinic

164, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq ŻRQ 2021
Tel: 2164 1741
xarolladental@gmail.com





## Messaġġ mid-Direttur Spiritwali

# Marija Assunta tiċċelebra magħna l-Qawmien tal-Mulej Ġesù

**Patri Joseph Zahra O.P.**



Quddiem ir-realtà tal-Qawmien tal-Mulej Ġesù mill-mewt, in-Nisrani jsib is-sens tat-twemmin tiegħu. San Pawl stess jgħallimna li kieku Kristu ma qamx mill-mewt, fierħa tkun il-predikazzjoni u l-fidi tagħna. (ara 1 Korintin 15: 14) Il-mewt m'għandhiex l-aħħar kelma.

L-Għid tal-Assunta, jgħinna fil-fidi tagħna, il-għaliex f'Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, il-knisja, sa mill-ewwel żminijiet rat id-destinazzjoni aħħarija li għaliha huwa msejjaħ kull bniedem. Bil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù, kull bniedem huwa ddestinat għas-"sema pajjiżna" (Filippin 3:20), fejn "Alla jkun kollox f'kollox". (1 Korintin 15:28)

Marija Assunta għalhekk hija x-xbieha per eċċellenza tal-Knisja tas-sema. Biex ikollna l-kapaċità naqraw din ix-xbieha, irridu nifhmu li l-ħajja eterna tibda minn issa, minn din id-dinja stess billi nipprattikaw dak li Sidna Ġesù Kristu għallimna, jiġifieri li nkunu kapaċi ngħixu fl-imħabba tiegħu, bħalma fl-aħħar mill-aħħar kienet kapaċi Marija Santissima. Hija l-imħabba li tagħti xhieda tal-Fidi u t-Tama tagħna.

Mhux ta' b'xejn li f'dan il-Għid tal-Assunta, il-Liturġija tpoġġilha quddiem għajnejna u għal meditazzjoni tagħna, ir-rakkont evanġeliku taż-żjara tal-Madonna lil Eliżabetta. Marija kienet imbuttata mill-imħabba ġenwina li kienet kapaċi tgħix, biex tmur ħalli bi mħabba kbira tgħin u tassisti lil qaribha Eliżabetta. Marija emmnet tabilħaqq li meta tagħti, tirċievi. Fil-fatt anke Marija kellha bżonn li tkun maħbuba ħafna f'dawk il-mumenti.

Kienet l-imħabba ta' Marija li f'dik il-laqgħa mliet lil Eliżabetta bl-Ispirtu s-Santu li minn naħa tagħha setgħet tagħraf il-fidi kbira u l-imħabba ġenwina tal-Madonna u proklamatha bħala "mbierka dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej!" (San Luqa 1:45)

Dan hu li tassew għandna nixtiequ lil xulxin u dan hu li nawguraw lil xulxin mhux biss fil-festa tal-Assunta, imma matul is-sena kollha. Jalla lkoll bl-interċessjoni tal-Patruna tagħna Santa Marija, nissaħħu fil-fidi tagħna billi ngħixu l-imħabba ġenwina u fraterna fil-konfront ta' xulxin bil-għarfien veru li Kristu miet għalina bi mħabba eterna biex jagħtina l-ħajja bla tmiem, dik il-ħajja li Marija Santissima diġà qiegħda tgawdi miegħu, imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Awguri lil kulħadd.


TROCADERO
Pastizzeria & Confectionery
Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju, Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**


NAWGURALKOM
IL-FESTA
T-TAJBA
Miriam
Customer care
9900 0809
Email
info@miriamdalli.com
@drmiriamdalli
@drmiriamdalli
miriamdalli



## Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V

# Ħidma bla waqfien fil-qasam mużikali

**Mro David Agius A.Mus L.C.M., A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM**



Għeżież segwaċi, ħadd ma kien qiegħed jistenna li se ngħaddu sena oħra mingħajr festa u mingħajr l-attivitajiet li s-Soċjetà tagħna hija msemmija għalihom matul is-sena. Inkunu pożittivi li issa forsi qegħdin naraw id-dawl fil-mina u noħorġu minn din is-sitwazzjoni mill-aktar fis possibbli, biex nibdew niġu lura għan-normalità. Normalità li se tkun b'mod naqra differenti li wieħed irid jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex żgur ma nerġgħux nispiċċaw kif konna bdejna.

Inħarsu b'mod pożittiv għall ġejjieni fejn bl-għaqal nibdew nirkupraw ftit ftit u nerġgħu nibdew niġu fuq saqajna. Bħala Surmast Direttur ħassejt in-nuqqas li niltaqgħa mal-mużiċisti, waqt il-provi kif ukoll waqt il-kunċerti. Dak in-nuqqas tal-ħoss tal-katuba fit-toroq tal-irħula Maltin f'dawn il-festi li huma tradizzjoni għall-pajjiżna. Wieħed hawn irid iqis li l-festa tradizzjonali Maltija hija fil-lista tal-World Heritage intanġibbli mill-UNESCO.

Hawnhekk fl-opinjoni tiegħi wieħed jista' jieħu vantaġġ minn din is-sitwazzjoni biex nirrestawraw it-tradizzjonalità fil-festi billi nagħmlu eżami u forsi nibdew niċċelebraw il-festi b'mod iktar tradizzjonali milli l-forma li bdew jieħdu sa sentejn ilu fejn kważi l-festi bdew isiru iktar lok ta' 'parties' milli festi, u niżguraw li l-banda tkun iċ-ċentru ta' kollox.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V minn dejjem kienet strumentali biex l-ispazju tal-banda dejjem ħallietu hemm u tat l-importanza għat-tagħlim mużikali, kif ukoll il-Kumitat Eżekuttiv dejjem ħa ħsieb biex jidħol għall-proġetti differenti bl-iskop li jinkisbu fondi li jkomplu jsostnu t-tagħlim mużikali. Nista' ngħid li dejjem sibt l-għajnuna meħtieġa u t-tagħlim anke f'dawn iż-żminijiet diffiċli baqa' għaddej mill-bidu nett mingħajr l-ebda interruzzjoni b'mod virtwali.

Fl-iskola tat-tagħlim tal-mużika fi ħdan is-Soċjetà rajna żieda fl-interess u hawn nixtieq nirringrazzja lil Assistant Surmast Rene' Camilleri kif ukoll lill-għalliem tal-istrumenti tar-ram is-Sur Neil Zammit, għall-impenn tagħhom biex flimkien qegħdin inressqu 'l quddiem iżjed mużiċisti lejn is-Soċjetà wisq għażiża għalina bl-iskop li nkabbru iktar in-numru tal-mużiċisti tal-lokal.

Il-pass 'il quddiem huwa dak li kemm jista' jkun ikollna mużiċisti tagħna li bil-mod volontarju jgħinu b'mod indirett fl-ispejjeż li se niffaċċjaw 'il quddiem minħabba din il-pandemija li ħakmitna.

Xħin se jerġa' jibda jiġi kollox għan-normal mhux se tkun xi ħaġa faċli għall-ebda Soċjetà iżda b'mod pożittiv bl-għaqal li dejjem ħaddnet din is-Soċjetà u bl-għajnuna ta' Santa Marija, għad nerġgħu nibdew ingawdu dawn iż-żminijiet sbieħ fejn il-banda tagħti sehemha taħt kull forma matul is-sena kollha.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd

Viva Santa Marija



*Il-Banda Re Ġorġ V fil-Knisja nhar il-Festa ta' Santa Marija 2020*


DiVINO
Wines & Spirits
Triq Santa Katarina, Mqabba
Selection of
Wines &
Spirits
starting from
€4.99
www.divino.mt
77025774
Drink responsibly



## Messaġġ mill-Assistent Surmast Direttur

# Sena diffiċli, b'ottimiżmu għall-futur

**Mro René Camilleri B.Eng.(Hons), ALCM**



Għeżież segwaċi, għaddiet sena oħra ferm diffiċli għal kulħadd. Minkejja l-ostakli li ġabet il-pandemija, nemmen li għandna nħarsu lejn il-futur b'ottimiżmu sabiex nerġgħu nibdew it-triq għan-normalità li twassalna għal festa tas-sena 2022. Apparti l-isfida finanzjarja, wara żmien ta' waqfien kull każin qed jiffaċċja problema fil-volontarjat. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Kummissjoni Web fi ħdan is-Soċjetà tagħna li permezz tal-kontenut onlajn żammew lilna l-partitarji b'ħeġġa għal iktar ħidma li tirrikjedi festa kompluta bħal tagħna.

Matul din is-sena, it-tagħlim tal-mużika kompla jingħata prijorità permezz ta' tliet lezzjonijiet *onlajn* fil-ġimgħa fejn rajna progress tajjeb ħafna fl-aljievi. Propju għalhekk, fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu se jiġi organizzat kunċert mill-aljievi li se jintwera *live* fuq il-*facebook page* tas-Soċjetà. Inħoss li kunċert tal-aljievi kull sena huwa pass importanti ħafna għal futur tal-Banda tagħna, sabiex mużiċist jagħmel kuraġġ ikompli jistudja l-arti tant sabiħa tal-mużika. Dan il-kunċert se jittella' grazzi għal fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ, wara li l-applikazzjoni li ssottomettejna bħala Kummissjoni Banda ġiet approva mill-istess aġenzija. Permezz ta' dan il-fond, inxtraw ukoll strumenti ġodda għall-aljievi.

Minn dan l-ispazju nixtieq nirringrazzja lis-Surmast David Agius u lill-Għalliem Neil Zammit talli flimkien bqajna naħdmu għal ġid tal-banda. Grazzi wkoll lill-Kumitat Eżekuttiv tas-sostenn sabiex il-Banda tingħata prijorità. Il-pandemija kkonfermat iktar l-importanza li kull persuna jkollu żvog apparti l-istudju akkademiku u x-xogħol. Hawnhekk inħeġġeġ lill-ġenituri biex jagħmlu kuntatt ma' xi membru tal-Kumitat Eżekuttiv u jagħtu l-opportunità lit-tfal tagħhom li jitgħallmu l-mużika fi ħdan l-iskola tal-Banda Re Ġorġ V.

Fl-aħħar, minkejja li fuq skala ridotta minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u lkoll flimkien ngħajtu "VIVA L-PATRUNA TAGĦNA L-IMQABBIN, SANTA MARIJA!"

Teddies Childcare Centre

- *Free childcare Scheme*
- *Where kids play and learn safely,*
- *Indoor and Outdoor Facilities*
- *From New Born to School Age.*
- *Daily programme of activities*
- *Airconditioned*
- *Opening hours*

*Mon. – Fri. 6:30am – 5:00pm*
*Sat. 8:30am – 12:00pm*

Filippu Farrugia Street,
Żurrieq ZRQ 2268
Tel: 2702 0362
Mob: 7964 1453
Email: teddieszrq@gmail.com

D.E.S.

DIE ECKE SIGGIEWI

All sorts of Stationery - Books - Photocopies - Passport Photos - Lamination - Gifts - Toys - Electronics - Party Items - Balloons - Accessories and More

*D.E.S. Malta, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, Malta*

+356 2146 3403

Party Supplies malta.com

For all your Costumes & Party needs

*Triq il-Kalkara tal-Gir, Zone 1, Central Business District Birkirkara, Mriehel, Malta, CBD 1030*

+356 2122 2227 / +356 7947 3870

WANNA PARTY

PARTY SUPPLIES

COSTUMES & ACCESSORIES

Visit us for all of your Party Needs

*Wanna Party, Daniel's Shopping Complex, Main Street, Hamrun, Malta*

+356 2123 3369

Find us on Facebook










## Messaġġ mill-Għalliem tal-Mużika

# ’Il fejn sejrin il-Każini tal-Banda?

**Neil Zammit**



Qabelxejn insellem lilkom qarrejja ta’ din il-pubblikazzjoni annwali fl-okkażjoni tal-Festa Titulari f’ġieh il-Verġni Marija Santissima mtella’ fis-sema.

Għażilt dan it-titlu kemxejn ambigwu għaliex din kienet waħda mill-mistoqsijiet l-aktar frekwenti matul dawn l-aħħar xhur fejn tidħol il-viżjoni tal-każini tal-banda għas-snin li ġejjin. Ilkoll qed ngħixu fi żmien partikolari, żmien ta’ inċertezzi u periklu għal saħħitna. Barra minn hekk, apparti dan kollu, l-impatt fuq il-volontarjat fi ħdan il-każini tal-banda qed jinħass sewwa, tant li dan qed jinxef ftit ftit mingħajr ħadd mhu qed jinduna, jew aħjar ħadd jew ftit qed jagħtu kas. Għaldaqstant, aħna fid-dmir illi waqt li nkomplu nsostnu lill-każini tal-banda, inħeġġu lil dawk ta’ madwarna li forsi birdu xi ftit, sabiex jagħtu ftit mill-ħin tagħhom b’risq il-kultura mużikali u artistika li tant jimpenjaw ruħhom għaliha l-każini matul is-sena kollha.

Ma rridx ninstema’ negattiv, però din hija r-realtà. B’xorti tajba, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba dejjem tat prijorità assoluta lit-tagħlim tal-mużika, tant li dan ma qata’ xejn matul din l-aħħar sena ta’ pandemija. L-istudenti komplew javvanzaw fl-istudji tagħhom u dan jawgura tajjeb ħafna għall-futur tal-banda. Huwa dan it-tagħlim li għandna nsostnu l-ewwel u qabel kollox, sabiex ninvestu f’edukazzjoni aktar sħiħa b’risq it-tfal tagħna, filwaqt li nkunu qed nagħtu xi ħaġa lura lill-komunità u s-settur tal-volontarjat. Inħeġġeġ aktar tfal sabiex jingħaqdu magħna u jesperjenzaw il-ġid kbir li tħalli l-mużika fil-bniedem tal-lum, meta ninsabu lkoll imdawra b’dinja ta’ stress u komplikazzjonijiet!

Fl-aħħar nett, nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv, b’mod partikolari lill-President Carlo Sciberras, is-Segretarju Antoine Farrugia u l-Kaxxier Carmel Briffa tal-impenn ġenwin tagħhom b’risq il-Banda tagħna.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!


tower ironmongery

WÜRTH FASTENERS | SIGMA COATINGS INTERIOR & EXTERIOR PAINT | PROTOOL POWER TOOLS | narex POWER TOOLS | V-TAC LED BULBS & TUBES | MOTTURA SECURITY LOCKS | Cuprinol WOOD TREATMENT | TOPEX HAND TOOLS

Kress POWER TOOLS | fumagalli RESIN OUTDOOR FITITNGS | ABB ELECTRICAL SUPPLIES | Unoair AIR TOOLS | CISA LOCKS | ARRIGONI SUN SHADING | NEO HAND TOOLS

DUPLICATE YOUR KEY NOW!

PROFESSIONAL KEY CUTTING HERE. SILCA YOUR GLOBAL PARTNER IN LOCKSMITHING

Tower Street, Żurrieq, ZRQ 2360

Tel: 2164 0196 • E-mail: towiro@maltanet.net



Messaġġ mill-Għaqda Armar

# It-tieni sena konsekuttiva b'nuqqas ta' armar għall-festa

**Ian Camilleri**

Il-pandemija li laqtet lid-dinja kollha inkluż pajjiżna u li kompliet tippersisti matul din is-sena se tkun il-kaġun biex għat-tieni sena konsekuttiva l-armar li jsebbaħ il-pjazza u l-madwar fil-ġimgħa tal-festa se jibqa' fl-imħażen. Sfortunatament din is-sena se jerġa' jkollna niċċelebraw festa b'differenza.

Dak kollu li jsebbaħ u jagħti kulur lill-pjazza tal-Imqabba għall-festa Titulari Mqabbija se jerġa' jkun assenti sakemm ma jkollniex direzzjoni differenti mill-Awtorità tas-Saħħa Pubblika. Jekk dejjem ikollna l-approvazzjonijiet neċessarji għandna l-ħsieb li nżanżnu l-Pedestall il-Kbir li għadu kif sarlu restawr estensiv u żebgħa ġdida.

Ix-xogħol fl-imħażen u fid-djar tagħna li kien inbeda s-sena l-oħra, nistgħu ngħidu li tkompla fejn kien possibbli u anke iffinalizzajna numru ta' proġetti.

**Tkabbir tal-imħażen**

Ikollok kemm ikollok spazju fejn taħżen l-armar qatt mhu biżżejjed. B'hekk inħass il-bżonn li jiżdiedu aktar swali fuq il-maħżen eżistenti. Il-kwantità ta' armar li żdied f'dawn l-aħħar snin huma x-xhieda ta' kemm kienet qiegħda tinħass il-ħtieġa ta' aktar spazju fejn naħżnu u naħdmu fuq l-armar.



*Parti mit-tielet sular tal-imħażen tal-armar*

Waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol tal-bini taż-żewġ sulari fuq dak eżistenti, l-ispazju fejn naħdmu kien wieħed limitat iżda bi ħsieb irnexxielna noħolqu spazju fejn xorta stajna nkomplu bil-ħidma tagħna. Fi ftit tax-xhur oħra se nkunu nistgħu napprezzaw u ngawdu minn din l-estensjoni li żgur se tħalli ħafna frott għas-snin li ġejjin. Minn hawn f'isem l-Għaqda tal-Armar, nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-ħidma mwettqa fuq dan il-proġett.

**Il-proġett ta' restawr tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni**

Kien ilu jinħass il-bżonn li jsir restawr u żebgħa mill-ġdid lill-pedestall tant prominenti u mfittex minn ħafna li jintrama għall-festa ta' Santa Marija. Qed nirreferi għall-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. Ta' min jgħid li dan il-Pedestall jinsab qrib l-ewwel ċentinarju tiegħu.

Kien fl-2017 fejn l-Għaqda tal-Armar bdiet bir-restawr tal-erbgħa Slaten li nsibu n-naħa ta' isfel tal-istess pedestall. L-istatwi kollha, Ġuditta, Ester, Abigail u Rebekka ġew irrestawrati u miżbugħin mill-ġdid mill-artist Imqabbi Rosario Zammit. Sas-sena l-oħra sar ukoll ir-restawr u żebgħa ġdida lil Kristu, il-Madonna u t-tliet anġli li nsibu n-naħa ta' fuq tal-pedestall. Kien qed jinħass il-bżonn urġenti li s-sħaba li nsibu taħt l-istatwi jsirilha restawr, fejn apparti dan sar ukoll dawl ġdid li se jirrifletti fuq l-istatwi biex



*Dettalji mill-Pedestall tal-Inkurunazzjoni wara r-restawr*



*Dettalji tal-parti ta' isfel tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni wara r-restawr*

30 Years of Service

ATTARD BROS

GROUP OF COMPANIES

Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



**Attard Bros. Co. Ltd.** — Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



**A.C.S. Ltd.** — Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



**Cementstone Mfg. Ltd.** — Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



**Attard Blue Mix Ltd.** — Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



**Eurocraft Ltd.** — Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



**Attard Developments Ltd.** — Developers of Residential and Commercial Buildings.

*Your Construction Partner*

www.attardbros.com

joħorġu aktar dellijiet. Dan dejjem grazzi għax-xogħol siewi u ta' esperjenza mis-Sur Zammit.

Meta nħarsu lejn il-qafas tal-pedestall, is-Sur Michael Ghigo ħa ħsieb jirranġa l-ħsarat li ġarrab matul is-snin u ħadem struttura tal-ħadid li se tipproteġih u tagħmilha aktar faċli biex jintrama.



*Dettalji tal-parti ta' fuq tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni wara r-restawr*

Kif semmejt s-sena l-oħra, il-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-Għaqda tal-Armar wasalna fi qbil biex jitqabbad l-artist bravu u ta' esperjenza John Pace biex jirrestawra, jiżbogħ u jindura mill-ġdid din l-opra artistika tad-diżinjatur bravu Abram Gatt. Nittamaw li dan il-Pedestall se nkunu nistgħu ngawduh fil-festa ta' din is-sena.

## Pavaljuni fi Triq il-Parroċċa

Fil-festa ta' sentejn ilu żżanżan l-ewwel pavaljun minn sett ta' ħamsa fi Triq il-Parroċċa.

Fil-perjodu ta' pandemija ta' dawn is-sentejn tajna spinta biex inkomplu u niffinalizzaw it-tfassil u l-ħjata tal-erba' pavaljuni l-oħra. B'hekk meta s-sitwazzjoni tirritorna għan-normal u l-festi jerġgħu jibdew ikunu ċċelebrati fil-glorja tagħhom se jkollna triq armata b'sett pavaljuni ġodda fjamanti.

Hawnhekk irrid nirringrazzja lil Antoine Abdilla u lill-mara tiegħi Daniela Camilleri li flimkien miegħi ħadna ħsieb infasslu u nħitu dawn il-pavaljuni. L-artist bravu s-Sur Ryan Stivala kompla jisfuma dawn il-pavaljuni biex bit-tama li meta jiżżanżnu jkunu lesti minn kollox. L-istess artist kompla jisfuma wkoll il-pavaljuni ta' Triq Valletta li għalkemm kienu lesti mill-ħjata kien għad jonqoshom l-isfumar.

## Pedestalli tal-anġli

Ix-xogħol fuq il-pedestalli tal-anġli li nsibu fi Triq il-Parroċċa, xogħol li nbeda sentejn ilu tkompla b'reqqa kbira matul din is-sena fejn qed noqorbu lejn l-aħħar ftit pedestalli.

Mill-pedestalli li bdejt nirrestawra matul is-sena l-oħra u li komplejt fuqhom din is-sena innutajt li kien hemm ħsara kbira li ħalliet is-susa fuq l-injam fejn anke saħansitra kelli nibdel biċċiet tal-injam li kien mittiekel. Bla dubju komplejt bit-trattament meħtieġ biex nippreservawhom għaż-żmien li ġej. F'numru ta' pedestalli kelli nżarma xi injam biex insewwi dak



*Partijiet mill-pedestalli tal-anġli li kellhom jiżżarmaw u l-fażi finali fejn inżebaħ bl-undercoat.*


FEJN L-ARTIĠJANAT TRADIZZJONALI
JILTAQA' MAL-ERA DIĠITALI
Nintroduċu l-BOV Cards il-ġodda
BOV
VISA
Kellimna | 2131 2020 | bov.com
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).
BOV
Bank of Valletta

STEFAN
ZRINZO
AZZOPARDI
Segretarju Parlamentari
Il-Festa t-Tajba!
7968 1171 stefan@zrinzo.com
Uffiċċju Birżebbuġa 40, Triq il-Brolli
Uffiċċju Żurrieq 4, Triq it-Taħħan
@stefanzrinzo



*Skultura tal-pedestalli tal-anġli fil-proċess fejn tnaddfu miż-żebgħa u ġew sfumati mill-ġdid*

imkisser li ma kienx jidher minn barra. Kif tibda tqaxxar iż-żebgħa tinduna l-ħsara kemm hi kbira. Il-pedestalli tlestew bl-*under coat* bil-lest biex jinżebgħu.

Peress li konna ngħatajna l-parir minn diversi artisti professjonali li dawn il-pedestalli għandhom jinżebgħu fuq stil Venezjan biex jikkumplimentaw il-pedestall tal-inkurunazzjoni, l-artist żagħżugħ Imqabbi Jesmar Gauci daħal għax-xogħol taż-żebgħa u l-induratura.

**Triq Karmenu Ciantar**

Meta ssemmi din it-triq dejjem jiġu f'moħħna l-istatwi sbieħ li jikkumplimentaw mal-armar li jintrama fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Marija. Din is-sena kellna naraw statwa oħra maħduma mill-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi, iżda minħabba s-sitwazzjoni preżenti, din l-istatwa mhix se tintrama. L-istess statwarju wegħdna li sal-festa ta' din is-sena għandu jgħaddilna ż-żewġ statwi mwegħdin biex b'hekk inkunu qegħdin noqorbu lejn it-tmiem ta' dan il-proġett. L-istatwi mwegħdin huma ta' San Pawl u San Luqa.

Matul din is-sena, is-Sinjura Alison Falzon lestiet l-induratura tal-labardi tal-arbli li nsibu fl-istess triq. Is-Sur Raymond Vella li hu wieħed mill-partitarji ħabrieka li għandha s-Soċjetà kompla bix-xogħol tal-liedna, fejn ħadem liedna ġdida għal Triq Karmenu Ciantar u għall-Pjazza Ġublew id-Djamanti.

**Ringrazzjamenti**

L-ewwel ringrazzjament bħal imur għas-sinjuri Ninu Sammut u Mario Camilleri li dejjem insibuhom minn ta' quddiem meta niġu għall-konsultazzjoni u għall-pariri siewja li jagħtuna.

L-armar u ż-żarmar fit-toroq ma jista' jsir qatt jekk mhux bil-għajnuna ta' ħafna voluntieri li jagħtu ħinhom u saħħithom fiż-żminijiet impenjattiva tal-Festa.

Minn hawn nirringrazzja lis-Sur Alex Falzon u s-Sur Ivan Falzon tal-impenn flimkien mal-grupp tagħhom fejn jintrama u jiżżarma kollox fl-inqas żmien possibbli.

Apprezzament ukoll lill-Kumitat Eżekuttiv tas-sehem fl-armar u ż-żarmar tal-mains u l-fistuni. Dan ma jistax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-isponsors prinċipali li huma Elbros Group, Zahra Group, Polidano Group, Anthony Galea (il-Beqqa), Ludwig Micallef u Felix Debono li ta' kull sena jagħtuna l-appoġġ tagħhom b'mod speċjali fl-użu tal-makkinarji biex jinġarr u jintrama l-armar.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil kull min b'mod manwali jew finanzjarju ta sehmu matul is-snin biex inkunu nistgħu narmaw armar mill-isbaħ għall-festa Titulari.

Viva Santa Marija.

mcsims



# Tkompli l-ħidma fuq il-Plançier Artistiku

Michael Ghigo







Għaddiet sena oħra u l-ħidma fuq il-Planċier ma waqfet xejn. Minkejja li l-Festa esterna ser terġa ma ssirx minħabba l-pandemija, xejn ma qatalna qalbna milli nkomplu naħdmu bla waqfien fuq dan il-proġett.

Nibdew biex nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol li sar matul din is-sena fejn lejn l-aħħar ta' Awwissu tal-2020 wara pawsa qasira fix-xahar tal-Festa komplejna bil-ħidma billi bdejt ix-xogħol tal-*fiber* tal-gwarniċa li d-dawwar il-parti ta' fuq tal-istess Planċier. Wara li tlesta dan ix-xogħol l-istess gwarniċa bdiet tingħaqad mat-tondjatura ta' taħtha.

Għal-ħabta ta' Diċembru bdejt ngħaqqad il-pilastri tal-kantunieri, biċċa xogħol oħra ta' preġju. Wara bdew isiru l-pilastri, 16 b'kollox li huma pożizzjonati madwar it-tondjatura kolla ta' wara tal-Planċier kif ukoll bdew jinħarġu il-forom tal-*fiber* tal-iskultura tagħhom.

Iżda il-ħidma ma ffukatx biss fuq il-parti tat-tondjatura iżda wkoll fuq diversi aspetti tal-faċċata tal-istess Planċier, ħidma li diġà kienet bdiet fis-sena preċedenti. Ħidma li kienet tinkludi xogħol fuq iż-żewġ pilastri li nsibu mat-taraġ kif ukoll xogħol mill-aktar dettaljat fuq iċ-ċentru tal-faċċata.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lis-Sur Anthony Sammut (il-Gażżu) tal-għajnuna fejn jidħol xogħol fl-injam kif ukoll lis-Sur Rene Mizzi għax-xogħol fuq l-iskultura tal-pilastri. Dan ix-xogħol għamilnieħ kollu taħt is-superviżjoni tas-Sur Manuel Grech tar-Rabat Għawdex li minn qalbi nirringrazzjah ukoll.

Ix-xogħol ma jaqta xejn fuq dan il-proġett kolossali ser jibqa' għaddej b'dan ir-ritmu sabiex jekk Alla jrid u bil-għajnuna ta' Santa Marija fis-snin li ġejjin ikollna proġett ġojjell u opra artistika mill-aqwa kif jixraq lil Banda Re Ġorġ V u lill-Festa Titulari ta' Santa Marija.





L-Inġinier
Stanley
Zammit
IL-KANDIDAT FUQ IL-ĦAMES DISTRETT
Nawgura
l-festa t-tajba
lil kulħadd
7942 0596
stanley.zammit@gmail.com
StanleyZammitIng




Love of beauty is taste.
The creation of beauty is art.
ArtiĠenjali
Mob: 9982 0269
like us on
facebook
ArtiĠenjali
...ta' Skutu



Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar

# Ħidma bla waqfien fl-Arti tal-Piroteknika

**Andrew Vassallo**



Għeżież Soċji, Partitarji u Benefatturi,

Qiegħed nikteb dan l-artiklu bħala Licensee tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba. Kariga li bdejt nokkupa minn Settembru tal-2020. Kariga li ġġib magħha diversi sfidi u responsabbiltajiet.

Nibda dan l-artiklu billi nsellem u nirringrazzja lil Licensee preċedenti, is-Sur Joseph Camilleri li serva f'din il-kariga għal snin twal, fejn ħadem bi sħiħ u b'dedikazzjoni kbira għal din l-għaqda. Grazzi Joseph.

Nagħti ħarsa lejn is-sena li għaddiet fejn wara r-restrizzjonijiet li kellna mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika matul il-Festa tas-sena li għaddiet u minkejja kollox, xorta waħda ħraqna diversi settijiet ta' murtali f'Jum l-Assunta, fejn tal-anqas irnexxielna noħolqu ftit atmosfera ta' Festa kif stajna.

Wara s-Sajf tal-2020, minkejja d-diversi inċertezzi dwar x'ser jiġri matul is-sena u aktar u aktar matul is-Sajf tal-2021, il-ħidma fi ħdan l-Għaqda tagħna ma waqfet qatt. Minkejja l-problemi tal-Pandemija li kompliet tippersisti, xorta waħda l-ħidma baqgħet għaddejja b'mod responsabbli ġewwa l-Post tan-Nar. Dan kollu grazzi għall-membri ħabrieka tagħna.



*Diversi murtali waqt il-proċess ta' tnixxif*

Apparti l-ħidma Piroteknika, matul din ix-Xitwa komplejna ninvestu fuq aktar sigurtà ġewwa l-Post tan-Nar. Dan grazzi għall-Fondi li ħadna taħt l-iskema 'Finanzjament għal titjib ta' sigurtà fil-Kmamar tan-Nar volontarji' fond amministrat mill-Kunsill Malti għall-Arti. Permezz ta' din l-għajnuna din is-sena nvestejna f'tinda ġdida fejn isir il-proċess tal-istilla, kif ukoll rinovar sħiħ tal-kamra fejn timtela l-berqa.

Għal Festa ta' din is-sena l-Għaqda tagħna ħejjiet programm Piroteknku għall-Lejlet u nhar il-Festa ta' Santa Marija jiġifieri l-14 u l-15 ta' Awwissu, fejn se nkunu qegħdin naħarqu diversi Kaxxi nfernali, settijiet ta' Murtaletti bil-logħob, murtali tal-beraq u kulur, blalen u sfejjer u ftuħ tal-kulur.

Sfortunatament għat-tieni sena konsekuttiva l-ħruq tan-Nar tal-Art mhuwiex permess minħabba restrizzjonijiet maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika. Minn hawn nixtieq insellem lil sħabna l-voluntiera li jaħdmu n-Nar tal-Art u li sfortunatament din is-sena mhumiex se jkunu jistgħu jgawdu xi ftit mill-prodotti tagħhom. Minn hawn nirringrazzja lil dawn il-voluntiera tax-xogħol u l-ħidma tagħhom filwaqt li nagħmilhom kuraġġ għall-ġejjieni sabiex ma ndumux ma nkunu nistgħu nerġgħu nibdew ingawdu din l-arti unika.

Filwaqt li nirringrazzja lis-Soċji, lill-Partitarji u l-Benefatturi tal-appoġġ li dejjem tajtuna permezz tad-donazzjonijiet, inħeġġukom sabiex f'dawn iż-żminijiet tkomplu tgħinuna kif tistgħu. Tifhmu li l-piż finanzjarju huwa kbir, aktar u aktar f'dawn iż-żminijiet ta' Pandemija u sabiex inkunu nistgħu nkomplu nagħmlu spettakli ta' Nar mill-aqwa jirrikjedu flejjes kbar. Għalhekk minn qalbna nirringrazzjawkom bil-quddiem tad-donazzjonijiet u għajnuna tagħkom. Nirringrazzja wkoll lil Kumitat Eżekuttiv kif ukoll lis-sidien tal-għelieqi li minnhom jinħaraq in-Nar, kif ukoll lil sħabi kollha tal-Kamra tan-Nar.

Bħala Licensee tal-Kamra tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba f'isem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija nirringrazzja lis-Sur Benny Briffa, il-Licensee tal-Kamra tan-Nar Madonna tal-Ġilju u lil sħabu kollha ta' din l-istess għaqda, tal-ħbiberija sinċiera u l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ għaqdiet. Nawguraw li din il-ħbiberija ta' bejnietna nkomplu nsaħħuha ħalli nuru li aħna lkoll aħwa Mqabbin

Il-ħidma fil-Piroteknika hija ħidma mill-aktar vasta u hija ħidma li ma tidhirx. Ta' min jgħid li l-membri volontarji tagħna iqattgħu sigħat twal flimkien ġewwa l-Post tan-Nar. Hekk kif tgħaddi l-Festa nerġgħu


The Fruit Shop
Fresh fruit every day
Prop. George Attard
9th April 1942 Street, Mqabba
Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151


TIMELESS
HOME & DECOR
The shop where you find everything under one roof!
Valletta Road, Zurrieq
Tel: 2733 0622
Opening Hours: 9:00 till 13:00 | 16:00 till 19:00
125, 21st September Avenue Naxxar
Tel: 2789 3098
Opening Hours: 9:30 till 12:30 | 16:00 till 19:00
Email: timelessmalta@gmail.com

nibdew mill-ewwel nippreparaw għas-sena ta' wara, f'kelma waħda, sena sħiħa ħidma bla waqfien.

Dan kollu aħna nagħmluh b'dedikazzjoni kbira u bi mħabba lejn din l-Arti unika, fejn fl-istess ħin huwa passatemp li dejjem jagħtina sodisfazzjon. Iżda fl-aħħar mill-aħħar nagħmluh bi mħabba lejn l-Għaqda tagħna, lejn is-Soċjetà, il-Festa u lejn il-Patruna tagħna Santa Marija.



*It-tinda l-ġdida fejn isir il-proċess tal-istilla waqt il-fażi ta' kostruzzjoni*



*It-tinda l-ġdida fejn isir il-proċess tal-istilla*



*Ir-rinovar tal-kamra fejn timtela l-berqa*



*Ir-rinovar tal-kamra fejn timtela l-berqa*

L-Għaqda tan-nar Santa Marija tal-Imqabba
tirringrazzja mill-qalb
lil kull membru fi ħdanha
tas-servizz kbir
kemm fin-Nar tal-Ajru u tal-Art
li jagħtu b'tant dedikazzjoni u mħabba
b'risq l-istess għaqda
u għall-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija
u b'risq is-Soċjetà tagħna li tant ngħożżu.

# JMA Aluminium works



Joseph Mizzi Aluminium works

**FREE QUOTATIONS**

Address Work shop & Office
LQA040A
Luqa industrial estate
Luqa,MALTA.

mob : 99445686

Email : mizalum@gmail.com

For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works.

We fabricate aluminium apertures like doors & windows with new profiles and a large range of colours .

We cater for customer made structure as greenhouse,verandas,skylight,facades and more.

Call for free quotation for :



- Louvers fixed & adjustable
- Double glazed apertures (with Argon Gas)
- Showers & Partitions
- Insect screens & Roller nets
- Hinged , Sliding & Revolving apertures
- Maltese Balcony's , Stairs & Handrails
- Security Main Doors
- Arched apertures & Folding doors



We do also Soffit Ceilings in Mineral Fibre & Gypsum in various models




Stefano Vella Photography











# C&G HARDWARE STORE

**45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA**

**TEL N^OS: 21642167 • 99885491**

- CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
- NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
- WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
- ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
- ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
- GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
- GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
- LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
- ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
- METAL FANS + GAS HEATERS
- 10% DISCOUNT ON PAINT
- CAR ACCESSORIES
- LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
- IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS

MOTTURA
SIGMA COATINGS
Sika
HAMMERITE DIRECT TO RUST METAL PAINT
CISA
WÜRTH THE ASSEMBLY PROFESSIONALS
narex
Cuprinol
SILCA



## Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ

# Sena oħra ta' sfidi u kuraġġ

**Maria Ghigo**

Reġa' wasal Awwissu, u dak ifisser li reġgħat waslet festa oħra f'ġieħ Ommna L-Assunta! Ħafna mill-pjanijiet li aħna ż-żgħażagħ kellna għal din is-sena, kellhom jiġu sospiżi għal sena oħra, minħabba r-raġuni tal-pandemija li laqtet lid-dinja kollha.

Matul l-aħħar sena li laqtitna l-pandemija, kellna bosta pjanijiet, fosthom dwar attivitajiet innovattivi li nistgħu nagħmlu, kif nistgħu nkabbru l-marċ tat-Tielet Jum tat-Tridu u kif ukoll fuq proġetti li jridu jsiru fil-futur. Minkejja li din is-sena naqqasna fil-qasam tal-attivitajiet minħabba l-pandemija, xorta waħda bqajna attivi. Dan billi użajna dan il-ħin prezzjuż biex nevalwaw u nfasslu pjan għall-festa tas-sena dieħla. Dan il-pjan jinvolvi bosta attivitajiet ġodda li ġo raħalna se jkunu minn tal-ewwel biex nesperjenzawhom. Nittamaw biss biex dan ix-xogħol, li ilna nippjanaw tista' tgħid għal dawn l-aħħar sentejn, nkunu nistgħu ngawduh fil-festa tas-sena dieħla, maż-żgħażagħ, soċji, partitarji u benefatturi tas-Soċjetà tagħna.



*Uħud mill-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ quddiem l-Istatwa ta' Santa Marija tal-Mentna*

Ma nistax ma nsemmix l-inawgurazzjoni tal-proġett tal-pavaljun tad-dawl li kellna s-sena l-oħra. Kienet xewqa ta' ħafna partitarji u żgħażagħ li jkollna proġett innovattiv ġewwa raħalna, b'mod speċjali l-ħabib tagħna Mario Ellul. Kien bis-saħħa tiegħu, li bħala Sezzjoni Żgħażagħ wettaqna għall-ewwel darba proġett bħal dan. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba, tibqa' grata lejn Mario Ellul u l-familja tiegħu, mhux biss minħabba l-għajnuna li tagħna, imma wkoll qawwina b'kuraġġ u enerġija f'mumenti fejn sibna l-ostakli.

Mario kien parti mill-familja tagħna. Huwa wkoll parti mill-istorja ta' din is-Sezzjoni Żgħażagħ li tant kellu għal qalbu. F'kull attività li għamilna, Mario kien dejjem ta' għajnuna kbira għalina, u ta' dan nibqgħu grati lejh tal-kuraġġ li dejjem tagħna biex qatt ma naqtgħu qalbna, imma dejjem naħsbu fil-pożittiv u kif se nkabbru din is-Sezzjoni. Kemm-il darba Mario stedinna bħala żgħażagħ biex ingawdu lil xulxin u nifirħu b'xulxin. Dawn il-mumenti tant prezzjużi żgur ħadd minna ma huwa se jinsiehom. Dħakna flimkien, bkejna flimkien, kif ukoll fraħna flimkien. Mario, grazzi ta' kollox! Grazzi tal-esperjenzi li tajtna bħala żgħażagħ.

Grazzi ta' kemm-il darba emmint f'din is-Sezzjoni Żgħażagħ u wrejtna li xejn ma huwa impossibbli bil-ħidma magħquda tagħna. Grazzi tal-imħabba li tajtna, kemm lil din is-Sezzjoni, kif ukoll lil kull wieħed u waħda minna personalment. Grazzi ta' kemm rawwimtna bil-fiduċja u għallimtna kif inħobbu iżjed il-festa u l-Assunta. L-imħabba lejk ma tieqaf qatt. Ninsabu ċerti li bħalissa qiegħed tħares lejna, ħdejn Santa Marija, u nwegħduk li kulma tkellimna fuqu u fuq kif inkabbru l-festa, sejrin inwettquh. Grazzi ta' kollox Mario.



*Membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ flimkien mal-mibki is-Sur Mario Ellul*



WE'RE ALWAYS THERE.
AGAINST ALL ODDS.
GASANMAMO.COM
QUOTE • BUY • RENEW
Joseph Busuttil
Tied Insurance Intermediary
61, Żurrieq Road, Ħal Safi
T: +356 2168 2095, 2768 2095
insurance@gasanmamo.com
GasanMamo
INSURANCE
JOSEPH BUSUTTIL (ENROLMENT NO. 196079M) IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE DISTRIBUTION ACT TO CARRY OUT TIED INSURANCE INTERMEDIARY ACTIVITIES FOR GASANMAMO INSURANCE LTD. AS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT. BOTH ARE REGULATED BY THE MFSA




DI ROCCO
TRADING LIMITED
Prince Albert Street, Albert Town, Marsa MRS1045
Tel: 2122 7344/2 Mob: 7947 8222, 7909 2673
Email : info@diroccotrading.com
Visit our website to view
our vast range of items!
www.diroccotrading.com
Food Packaging
Disposables
Catering Disposables
Storage
Handling

F'April li għadda, żorna lil ħbieb tagħna Rennie u Angele, ġewwa r-Rainbow Ward, li jmexxu l-organizzazzjoni ta' Puttinu Cares. B'risq din l-organizzazzjoni, wettaqna żewġ avvenimenti kbar fi snin li għaddew li bis-saħħa tas-sapport kontinwu li sibna mingħand kulħadd, irnexxielna niġbru donazzjoni ta' €4,000. Dawn il-flus kienu miġbura propju minn 'Milied fil-Misraħ 2019' u 'Mqabba 5000 For Puttinu'. Meta nżuru lil dawn il-ħbieb tagħna, dejjem nimtlew bil-kuraġġ sabiex nivvintaw u noħolqu attivitajiet iktar ġodda u uniċi ġewwa raħalna. B'hekk, mhux biss nkunu qegħdin nieħdu gost flimkien imma wkoll niġbru l-flus għal kawża ġusta.



Preżentazzjoni tad-donazzjoni lil Puttinu Cares

Għal din is-sena, minkejja r-restrizzjonijiet, ħa naħdmu flimkien, bħala żgħażagħ magħqudin biex nagħmlu minn kollox li hu possibbli, biex nagħtu festa glorjuża li tixraq lil Santa Marija. Għalhekk, minn hawn nixtieq nagħlaq billi nibda ngħid grazzi lil kull min b'xi mod ta l-għajnuna tiegħu lil din is-sezzjoni. Kull għajnuna u sagrifiċċju li tajtuna kienet apprezzata minn kulħadd. Nixtieq ngħid ukoll grazzi lil sħabi ż-żgħażagħ, li baqgħu attivi matul l-aħħar snin. Permezz ta' dawn iż-żgħażagħ, din is-Sezzjoni toħroġ b'attivitajiet innovattivi u oriġinali. B'hekk tista' tgħid li din is-Sezzjoni Żgħażagħ hija l-iktar waħda attiva ġewwa raħalna.

Nieħu din l-opportunità wkoll sabiex inħeġġeġ iżjed żgħażagħ partitarji tagħna li għandhom għal qalbhom il-festa ta' Santa Marija, sabiex jingħaqdu f'din is-sezzjoni u b'hekk inkunu nistgħu nkomplu nkabbru din l-akbar festa Mqabbija. Fl-aħħar u mhux l-inqas, ngħid grazzi kbira lil Ommna Santa Marija talli żżomm idejk fuqna u nkomplu naħdmu flimkien. Nitolbok biex tkompli tħarisna u trawwimna bil-fidi tiegħek, u għalhekk nkomplu ngħollu l-isem ta' din is-Sezzjoni Żgħażagħ u ta' din is-Soċjetà.

Viva Santa Marija Omm u Patruna tal-Imqabbin!





A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.

St. Paul's Dental Clinic
Dolmen Street
Safi

TEL: 27560272
MOB: 79092400





## Messaġġ mill-Kummissjoni WEB

# Inwasslu l-emozzjonijiet tal-festa permezz tat-teknoloġija

**Marica Mifsud**

Żgur li ma kienet ix-xewqa ta' ħadd minna lkoll li għat-tieni sena konsekuttiva, dawn il-kitbiet miġbura qegħdin jiġu mwassla lilkom fl-okkażjoni tal-festa għażiża tal-Assunta f'ċirkustanzi fejn iċ-ċelebrazzjonijiet huma tassew limitati.

Hu tassew mument diffiċli meta jaslu dawk il-ġranet ta' Awwissu tant mistennija però magħhom ma jaslux il-ħsejjes, id-dawl, id-daqq, il-kuluri li ġġib magħha l-festa. Għalkemm il-karatteristiċi tal-festa ta' din is-sena huma verament limitati, dawn il-ġranet li ninsabu fihom xorta waħdu jġibulna emozzjonijiet kbar, ferħ, tifkiriet sbieħ u fuq kollox devozzjoni u qima lejn Ommna Marija sabiex niċċelebrawHa f'Jum l-Assunzjoni tagħHa.

L-emozzjonijiet li għadna kif semmejna, nistgħu ngħidu li huma l-iskop tal-ħidma mingħajr waqfien ta' din il-kummissjoni. Il-Kummissjoni WEB hi tassew fergħa ħajja fil-komunità Mqabbija, u matul dawn l-aħħar xhur refgħet iktar piż sabiex tibqa' viċin in-nies bl-aktar mod popolari għal dawn l-aħħar sena u nofs, dak virtwali.

Il-ħidma nistgħu ngħidu li ma qatgħet xejn, l-impenn tal-Kummissjoni WEB waqt il-Festa tas-sena l-oħra baqa' hemm, hekk kif iċ-ċelebrazzjonijiet li saru ġew imxandra fuq il-mezzi soċjali tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. L-slogan li ħarġet bih din il-kummissjoni fl-okkażjoni tal-festa 2020 kien "L-imgħoddi sabiħ, jimliena bil-kuraġġ għal ġejjieni" hu kliem li verament jixraq sal-lum. Għalkemm sfortunatament din il-Pandemija ħalliet impatt negattiv fuq kulħadd, dejjem għandna nibqgħu nfittxu dak li jgħaqqadna. Żgur li l-memorji sbieħ li għandna flimkien bħala komunità Mqabbija li ċċelebrajna għal ħafna snin l-festa tal-Patruna bl-aqwa u l-isbaħ mod jibqa' jagħtina kuraġġ għal ġejjieni sabiex ikomplu jgħaqqduna u jħeġġuna sakemm nerġgħu niċċelebraw il-festa.

Kummissjoni WEB ħadet ħsieb li matul is-sena tibqa tfakkarna f'dawn il-memorji sbieħ li għaddew matul is-snin, billi ntwerew siltiet u ritratti minn marċi tal-festa tas-snin imgħoddija. Kien ta' gost li naraw il-kummenti tagħkom is-segwaċi, kif ukoll meta ġieli qsamtu xi esperjenza fil-kummenti tagħkom.

L-esperjenzi li ngħaddu minnhom aħna jew nies viċin tagħna huma mod kif inkomplu nissawru fil-persuni li aħna, jew li nitgħallmu għalfejn ċertu affarijiet isiru b'dak il-mod. B'hekk kien ta' pjaċir għalina li għal sena oħra kellna ċ-ċans li nerġgħu naqsmu esperjenzi tal-ħajja min-nies Imqabbin, permezz ta' sensiela qasira oħra minn Rakkont Ħaj, proġett li ntlaqa' b'mod tajjeb ħafna u li jibqa' jqanqal ħafna memorji u tifkiriet ta' nies li għexna magħhom, kabbruna jew għallmuna b'diversi modi bis-sehem tagħhom fil-komunità Mqabbija. Minn hawn nsellmu u nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadu sehem f'dan il-proġett, b'mod speċjali lil min llum m'għadux magħna, żgur li l-memorja ta' dawn il-persuni se tibqa' ħajja b'mod vivaċi permezz ta' dawn l-intervisti ferm interessanti.

*Il-logo tas-sensiela "Identità"*

Rakkont Ħaj ma kienx l-uniku proġett li ġie mxandar b'mod virtwali matul din is-sena. Kellna wkoll żewġ proġetti ġodda oħra. Bl-ewwel wieħed ikun il-proġett tassew impenjattiv "Identità". Identità kienet sensiela ta' programmi fejn aspetti mill-festa bħalma huma ċ-ċelebrazzjonijiet fil-Knisja, tifsiriet speċifiċi marbutin mal-festa, terminoloġija użata fil-logħob tan-nar ġew diskussa minn esperti fis-suġġett. Dan kien proġett tassew interessanti u żgur li mhux se jkun l-unika wieħed tax-xorta tiegħu. Żgur li fadal ħafna aktar aspetti mill-festa x'jiġu diskussi. Għal darb'oħra nirringrazzjaw lil kelliema kollha li aċċettaw l-istedina tagħna sabiex jipparteċipaw f'dawn il-programmi u għaddew tant informazzjoni siewja lilna u lis-segwaċi. Nixtiequ li nirringrazzjaw ukoll lil għaqdiet u Soċjetajiet ta' festi diversi madwar Malta u Għawdex li offrewlna filmati u riżorsi sabiex nkunu nistgħu ninkluduhom waqt ix-xandiriet ta' dawn il-programmi.

L-aktar proġett riċenti li għandu laqta edukattiva u dak kurrenti huwa dak ta' "15-il kappella" fejn fl-okkażjoni tal-Erbgħat ta' Santa Marija, qegħdin inxandru filmat qasir bl-informazzjoni fuq diversi kappelli fl-irħula u bliet Maltin li huma ddedikati lil Santa Marija. Permezz ta' dawn il-filmati qegħdin nkomplu nuru d-devozzjoni qadima lejn Ommna Marija mtellgħa s-Sema, kif ukoll inwasslu informazzjoni dwar il-kappella magħżula


SENC Printing
We Design &
Print Flags
Double sided Printed Flags
we print any size
We are recommending new material for flags thickness of 130gsm and ideally for wind stronger than the normal polyester.
Mob: 99211082
Email: sencprinting@gmail.com


St Peter's Ironmongery
sP
St. Peter's Ironmongery, Troll Street, Mqabba MQB 1240
Tel: 21 680 143 Mob: 79 499 721
E-mail: danielfarrugia08@gmail.com
Prop. Daniel Farrugia
Electrical & Light Fittings
Plumbing Fittings
Drain Pipes & Fittings
Cement
Tile Adhesive & Grouting
Membrane
Plastering materials
Geysers
Plastic & Fibre Tanks
Modern LED Bulbs
Range of Power, Hand & Air Tools
Stainless Steel Sinks & Mixers
Various types of Ladders
Key Cutting including Security Keys
Safety Wear & Safety Shoes
Outdoor & Indoor Paint 10%
Summer items (BBQs, charcoal, umbrellas, fans, etc.)
Garden Tools & Furniture
Heaters
Household items (toasters, kettles, etc.)
Marine Stainless Steel items
FREE DELIVERY
Opening Hours:
Monday to Friday:
7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday:
7.00 a.m. - 1.00 p.m.

għal dik il-ġimgħa. Dawn l-appuntamenti jkunu ta' kull nhar ta' Erbgħa għal ħmistax-il ġimgħa. Dan il-proġett ġie mtellgħa b'kollaborazzjoni ma' Kappelli Maltin, li għal darb oħra nirringrazzjawhom tas-sehem u għajnuna tagħhom sabiex dan il-proġett seta' jseħħ.

Kif tistgħu tinnutaw kien hemm diversi attivitajiet li kellhom jinbidlu sabiex xorta waħda jkunu jistgħu jiġu attwati. Il-filmati f'Jum l-Erbgħat ta' Santa Marija qegħdin jissostitwixxu t-talba tar-rużarju li s-soltu kienet issir fil-każin bis-sehem tal-membri u l-partitarji. Għalkemm dan ma kienx permess li jsir, xorta waħda sibna mezz kif infakkru dawn il-ġranet importanti fil-mixja lejn il-festa.




Is-Sensiela Milied Virtwali 2020



Il-kampanja ta' Pink October




Il-kampanja ta' Movember

Żmien ieħor li xtaqna nfakkru u nuru li aħna viċin tal-komunità tagħna hu bla dubju żmien il-Milied fejn ħejjejna s-sensiela Milied Imdawwal 2020. Nistgħu ngħidu li Kummissjoni WEB kellha dedika speċjali għat-tfal Imqabbin f'dan iż-żmien, fejn bħala segwaċi żgħar kienu l-ewwel spettaturi tal-kotba oriġinali tal-Awtriċi Rita Saliba, fejn preżentat kotba tagħha bi stejjer ħelwin marbutin mal-Milied.

Żgur li waħda mill-isbaħ esperjenzi f'dan iż-żminijiet kienet meta xorta waħda rnexxielna ndaħħlu l-parteċipazzjoni tal-partitarji ċkejknin fejn ħadu sehem b'mod virtwali fil-kant tal-għanjiet tal-Milied li fl-aħħar nett ġew magħquda f'kanzunetta waħda! Żgur li mhux b'inqas il-filmat li xxandar fejn wera lil dawn iċ-ċkejknin jagħmlu l-priedka tal-Milied li ġiet mħejjija apposta għalihom! Grazzi speċjali tmur lill-mexxejja tal-Klabb Tfal tat-Titular li kienu strumentali sabiex dawn l-attivitajiet virtwali setgħu jiġu organizzati.

Kummissjoni WEB qiegħda tkompli turi li hija dinamika u mhux qiegħda hemm biss sabiex tiġbed il-filmati u tiddokumenta r-ritratti waqt l-attivitajiet. Għalkemm dawn kienu parti sabiħa ħafna mir-rwol tagħna, l-għan prinċipali hu li nibqgħu viċin u l-emozzjonijiet li joħorġu minn ritratt inwassluhom b'modi oħra.

Bħala fergħa teknoloġika u parti minn network tal-Midja Soċjali nħossu li hu d-dmir tagħna li nqajmu kuxjenza fost in-numru kbir ta' segwaċi tagħna fuq kampanji Nazzjonali. Din is-sena rnexxielna ningħaqdu mal-kampanji ta' Pink October u kif ukoll Movember sabiex nkomplu nħeġġu nies sabiex jieħdu ħsieb saħħithom kif ukoll li jgħinu lil min jinsab f'sitwazzjonijiet diffiċli ta' mard permezz ta' ġabriet ta' donazzjonijiet onlajn. Diversi nisa u rġiel, soċji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V komplew jagħmlu l-parti tagħhom permezz ta' ritratti li bagħtulna flimkien mad-donazzjoni tagħhom fejn n-nisa xxerjaw ritratti bi lbies bil-kulur roża filwaqt l-irġiel dehru b'par mustaċċi. Grazzi lilkom partitarji kollha li kontu parti minn din il-kawża daqshekk ġusta.

Nixtieq li din it-togħma li wassalnielkom matul din is-sena tkompli timliekom bil-kuraġġ u twemmin ta' tama li fil-futur qarib għad nerġgħu niċċelebraw u naħsdu l-frott ta' din il-ħidma li għalkemm f'sitwazzjonijiet differenti xorta waħda baqgħat għaddejja.

F'isem sħabi fi ħdan Kummissjoni WEB nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd filwaqt li nistieden lil kulħadd sabiex xorta waħda niċċelebraw din il-festa b'devozzjoni u qima lejn Ommna Marija li tant inħobbu.




GARAGE

**We do servicing and repair on:**
**Commercial vehicle, light vans and fork lifters,**
**Engine overhauling for trucks, vans, cars and marine engines,**
**fork lifter parts, Computer diagnostic and more.**

**Mob: 99297127**
**Address: MJ Garage, G23, Ghaxaq Ind.**
**Park, Valletta Road, Ghaxaq**
**e-mail: matthewjohngarage@gmail.com**



# Tifkiriet u Anniversarji

## tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V



**70 sena** *anniversarju minn meta tlesta x-xogħol fit-tieni sular tal-każin*



**185 sena** *mill-miġja tal-Vara Titulari ta' Santa Marija, mnaqqxa fl-injam mill-iskultur Alessandro Farrugia fl-1836*

**30 sena**
*mill-mewt ta'*
*Mro George Martin*





**25 sena**
*mill-mewt ta'*
*Leonard Farrugia*



**25 sena** *anniversarju minn meta bdiet il-preżenza tagħha fuq il-mezz tal-internet. Dan kien fl-1996 meta bl-inizjattiva u bil-ħidma tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, ġie mniedi s-sit uffiċjali tas-Soċjetà www.santamarija.com*



**15-il sena** *anniversarju minn meta l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba rebħet l-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir permezz tal-ħarqa indimentkabbli 'Dancing Stars over the Water'. Dan seħħ wara li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ħarġet rebbieħa fil-kategoriji tal-aqwa Sinkronizzazzjoni, l-aqwa Korjografija, l-aqwa Oriġinalita' u l-aqwa Wirja Skond l-Opinjoni Pubblika.*


MZ
MARIA ZAHRA
HAIRDRESSING & EDUCATION
Master Color Expert & Wella Educator
A professional salon with a dedicated team, delivering the latest colour techniques, cuts, keratin treatments & more.
Booking your consultation in advance is highly reccommended.
(+356) 99460519
info@mzacademy.mt
mzhairdressingeducation.wella
MZ Hairdressing & Education
We also offer hair education courses for new students enrolling in this career and also refresher courses for more advanced students and established hairdressers.


NEW
SHOWROOM
HARDWARE. SAFETY. MARINE.
SHOP ONLINE
AFERRIGGI.COM
A: 10, Aldo Moro Road, Marsa, MRS 9065, Malta T: +356 2167 3719, +356 7905 0756, +356 7967 3719
E: info@aferriggi.com A.FERRIGGI
A.FERRIGGI


MUSIC ACCESS
YOUR ONLINE
MUSIC SHOP
musicaccessmalta.com
REMO
VIC FIRTH
Vandoren PARIS
PIRASTRO
D'Addario
K&M KÖNIG & MEYER



Festa Titulari ta' Santa Marija 2021

# Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

## Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju
*Bidu tal-Kwindiċina*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## Is-Sibt, 31 ta' Lulju
*Jum il-morda u l-anzjani*

**6:00pm** Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**6:30pm** Quddiesa kantata.

## Il-Ħadd, 1 ta' Awwissu
*Jum it-tfal*

**6:00pm** Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**6:30pm** Quddiesa kantata.

## It-Tnejn, 2 ta' Awwissu
*Jum iż-Żgħażagħ*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## It-Tlieta, 3 ta' Awwissu
*Jum id-Dilettanti tan-Nar*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## L-Erbgħa, 4 ta' Awwissu
*Jum id-Dilettanti tal-Armar (tal-Knisja u ta' barra)*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## Il-Ħamis, 5 ta' Awwissu
*Jum il-Bandisti*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## Il-Ġimgħa, 6 ta' Awwissu
*Jum is-Soċji*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## Is-Sibt, 7 ta' Awwissu
*Jum il-Benefatturi*

**6:00pm** Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**6:30pm** Quddiesa kantata.

## Il-Ħadd, 8 ta' Awwissu
*Tifkira tal-mejtin tal-parroċċa*

**6:00pm** Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**6:30pm** Quddiesa kantata.

## It-Tnejn, 9 ta' Awwissu
*Jum il-kleru u l-għaqdiet reliġjużi*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## It-Tlieta, 10 ta' Awwissu
*Jum il-Parroċċa*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## L-Erbgħa, 11 ta' Awwissu
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, titkanta l-antifona, innu u barka sagramentali. Jikkonċelebra Monsinjur Karm Mercieca.

## Il-Ħamis, 12 ta' Awwissu
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, titkanta l-antifona , innu u barka sagramentali. Jikkonċelebra Monsinjur Karm Mercieca.


do not waste your time
going around stop at
MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES
GRAF
FAI Auto Parts
Gates
ICER
QH
WÜRTH
Valeo
Japanparts
FERODO
AISIN
MONROE
where you will find
everything under one roof
More brands available...
Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465


WE OFFER LIFTING SERVICES FOR:
Water Tanks · Tiles · Gypsum Boards · Appliances · Furniture · Glass & Aluminum & much more
WE TRANSPORT ANYTHING!
FREESTANDING LIFTER!
NO ELECTRICITY
Triq Karmenu Ciantar, Mqabba
NO DAMAGES!
Our lifter operates without having to lean against your facade / balcony
We're Insured! · No electricity needed · Our lifter can go up to 11 stories high & has a large platform · We are always happy to help! · The lifter does not take space & is placed in just a parking space · We also provide transport for your furniture!
BEST PRICES ON THE MARKET & WE'RE ON TIME!
Call us now on 9945 8834 or 9945 8296

## Il-Ġimgħa, 13 ta' Awwissu

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, titkanta l-antifona innu u barka sagramentali. Jikkonċelebra Monsinjur Karm Mercieca.

## Is-Sibt, 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa ta' Santa Marija*

**8:00am** Quddiesa kantata. Wara jitkanta t-Te Deum.

**6:30pm** Translazzjoni interna bir-Relikwa tal-Madonna. Titkanta l-antifona u wara quddiesa solenni tal-Vġili. Imexxi Monsinjur Paul C. Vella.

## Il-Ħadd, 15 ta' Awwissu

*Jum il-Festa ta' Santa Marija*

**7:00am** Quddiesa

**8:00am** Quddiesa

**9:15am** Quddiesa Solenni tal-Festa mmexxija minn Monsinjur Paul C. Vella. Jinseġ il-paniġierku il-Kanonku Mark André Camilleri.

**6:30pm** Quddiesa

## Il-Ħadd, 22 ta' Awwissu

*L-Ottava tal-Festa*

**6:30pm** Quddiesa kantata bir-reposizzjoni tar-relikwa u kant tat-Te Deum.

Il-mużika tal-jiem tat-Tridu ser tindaqq mill-Banda Re Ġorġ V
taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius bis-sehem tas-Sopran Francesca Catherine Farrugia.
Il-mużika matul il-ġranet tal-Kwindiċina ser tindaqq mis-sur Victor Galea
bil-vuċijiet ta' Rebecca Farrugia u Mariah Costa.
L-orkestra ta' lejlet u nhar il-festa ser tkun taħt it-tmexxija ta' Patri Salv Galea OP.

Festa Titulari ta' Santa Marija 2021

# Programm Piroteckniku

## Is-Sibt, 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa ta' Santa Marija*

**8:45am** Mad-daqq tat-Te Deum ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti.

**11:45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**6:30pm** Kif tibda t-Translazzjoni bir-Relikwa tal-Madonna jkun hemm ħruq ta' bomba, kaxxa infernali u murtaletti.

## Il-Ħadd, 15 ta' Awwissu

*Jum il-Festa ta' Santa Marija*

**9:30am** Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti.

**11:45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**7:00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**9:00pm** Ħruq ta' blalen, sfejjer, ftuħ tal-kulur, murtali tal-beraq pront, beraq bil-logħob, murtali tal-kulur.

**Nota mill-Bord Editorjali**

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw lill-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar kif ukoll lil kull min għen sabiex jittella' dan il-programm vast ta' logħob tan-nar. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar u wkoll waqt il-ħruq.


MOBILTECH VRT STATION
VRT GHAND ĠANNI L- ELECTRICIAN
WE ALSO DO:
TYRES AND PUNCTURE REPAIR
BATTERIES
A/C SERVICE
ELECTRICAL PARTS AND REPAIR
INSURANCE AND LICENCE
VRT FOR:
CARS
LIGHT COMMERCIALS
QUAD BIKES
LOW VEHICLES
4 WDS
VALLETTA RD - ZURRIEQ
TEL: 21640466 / 79498465
e mail: mobiltechgarage@hotmail.com


REMISSA
SPORTS BAR, MQABBA
SERVING FREE APPETIZERS
9999 8108

GreenPak

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

MCCF
THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND

# NIRRIĊIKLA GĦALL-ISTRINA

B'apprezzament għall-parteċipazzjoni fil-ġbir
ta' tappijiet b'risq l-Istrina 2020

## SOĊJETA' SANTA MARIJA BANDA RE ĠORĠ V

Total miġbur:

102.0 Kilo

34,000 Tapp

Ing. Mario Schembri
CEO GreenPak


POLYPLUMB
The FAST and
PERMANENT
one
Found in all leading Ironmongeries
Imported and Distributed by:
TAHABEL LTD. Tel: 21673589


XELINI CO.
MOB: 79230112
CRANE
TOWER CRANE
ĠARR TA' ĠEBEL U ŻRAR
SKIPS • GAFEF • HI-UP
PROPJETÀ U BOUNCING CASTLES
79230112
79230112



# It-telfa tal-Prinċep Philip

**Her Majesty Queen Elizabeth II,**
**Buckingham Palace,**
**London SW1A 1AA,**
**UNITED KINGDOM.**

April 10th, 2021

Madam,

On behalf of the King George V Band Club of Mqabba, Malta, we would like to convey our heartfelt sympathy at the news of the passing of Your Majesty's devoted husband, His Royal Highness Prince Philip, the Duke of Edinburgh.

We have very fond memories of Your Majesty's several visits to Malta when our Officials had the opportunity to meet Your Majesty and the late Prince Philip.

We are grateful to God for his life of duty, purpose and devotion. He encouraged and supported so many voluntary associations like ours who play an essential in building strong communities.

May his example of commitment, sense of duty and public service long endure.

Your Majesty and the late Prince Philip will be in our thoughts and prayers.

Yours sincerely,

**Carlo Sciberras,**
**President.**

**Antoine Farrugia,**
**Secretary General.**

*In memory of*
*His Royal Highness Prince Philip,*
*Duke of Edinburgh*

1921 - 2021



BUCKINGHAM PALACE

*I send you my sincere thanks*
*for your kind words of sympathy*
*on the death of my husband*

ELIZABETH R




REMEDIES
✚ PHARMACY & CLINIC

COVID19 ANTIBODY TESTING NOW AVAILABLE BY APPOINTMENT

GENERAL PRACTITIONER IN ATTENDANCE DAILY:
Dr Victor Camilleri

OPENING HOURS:
Monday to Friday OPEN All DAY
Saturday 8am-12.30pm & 4-7pm

PHARMABOX - AVAILABLE 24/7 STOCKED WITH ALL YOUR PHARMACY ESSENTIALS




REMEDIES - 9 TRIQ SANTA KATERINA, MQABBA. T: 2164 1133



Kelmtejn mis-Sottokumitat tan-Nisa, Klabb Tfal tat-Titular u Go Reds Adolexxenti Titulari

# Ħidma kollettiva f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari

**Maria Galea**

Għeżież, Ninsabu fix-xahar ta' Awwissu, xahar li aħna lkoll inkunu qegħdin nistennew iżda għal sena oħra żgur se tkun sena oħra li se tibqa' msemmija fl-istorja. Sena oħra ta' sfida li ġabet magħha din il-Pandemija tal-Covid-19. Kollha kemm aħna għaddejna minn mumenti diffiċli u ta' qtigħ il-qalb imma bil-fidi qawwija li għandna lejn Sidtna Marija dejjem sibna l-faraġ u l-wens.

Din is-sena għalkemm ma stajniex niltaqgħu fiżikament, xorta għamilna dak kollu possibbli biex żammejna kuntatt mal-familji tas-Soċjetà. Żammejna kuntatt ma' dawk in-nies li kienu weħidhom u wassalna kliem ta' faraġ u ta' kuraġġ. Kull sena f'Mejju konna norganizzaw l-Erbgħat ta' Santa Marija permezz ta' Rużarju ġewwa s-sede tas-Soċjetà imma din is-sena flimkien mal-Kummissjoni WEB ittella' filmat informattiv u interessanti kull ġimgħa fuq il-kappelli li nsibu f'Malta ddedikati lil Santa Marija.

Ta' kull ġimgħa tellajna sessjonijiet għat-tfal b'mod virtwali fejn flimkien għamilna krafts, tisjir, esperimenti u eżerċizzji fiżiċi fost oħrajn. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil Samantha Debono li konna ta' spalla għal xulxin u kif ukoll lill-ġenituri taċ-ċkejknin tas-Soċjetà fejn ikkoperaw ħafna magħna biex dawn is-sezzjonijiet setgħu jittellgħu.



*Uħud mit-Tfal tat-Titular waqt sessjoni ta' tisjir virtwali*

Minkejja li din is-sena ċ-ċirkostanzi ma' ppermettewx li jiġu organizzati festini bħas-snin l-imgħoddija, xorta waħda l-klabb Tfal tat-Titular flimkien ma' wħud mill-membri tal-grupp Go Reds Adolexxenti Titulari u membri tas-Sottokumitat tan-



*It-tfal waqt il-Prietka tal-Milied b'mod virtwali*



*It-tfal waqt l-għanjiet tal-Milied b'mod virtwali*

# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi Tel: 2168 0006 Mob: 79704143
Email: ivans@maltanet.net







**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**
**Available Underseal & Rustproofing**

# CAUCHI
## GASTRO BUTCHER

"Through experience in the food industry, dedication and great passion For gastronomy, we aim to provide our customers with fresh meat produce And ready to cook hearty dishes of the highest quality"

**OPENING HOURS :**

| | |
|---|---|
| Monday | CLOSED |
| Tuesday | 7:00 AM - 1:00 PM |
| Wednesday | 700 AM - 12:00 PM<br>4:00 PM - 7:00 PM |
| Thursday | 7:00 AM - 1:00 PM |
| Friday | 7:00 AM - 12:00 PM<br>4:00 PM - 7:00 PM |
| Saturday | 7:00 AM - 12:00 PM |
| Sunday | CLOSED |



Facebook & Instagram @cauchigastrobutcher Phone: 21680942 Location: 41, Misrah il-fidwa Mqabba



*Rita Saliba waqt sessjoni ta' qari ta' stejjer tal-Milied*



*Maria Ghigo waqt sessjoni ta' krafts tal-Milied*

Nisa, fil-Milied organizzajna tqassim tar-rigali lit-tfal b'mod ristrett u skont kif ippermettew id-direttivi tal-Awtoritajiet tas-saħħa Pubblika. Grazzi kbira lil kulħadd tal-koperazzjoni tagħkom.

Fi żmien il-Milied ukoll ħdimna biex tellajna għanjiet u kif ukoll Prietka tal-Milied preżentati minn tfal fi ħdan is-Soċjetà. Nixtieq ukoll ngħid prosit kbira lil Rita Saliba li tellgħet diversi sessjonijiet ta' qari ta' stejjer relatati mal-Milied, fejn qrat kotba li kitbet



*Uħud mit-Tfal tat-Titular juru d-dekorazzjonijiet li għamlu waqt sessjoni ta' krafts virtwali*

hi stess. Prosit ukoll tmur liċ-ċkejkna Maria Ghigo li tellgħet ukoll sessjonijiet ta' krafts tal-Milied.

Nixtieq ngħalaq dal-kelmtejn billi f'ismi u sħabi tas-Sottokumitat tan-Nisa, Klabb Tfal tat-Titular u Go Reds Adolexxenti Titulari nħeġġukom biex flimkien nattendu għall-funzjonijiet tal-knisja ħalli norganizzaw festa kif jixraq lil Ommna Marija mtella' s-sema, filwaqt li nitolbuha żżomm idejHa fuqna lkoll u teħlisna minn din il-Pandemija.

Santa Marija int jistħoqqlok kull tifħir, nitolbuk tibqa' xxerred fuqna s-sliem filwaqt li timliena bil-kuraġġ.

Viva Santa Marija, il-Patruna tal-Imqabbin.


Tfal tat-Titular
...ulied il-padruna
santa marija
est : 2010

# Għandek tfal ta' bejn it-3 u t-12-il sena?

Daħħalhom bħala membri fil-Klabb Tfal tat-Titular issa!

Niltaqgħu darba fil-ġimgħa, għall-attivitajiet edukattivi, artistiċi, rikreattivi u aktar.

Avviċina lill-membri tal-Klabb jew tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

# THE CORE
## BEAUTY & WELLBEING

*...where Beauty is at Heart*

6, Sebastian Saliba Street , Luqa

"My mission is to be fully committed in treating and advising my clients to reach their highest potentials for obtaining healthier skin, feeling unique, make every appointment worth while, leaving looking and feeling beautiful"...

*Mariella Borg*

We have **experience** and we get **results** by combining **powerful Brands** together with the latest technologies in **electrical modalities.**

Offering **Dermalogica** and **Guinot** customised facial treatments for all skin types and conditions - Anti-ageing , Non Surgical Lifting , Acne Prone skins , Pigmentation challenges , Problematic skins suffering from dehydration, dryness, Eczema , Rosacea ...

Electroloysis -- Waxing -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Shaping /Eyebrow tinting -- Make-up Services

For appointment call 21806989 or 99273375 and follow us on f the core beauty and wellbeing




N/s in Triq Vincenzo Dimech, Floriana



Apprezzament

# Nicholas Ghigo

**Tikteb Maria Ghigo**



Wieħed mill-benefatturi tas-Soċjetà għażiża tagħna kien in-nannu Nicholas Ghigo, li fl-Imqabba kien magħruf bħala "Kola il-figolla". Kola, sa min età żgħira kien juri l-imħabba tiegħu għal festa ta› Ommna Santa Marija. Twieled propju fl-10 ta' Novembru 1934, miżżewweġ lil Dolor Née Farrugia, fejn kellhom erbat itfal, Josephine, Mario, Michael, u Marika.

Fiż-żgħożija tiegħu, Kola kien membru attiv fil-qasam tal-Piroteknika. Huwa kien involut kemm fin-nar tal-ajru u kemm fin-nar tal-art. Sa minn età żgħira, Kola kien jgħin ħafna lil ħuh Ġużepp, li kien il-moħħ wara l-użu għall ewwel darba tal-*Universal Joint* fin-nar tal-art. Kola kien wieħed minn nies ħabrieka tas-Soċjetà tagħna li ta spinta l-quddiem il-qasam tal-Piroteknika. Kien wieħed mill-ftit sfortunati li kien involut f'inċident tan-nar li kawża tiegħu kien għamel xi jiem fil-periklu tal-mewt. F'kull kompetizzjoni tan-nar li ħadet sehem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba, lil-Kola min dejjem kont issibu jagħti ħiltu u sehmu biex b'hekk ikomplu jinkisbu aktar suċċessi fi ħdan l-għaqda tagħna. Kola kien dejjem attiv fil-qasam tan-nar tal-art, u waħda mil-irdieden li kienet għal qalbu u li kien iħobb jagħmel, kienu l-ajruplani u dik li ngħidulha "iċ-ċatta", u baqa' sal-aħħar jagħti sehmu kif jista'.

Fi snin 60, Kola kien strument fundamentali fejn jidħol fl-armar tat-Titular fil-Knisja. Ta min issemmi ukoll li Kola kien ukoll Fratell fil-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament. Niftakar jirrakontalna l-mumenti diffiċli li kellhom jgħaddu fi żmien il-gwerra, speċjalment l-avveniment ta' meta waqat il-koppla tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba fid-9 ta' April 1942.

Tant kien iħobb lil Santa Marija u li ried illi l-Festa Titulari tibqa tevolvi u tikber, li fil-25 ta' Ġunju 1984 hu flimkien ma ħutu Ġużepp u Dun Karm Ghigo għamlu kuntratt fejn irregalaw l-art ta' wieħed mill-imħażen li tipposjedi s-Soċjetà bħalissa.

In-nannu Kola kien wieħed min nies li dejjem ħeġġiġni biex inħobbu lil Santa Marija, u nkun attiva fi ħdan l-istess Soċjetà. Għalhekk nistgħu ngħidu li fil-5 ta' Jannar 2021, is-Soċjetà tilfet wieħed mil-benefatturi kbar tagħha.













# TAL-BAZZI

*Joseph & Julian Farrugia*

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**

**Blue Grotto Avenue,**
**Żurrieq**

**Mobile:**
**7741 2342**

VILLAGE CORE
BAKERY & CONFECTIONERY






Apprezzament

# Is-Sur Mario Ellul
# 04.04.1973 – 04.03.2021

**Jikteb Patrick Ghigo**



Il-ġurnata tal-Ħamis 4 ta' Marzu 2021 sebħet bl-aħbar kerha illi Mario magħruf bħala "tat-tuba" kien ħalliena. Ir-raħal tagħna u speċjalment is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tilfu pilastru bil-mewt ta' seħibna Mario.

Ix-xokk kien wieħed kbir l-aktar meta wieħed iqis illi sa ftit ġranet qabel Mario kien għadu attiv sew fuq xogħlu kif ukoll fejn tidħol għajnuna lejn is-Soċjetà tagħna. Bniedem ta' integrità kbira u maħbub minn kulħadd. Ħadem u stinka minn età żgħira waqt li dejjem żamm saqajh mal-art. Kok prima klassi fejn għal ħmistax-il sena sħaħ mexxa stabbiliment tal-ikel b'suċċess. Però l-akbar don li kien jispikka fih kien bla dubju li kull meta ntalab xi tip ta' għajnuna Mario dejjem kien jagħti aktar milli wieħed kien jistenna.

Raġel eżemplari li kien ta' għajnuna għas Soċjetà tagħna kemm finanzjarjament u anke f'attivitajiet bħal ikliet u serati fejn fihom dejjem offra s-servizz kif ukoll il-propjetà tiegħu minn qalbu. L-għaxqa tiegħu kienet li jipprepara u jsajjar kull tip ta' ikel f'attivitajiet varji li jiġu organizzati matul s-sena kollha mdawwar bil-ħbieb speċjalment mill-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija waqt li jirrakkonta xi praspura mis-snin passati speċjalment relatati mal-festa li tant kien iħobb. Moħħu kien kontinwament jaħseb dwar x'ser jagħmel sabiex ikompli jgħolli l-isem tas-Soċjetà tagħna. Fil-fatt ftit xhur qabel ħalliena kien beda jwettaq ħolma milli kellu meta kien imbarka fuq proġett li kien ilu jberren f'moħħu flimkien mas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

Mario, illum li ma għadekx magħna aktar nħossu kemm inti kont validu u kemm tassew kont tħobb il-festa Titulari. Inti kont toħloq atmosfera ta' ferħ kull fejn kont tkun speċjalment meta kont tkun imdawwar minn sħabek tas-Sezzjoni Żgħażagħ li bis-saħħa tiegħek kienu jinvolvu ruħhom sew u jħossuhom importanti u utli għas Soċjetà.

Grazzi mill-qalb ta' dak kollu illi tajt lil komunità Mqabbija u tax-xogħol illi wettaqt bil-ħidma tiegħek u għal ġid li għamilt lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Aħna nibqgħu grati lejk.




Magic Clean
DETERGENTS & TOILETRIES
Discount Detergent Shop
Triq Filippu Farrugia, Żurrieq (Ħdejn il-Museum tal-Bniet)
Tel: 2164 7070 • Mob: 7720 8974
Għall-Offerti u Sorpriżi mill-Aħjar
• Punti Doppji • Free Deliveries • Prodotti b'Xejn
• Bonus Card • L-Orħos u l-Aħjar Prezzijiet
Magic Cleam... The Heart of Magic Prices


Magri
BUTCHER
& VEGETABLE SHOP
DIAMOND JUBILEE SQUARE, MQABBA
Mob: 7972 9699 - 7929 7334
7988 9688 - 9959 3270
For the best quality
of fresh and frozen meat
Opening Hours:
Tuesday: 7.00am - 5.00pm
Wednesday: 7.00am - 5.00pm
Friday: 7.00am - 5.00pm
Saturday: 7.00am - 1.00pm
Sunday: 7.00am - 12.00pm (Vegetables)



# Messaġġi mis-Soċjetà

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tifraħ lis-Sinjuri George Busuttil, Dr Charles Sciberras u Joseph Sciberras li ġew maħtura bħala Presidenti Onorarji ta' din l-istess Soċjetà b'apprezzament tal-ħidma mwettqa minnhom matul is-snin li kienu Presidenti tas-Soċjetà. Nawgurawlhom is-saħħa u ħafna ħidma flimkien b'risq is-Soċjetà u l-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba. Ad Multos Annos!

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jifirħu u jawguraw lis-Sur Andrew Vassallo għall-ħatra tiegħu bħala Licensee ġdid tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija, filwaqt li nirringrazzjaw lis-Sur Joseph Camilleri għas-servizz tiegħu bħala Licensee tal-Għaqda tan-Nar tagħna matul iż-żminijiet. Nawgurawlhom kull ġid u saħħa filwaqt li nirringrazzjaw lilhom u lill-membri kollha fi ħdan l-Għaqda tan-Nar Santa Marija.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jawguraw lill-Assistent Surmast tal-Banda Re Ġorġ V, Mro. René Camilleri għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-Konkors Internazzjonali prestiġġjuż tal-Marċi organizzat mill-Banda Amici della Musica ta' Allumiere (Ruma) Italja. Il-kompożizzjoni tiegħu ġiet magħżula bħala finalista mal-aqwa 10 marċi fost 91 sottomissjoni minn madwar id-dinja. Awguri!

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jirringrazzjaw lis-Sur Anthony Bonello tas-servizz tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imqabba sa mill-formazzjoni tal-ewwel Kunsill Lokali fir-raħal tagħna. Minn hawn nifirħu u nawguraw kull suċċess lis-Sur Fabian Mizzi fil-kariga ġdida tiegħu ta' Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tfakkar il-memorja tas-Sur JC Azzopardi għas-servizz kbir u mill-qalb li ta bħala Segretarju u membru tal-eżekuttiv fi ħdan l-Għaqda Każini tal-Banda għal bosta snin, filwaqt li jawguraw lis-Sur Raymond Zammit bħala s-segretarju l-ġdid. Awguri Raymond!

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ tixtieq tifraħ u tawgura lil dawk kollha li kisbu xi suċċess fl-istudji tagħhom, kemm f'eżamijiet lokali kif ukoll internazzjonali f'kull livell edukattiv, vokazzjonali u professjonali. Is-Soċjetà tifraħ ukoll lil dawk kollha li kellhom suċċessi personali f'dixxiplini sportivi, artistiċi, mużikali, kulturali, soċjali, teknoloġiċi u kull dixxiplina oħra kif ukoll nifirħu lil dawk kollha li kellhom suċċessi f'konkorsi u kompetizzjonijiet varji.

Minn hawn, filwaqt li nerġġħu ntennu l-awgurju tagħna, inħeġġu lil dawn il-persuni sabiex ikunu parteċipi fl-istrutturi tas-Soċjetà f'ambjent san li joffri potenzjal għall-iżvilupp tal-ħiliet individwali u kollettivi.

**In Memoriam:**

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq isellem il-memorja tal-Imqabbin kollha, b'mod speċjali s-soċji, partitarji u l-benefatturi kollha ta' din is-Soċjetà li ħallew din id-dinja lejn l-aħħar tas-sena 2020 jew fis-sena 2021, u nirringrazzjawhom tas-sehem tagħhom b'risq il-festa ta' Santa Marija.

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

# MALLIA

## PETROL STATION LTD.

## SIĠĠIEWI



New Tyres, New Batteries, Oil Filters, Accessories, Car Care products & more

Mob: 79617353/4



CTRONICS

Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs

Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm

Sat 9.00 Am—12.00 Pm

For appointments Call on

T: 21642744 M: 79478259



Major Notebook Brands for Sale

lenovo

hp

ASUS




Computer Upgrades starting from € 200.00

Computer systems starting from € 325.00

All in One Printer Starting from € 69.00

Notebooks Starting from € 325.00

Internet Problem @ home.

We have a solution








Computer Repairs & Formats

Notebook Repairs & Formats

Printer Repairs

Tablet & Mobile repairs

Data Back-up

Watch TV over internet

Summer heat Is Coming.

Prevent your Notebook damage from Overheating.



# Ħidmet in-nisa fil-knisja parrokkjali fl-1937 u l-1938

Rev. Dr Jonathan Farrugia

Din is-sena sejrin nagħtu ħarsa ta' apprezzament lejn xogħol li kien isir fil-knisja skont numru ta' rċevuti li nstabu.[1] Mill-irċevuti li se nippreżenta din is-sena, se naraw il-ħidma ta' żewġ nisa, M. Anna Farrugia u Maria Mifsud, kif ukoll tas-Sorijiet tal-Karità, li jagħtuna ħjiel dwar xi responsabbiltajiet li kellhom in-nisa fil-parroċċa tagħna aktar minn tmenin sena ilu.

## L-irċevuti ta' Farrugia

Sitta minn dawn l-irċevuti jġibu l-firma "M. Anna Farrugia" u jkopru x-xhur bejn Lulju 1937 u Diċembru 1938. Filwaqt li l-firem kollha saru mill-istess id – presumibilment ta' Farrugia stess – il-kaligrafija tal-irċevuti tvarja: hija dejjem differenti mill-firma, u nsibu li l-irċevuti nfushom inkitbu minn żewġ persuni differenti li jistgħu jiġu identifikati wkoll. Maria Anna Farrugia, imwielda Muscat fid-9 ta' Settembru 1908,[2] kienet in-neputija ta' Dun Lawrenz Zammit, prokuratur u benefattur kbir tal-knisja tar-raħal tagħna. Mietet fl-10 ta' Jannar 1978.[3]



Marianna Farrugia
(ħajr Julie Ghigo)

Dawn l-irċevuti jittrattaw kollha l-ħlas għall-Ostji li kienu jinxtraw mill-knisja; Farrugia kienet il-mara responsabbli biex tagħmel[4] dawn l-Ostji u tagħtihom lill-prokuratur tal-veneranda lampade tal-parroċċa u kienet tingħata l-ħlas tagħhom. Qabilha l-Ostji kienu jieħu ħsieb iġibhom Lippu tal-Oħxon mill-Gudja, imma darba ħassu ħażin u sabuh taħt ħajt bejn il-Gudja u l-Imqabba. Mill-kaligrafiji li fihom l-irċevuti nifhmu li l-prokuratur kien jiktibhom u Farrugia kienet tiffirmahom bħala turija li l-flus ġabrithom. Is-saċerdoti li kienu qed iservu bħala prokuraturi matul das-sentejn kienu Dun Angelo Ghigo u Dun Gerard Mangion. L-irċevuti jsegwu kollha l-istess forma, għalhekk nistgħu nieħdu l-eqdem irċevuta[5] bħala mudell għall-oħrajn:

*4 Luglio 1937*
*Ricevo dal pr.ore Angelo Ghigo lira sterlina una e scellino uno per 8,400 particole e 420 ostie[6] servite durante Aprile Maggio e Giugno 1937.*
*Ripeto £1.1.0*
*M Anna Farrugia*

Mill-irċevuti l-oħra nitgħallmu dad-dettalji:

| Data tal-irċevuta | Ammont | *Particole* | Ostji | Perjodu |
|---|---|---|---|---|
| 24 ta' Ottubru 1937 | £1.2.6 | 9,000 | 450 | Lulju-Settembru[7] |
| 29 ta' Diċembru 1937 | £1.2.6 | 9,000 | 450 | Ottubru-Diċembru[8] |
| 22 ta' April 1938 | £1.4.6 | 9,700 | 490 | Jannar-Marzu[9] |
| 4 ta' Lulju 1938 | £1.2.6 | 9,200 | 400 | April-Ġunju[10] |
| 30 ta' Diċembru 1938 | £2.11.1 | 20,800 | 950 | Lulju-Diċembru[11] |

Aktar minn kull ħaġa oħra, dawn l-irċevuti jagħtuna idea tal-konsum tal-Ostji li tirrifletti n-numru ta' quddies li kienu jsiru fil-parroċċa dawk ix-xhur, filwaqt li l-konsum tal-*particole* juri l-parteċipazzjoni tar-raħħala fil-quddiesa matul dawn ix-xhur. Ninnutaw li l-medja tal-konsum tal-Ostji kbar hija ta' madwar 200 fix-xahar u tal-*particole* hija ta' madwar 4,000 fix-


Doc. 26
24 Ottobre 1937
Ricevo dal pr.ore Angelo Ghigo 18/- per 9,000 particole e 4/6 per 450 ostie servite durante i tre mesi Luglio Agosto e Settembre 1937.
Ripeto £1-2-6.
M Anna Farrugia

Irċevuta ffirmata minn Marianna Farrugia



WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!
MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES
WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE
BIBAS
YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.
Tel: 2169 1269 E-mail: sales@fabricgallery.eu
5% DISCOUNT
ON PRESENTATION OF THIS ADVERT
THIS VOUCHER IS REDEEMABLE ONCE AND DOES NOT FORM PART OF ANY OTHER OFFER.




Charlie It-Tirxa
GHAL XOGHOL
TA' QTUGH TA' BLAT, MINI SKIP,
THAMMIL, TWAQQIGH TA' BINI, XOGHOL BIL-KUMPRESSUR, ROCK CAT,
ĠARR TA' TORBA, RAMEL, ŻRAR U ĠEBEL,
KIRI TA' BOB CATS, EXCAVATORS U HI-UP
7927 7420

xahar b'żieda notevoli madwar ix-xhur ta' Marzu u April, probabbilment minħabba l-Għid u l-Kwaranturi.

**L-irċevuti ta' Mifsud**



Marija Mifsud
(ħajr Frans u Antonia Vella)

Xogħol importanti ieħor li kienu – u għadhom – jagħmlu n-nisa kien it-tindif u l-mogħdija tad-dvalji u materjal ieħor li jintuża fuq l-artali sabiex l-Ewkaristija ssir f'ambjent xieraq, apparti minn xogħol ieħor ta' ħjata, tiswija u anke ta' bizzilla. L-erba' rċevuti ta' Marija Mifsud ta' Ganienu huma xhieda ta' dan. Mifsud kienet soċja tal-MUSEUM, twieldet fil-25 ta' April 1907[12] u mietet fil-5 ta' Mejju 1945 fl-età ta' 38 sena.[13]

Għalkemm il-kontenut tal-erba' rċevuti tagħha huwa simili, it-terminoloġija tinbidel xi ftit; huwa fatt kurjuż li waħda minn dal-ittri hija miktuba bil-Malti Taljanizzat. Il-kaligrafija taqbel ma' dik fl-irċevuti ta' Farrugia:

> *31 Luglio 1937[14]*
> *Ricevo dal pro.re Sig. Angelo Ghigo dodici scellini e sei soldi per lavori di stiratrice durante i sei mesi Gennaio-Giugno 1937. Più due scellini e sei soldi per altri lavori straordinari durante lo stesso periodo.*
> *Ripeto £0.15.0*
> *Maria Mifsud, stiratrice*

> *Micabba, 29 ta' Diċembru 1937[15]*
> *Irċevejt minn għand Dun Gerard Mangion, procuratur tal-Cnisja, is-somma ta' hmistax il-xelin ghal-ħasil u mgħodija tal-hwejjeġ tal-Cnisja għas-sitt xhur li għaddew Lugl-Dicembru 1937.*
> *£0.15.0*
> *Maria Mifsud*

Iż-żewġ irċevuti l-oħra huma ddatati 4 ta' Lulju 1938[16] u 30 ta' Diċembru 1938 u jikkonfermaw il-ħlas ta' ħmistax-il xelin kull darba għal xogħol ta' ħasil u mogħdija tal-apparat tal-knisja.

**L-irċevuti tas-Sorijiet tal-Karità**

Bejn is-snin 1935 u 1941 fl-Imqabba kien hawn komunità ta' Sorijiet tal-Karità residenti fi Triq San Bażilju[17] li kellhom skola tal-katekiżmu għat-tfal żgħar u fost impenji oħra mhux magħrufa fil-parroċċa, kienu jieħdu ħsieb il-grupp tal-*Figlie di Maria* li kien twaqqaf fl-1911, kienu jżuru l-familji tal-Imqabba u anke jgħinu fil-knisja. L-ewwel Superjura tad-dar kienet Suor Rita


Doc. 54.

Micabiba
4 Luglio 1938
La sottoscritta dichiara di aver ricevuto dal Rev. Sac. G. Mangion, Proc. Ven. Lamp. Micabiba, scellini quindici per la lavatura del corredo della Chiesa Parocchiale, durante il semestre Gennajo - Giugno 1938.
Ripeto £0-15-0

Ufficio della Deputazione D. C. 1939 dei conti

Maria Mifsud

Irċevuta ffirmata minn Marija Mifsud

Panciaroli.[18] Fost l-irċevuti ġejjin mill-1938 insibu tlieta li jitfgħu ftit dawl fuq xi xogħol utli ieħor li das-sorijiet kienu jagħmlu f'raħalna. Il-kaligrafiji ma jaqblux ma' dawk tal-irċevuti l-oħra, għalhekk nifhmu li nkitbu mill-firmatarji stess.

L-ewwel żewġ irċevuti ġejjin mit-3 ta' Jannar 1938; waħda[19] hija ffirmata mis-Sur Luigi Zammit, li kien il-prokuratur tas-Sorijiet, waqt li l-oħra[20] hija ffirmata minn Suor Rita. It-tnejn għandhom x'jaqsmu ma' xi


Micabiba. 20. 2. 938.
Doc. 41

Spese fatte dalle Suore per la Chiesa.

| | |
|---|---|
| Damasco | £0. 5. 00 |
| Alma | " " 1. 8 |
| Fodera | " " 1. 1 |
| Cotone | " " 11 |
| | 8. 8 |

Ufficio della Deputazione D. C. 1939 dei conti

Suor Rita
S. d. C.

Irċevuta ffirmata minn Suor Rita

# Callus
## Garden Centre

**for all your garden needs**

**21 462 229**
**79 405 135**

**Callus Garden Centre**
Triq l-Imqabba
is-Siġġiewi SGW 2200

callusIandscaping@gmail.com

**Callus Garden Centre**



Bambini u grotti tal-Milied li saru mis-sorijiet biex jitqassmu lit-tfal. Dawn swew tmien xelini u £1.7.4 rispettivament.

L-aħħar irċevuta, iddatata 20 ta' Frar 1938 titratta lista qasira ta' spejjeż li tinvolvi xiri ta' damask u materjal ieħor:

*Micabiba 20.2.938*

*Spese fatte dalle Suore per la Chiesa:*

| | |
|---|---|
| *Damasco* | *£0.5.00* |
| *Alma* | *£0.1.8* |
| *Fodera* | *£0.1.1* |
| *Cotone* | *£0.0.11* |
| | *£0.8.8* |

*Suor Rita S. di C.*

**Għeluq – nisa oħra li taw sehem fil-ħajja tal-parroċċa sas-snin Sittin**

Apparti dawn li fadlilna dawn l-irċevuti tagħhom, bix-xieraq li nsemmu wkoll xi nisa oħrajn – li wħud minnhom għadhom ħajjin – li meta kienu ħafna iżgħar għamlu ħafna xogħol siewi fil-parroċċa tagħna u li kienu diġà attivi meta spiċċa minn kappillan Dun Gerard Mangion (1962).

L-aktar servizz importanti kien jikkonsisti f'xogħol ta' ħjata: Pawla Zammit ta' Gelermuwa ħadmet ħafna mill-bizzilel tat-trieħi l-antiki tal-knisja, u Modesta Parnis (née Inguanez) għamlet ħafna xogħol fil-ganċ. Għandha tissemma wkoll Ġużeppa Mifsud ta' Ganienu, oħt Marija li tagħha rajna l-irċevuti, li wkoll ħadmet ħafna bizzilla għat-trieħi. In-neputija ta' Pawla, Antonia (Tonina) Zammit, għaddiet ħajjitha tagħti servizz fil-knisja bħala ħajjata ta' diversi trieħi u kanupewijiet, għalliema tal-ħjata lil xebbiet oħra u bħala sagristana. Flimkien ma' Tereża Debattista kienet ħietet id-damask tal-arkaturi tal-knisja, u Sira Ghigo kienet ħietet bil-*cross stitch* l-ismijiet tal-artali fejn għandhom jiddendlu. Katarin Zammit tal-Mejlaq għamlet ħafna xogħol ta' rakkmu waqt li Kristina Farrugia tal-Ball, Ġuża Mifsud ta' Filfla u Ġulja Ghigo għamlu ħafna xogħol ta' ħjata u ta' trasport tar-rakkmu. Barra minn hekk sar ħafna xogħol ta' ħjata fuq id-damask minn Maria u Damiana Mallia tal-Iskarpan, Marija Farrugia tal-Qalqula u Karmena Spiteri ta' Santa Liena. Ta' min insemmu wkoll lil Marì Psaila u żewġha Ġużeppi, qraba ta' Lippu tal-Oħxon, li kienu jieħdu ħsieb l-apparat ta' San Innoċezju.[21] Ma' dawn żgur li kien hemm ħafna oħrajn li sfortunatament ismijiethom ma waslulix.

Dal-ftit frak mill-istorja ta' ftit aktar minn tmenin sena ilu juruna li r-responsabbiltà tal-mara kellha xi forma ta' rikonoxxenza fil-ħajja parrokkjali fi żmien meta r-rwol tal-mara fis-soċjetà kien spiss jiġi injorat jew miċħud.

**Referenzi**

Jonathan Farrugia: https://orcid.org/0000-0002-3067-2102

1 Infakkar, bħalma għedt sena ilu, li dawn l-irċevuti kienu jinsabu f'kaxxa li kienet lesta biex tintrema u li ġbartha jien.

2 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Liber Baptizarum* VIII, 141. Ħajr lis-Sinjura Amy Demanuele għar-riċerka fl-arkivju parrokkjali.

3 APM, *Liber Defunctorum* VIII, 255.

4 Is-Sinjura Julie Ghigo, bint Marianna, ikkonfermat li l-Ostji kienu jsiru minn ommha u li hi, meta kienet għadha tifla, kienet toqgħod taqtagħhom bil-forom (intervista nhar it-13 ta' Lulju 2021).

5 Dok. 10, Irċevuta tal-4 ta' Lulju 1937.

6 Il-*particole* huma l-ostji ż-żgħar li bihom jitqarbu n-nies, waqt li l-*ostie* huma l-ostji l-kbar li bihom jitqarbnu l-qassisin.

7 Dok. 26, irċevuta tal-24 ta' Ottubru 1937.

8 Dok. 27, irċevuta tad-29 ta' Diċembru 1937.

9 Dok. 42, irċevuta tat-22 ta' April 1938.

10 Dok. 51, irċevuta tal-4 ta' Lulju 1938.

11 Dok. 93, irċevuta tat-30 ta' Diċembru 1938.

12 APM, *Liber Baptizarum* VIII, 117.

13 APM, *Liber Defunctorum* VII, 204. Ħajr lis-sinjuri Frans u Antonia Vella għas-santa tal-mewt ta' Marija u għal xi dettalji dwarha u dwar oħtha Ġużeppa li tinsab midfuna Ħal Luqa minħabba li kienet tgħin lil Mons. Sapiano li ta permess biex tindifen fil-qabar tal-familja tiegħu.

14 Dok 15, Irċevuta tal-31 ta' Lulju 1937. Mifsud qed tgħid li tħallset għal xogħol ta' mogħdija u 'xogħlijiet straordinarji oħra', dawn jista' jkun li kienu jinkludu l-ħidma ta' trieħi tal-bizzilla jew ta' tiswija.

15 Dok 31, irċevuta tad-29 ta' Diċembru 1937.

16 Dok 54, irċevuta tal-4 ta' Lulju 1938.

17 Alexander Bonnici, "Is-Sorijiet tal-Karità fl-Imqabba. Żewġ żmenijiet ta' servizz soċjali u pastorali 1935-1941 – 1989-1999" *Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju* (Malta: Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, 2000), 89-97.

18 Korrispondenza mal-arkivista Sr Natalie Abela (9 ta' Lulju 2021).

19 Dok 35b, Irċevuta tat-3 ta' Jannar 1938: *Ricevo dal-Rev. Sac. G. Mangion Pr.re della Ven. Lampade Micabba otto scellini come regalo alle Suore di Carità della Micabba per manifattura "Bambini Natale". Ripeto £0-8-0. Sig. Luigi Zammit Pr.ore Suore di Carità Micabba.*

20 Dok 35a, irċevuta tat-3 ta' Jannar 1938: *La sottoscritta dichiara d'aver ricevuto per le grote di Natale* £1.7.4 *dico lire una, sette scellini, quattro soldo. Suor Rita S. di C.*

21 Inrodd ħajr lis-Sinjorina Tereża Debattista għal dawn id-dettalji (intervista 12 ta' Lulju 2021).

CB COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999
Mob: 9945 3187

Email:info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com

Elmo
INSURANCE

elmoinsurance.com

Bellizzi Services Ltd. 86, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq ZRQ 2021 | Tel: 21642519 | Fax: 21689791 | bellizziservices@gmail.com
Elmo Insurance Ltd. Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Malta | T: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com

Bellizzi Services Ltd. is enrolled to carry on tied insurance intermediary activities and is regulated by the Malta Financial Services Authority.
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry on general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.



# Il-preżenza mimlija faraġ ta' Marija waqt il-kura mill-marda tal-kanċer

**Patri Mario Attard OFM Cap**



L-esperjenza tiegħi fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo ma' ħutna, il-pazjenti li qed jieħdu t-trattament tagħhom tal-marda tal-kanċer, kull darba tgħallimni xi ħaġa ġdida. Issa, din il-ħaġa, mhijiex biss is-solita tagħlima fuq kemm il-ħajja hi mitqlu deheb iżda, u fuq kollox, dwar x'teżor hi tabilħaqq il-fidi! U, fid-dawl tal-istess fidi li qed insemmi, nixtieq nistaqsi din il-mistoqsija tabilħaqq importanti: Xi rwol għandha Ommna Marija waqt il-vjaġġ tal-marda tal-kanċer?

Kull darba li nisma' lill-pazjenti tal-Onkoloġija jkellmuni u jirrakkuntawli dak li jgħaddu minnu fil-mixja tat-trattament tagħhom, u kif ukoll, wara kollox, ngħaddi minnu jien innifsi bħala pazjent tal-onkoloġija, ninnota kemm hu importanti li wieħed jimxi fuq il-passi ta' Marija fil-qafas tal-misteri tar-Rużarju. Dan l-għaliex dawn il-misteri jgħinuna biex, l-ewwel nett, niffukaw aktar fuq il-ħajja ta' Marija stess u kif din tgħix il-messaġġ ta' Kristu Binha. U, it-tieni nett, jgħinuna wkoll li jkollna l-mentalità tagħha fis-sitwazzjonijiet, sbieħ u koroħ, li din il-mixja toffrilna minn żmien għal żmien quddiemna.

M'hemmx dubju li Marija kienet mara tassew b'saħħitha u mimlija kuraġġ! U, is-saħħa tagħha toħroġ anki mill-fatt li, bil-grazzja tal-Mulej li kienet tiddi fiha, seħħilha tgħix mumenti ta' dlam ċappa u li kienu mimlija mistoqsijiet dwar liema rotta l-vjaġġ tagħha kien se jeħodha. Madankollu, Marija seħħilha tikber fir-relazzjonijiet! U dan għamlitu pass wara l-ieħor! Marija kellha l-gazz li tgħix il-mument preżenti tagħha, iebes kemm kien iebes, għaliha. U dan wettqitu b'mod attiv għall-aħħar tant li, megħjuna mill-grazzja tal-Mulej, irrispondiet għalih bil-fiduċja tagħha fih, Hu li kien il-kollox għaliha u li lilu tant tħobb. U, din ix-xhieda qalbiena tagħha, Marija temmietha fil-ħwejjeġ iż-żgħar. Għalhekk, l-IVA tagħha, jum wara jum, bdiet issawwar il-profondità tal-fidi tagħha u anki trattab kull dubju li kellha jdur ġewwa fiha.

Fl-ewwel misteru minn tal-ferħ: Meta l-anġlu Gabrijel ħabbar lil Sidtna Marija li kellha tkun Omm Alla. L-Aħbar! Ta' Marija kienet ta' ferħ! Imma tagħna, li għaddejjin mill-kura, kienet ta' niket! Madankollu, Marija tfakkarna: *Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!* (Lq 1:38). U x'inhi kelmet il-Mulej? Li nintelqu fir-rieda qaddisa tiegħu! Fit-tieni misteru minn tal-ferħ: Meta sidtna Marija marret iżżur lil qaribha tagħha Santa Eliżabetta. Iż-żjara! Tfakkarniex din fiż-żjajjar li għamilna qabel ġejna *diagnosed* u anki issa fl-Isptar! U Marija tgħina nitolbu hekk: *Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu* (Lq 1:68). Anki quddiem aħbar iebsa Alla l-Ħellies jersaq lejna biex jifdina!

It-tielet misteru minn tal-ferħ: Meta Sidna Ġesù Kristu twieled fl-għar ta' Betlehem. It-twelid! Ħaġa mill-isbaħ! Imma aħna qed niftakru li issa twieldet theddida għal saħħitna bid-dijanjosi li ħadna! Għalhekk Marija, f'dan il-mument ta' dlam, tfakkarna f'din il-wegħda li rċeviet hi stess mill-Anġlu: *L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek* (Lq 1:35). Il-qawwa tal-Mulej waqt it-tbatija tagħna! Ir-raba' misteru minn tal-ferħ: Meta Sidtna Marija ppreżentat lil binha Ġesù fit-tempju. Il-preżentazzjoni! Bħalma aħna wkoll, minkejja t-tbatijiet li ngħaddu minnhom, għandna l-Mulej jippreżentalna l-ħin kollu, daqqa b'mod u daqqa b'ieħor, il-faraġ tiegħu. Tgħidilna Marija: *Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu, joktor fina l-faraġ* (2 Kor 1:3-5). X'kuraġġ għalina li nippreżentaw lil ħaddieħor il-faraġ li jgħaddilna l-Mulej meta jieħu fuqu d-dwejjaq tagħna u jibdlu f'faraġ għal min qed ibati bħalna! Il-ħames misteru tal-ferħ: Meta Sidtna Marija tilfet lil binha Ġesù u, wara tlitt ijiem, sabitu fit-tempju jiddisputi mad-dutturi. Is-sejba! Bħalma aħna wkoll, meta nsibu ruħna mdawrin bl-ilma tal-marda, u mas-salmista ngħajtu lill-Mulej: *Salvani, o Alla, għax l-ilma laħaq sa griżmejja* (S 69:2), dlonk tiġi Marija ħdejna u tfakkarna nlissnu dan il-kliem: *Nerfa' għajnejja lejn l-għoljiet; mnejn se tiġini l-għajnuna? L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, li għamel is-sema u l-art* (S 121:1-2). Inkunu ħa nifgaw mill-qtigħ il-qalb u Marija turina li l-Mulej hu l-għajnuna tagħna!

U Marija tkompli timxi magħna fil-misteri tad-dawl waqt it-trattament li qed nieħdu! Fl-ewwel misteru minn tad-dawl: Meta Sidna Ġesù Kristu

# Mariano Panel Beater

*Mariano D'Amato*



Spraybooth painting
Insurance Approved

**M: 99873335**
**E: marianodamato87@gmail.com**
**A: Baldacchino Garage Complex,**
**New Street in Valletta Road, Żurrieq**



# Maths Coach

**Mathematics and Physics Private Tuition**

**MATHEMATICS**

- Year 8, 9 and 10
- Year 11 (SEC Paper 2A & 2B)
- SEC classes for Mature Students

**PHYSICS**

- Year 11 (SEC Paper 2A & 2B)

✓ Small groups
✓ Qualified and Experienced teacher
✓ Notes and Worksheets provided without charge

**Mqabba**

**7970 7458**

tgħammed fix-xmara Ġordan. Il-magħmudija! Veru li f'dan il-waqt tal-mard inħossu *jgħaddi mewġ tal-ilma qawwi* (S 124:5). Iżda Marija, ta' Omm li hi, f'dan il-mewġ tal-ilma qawwi, tgħidilna bi kliem is-Salm 32: *Għalhekk kull min hu twajjeb lilek jitlob fi żmien in-niket. Jekk ifuru ilmijiet kotrana, lilu qatt ma jilħquh* (S 32:6). Fit-tieni misteru minn tad-dawl: Meta Sidna Ġesù Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana. Festa! Imma kif nista' nagħmel festa meta għaddej u għaddejja minn dan kollu? Meta nħossni mitluf u mitlufa fit-triq tal-kura tiegħi stess? Marija tfakkrek u tfakkarni fil-kliem tal-Missier il-Ħanin tal-parabbola: '*Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!'* (Lq 15:22-24). Iva! Marija qed tgħinni niftakar li jien il-maħbub u l-maħbuba tal-Missier! Mela ħa niffesteġġja din l-imħabba ISSA, waqt li qiegħed u qiegħda nieħu t-trattament tiegħi!

Fit-tielet misteru minn tad-dawl: Meta Sidna Ġesù Kristu ħabbar is-saltna ta' Alla u sejjaħ għall-indiema. L-istedina! Bħalma għandi stedina jien u int, fis-sitwazzjoni tagħna: li nibqa' miexi u miexja fit-triq tal-ħajja jew inkella narmi lili nnifsi u noqgħod nibki xortija mal-ġenb tat-triq jew inkella wiċċi mal-ħajt. Għalhekk, u ta' Omm li tabilħaqq hi, Marija twennisna b'dan il-kliem tas-Salm 16: *Int tgħallimni t-triq tal-ħajja; hemm il-milja tal-ferħ quddiemek, hemm l-għaxqa għal dejjem f'lemintek* (S 16:11). X'hemm isbaħ milli niftakar li jekk inkun mal-Mulej jien qiegħed u qiegħda fit-triq tal-ħajja, tal-milja tal-ferħ u ta' kull għaxqa?

Fir-raba misteru: Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-appostli fuq il-muntanja Tabor. Il-bidla! U, quddiem il-bidla li aħna ngħaddu fil-mixja tat-trattament tagħna tal-marda tal-kanċer, Marija ddur lejna, taqbdilna idejna u, filwaqt li ddawwarna lejn Missierna u Missierha tas-Sema titolbu hekk magħna u għalina: *Int bdilt fi żfin l-għali tiegħi, neżżajtni min-niket, bil-ferħ ħażżimtni* (S 30:12). Hekk hu! M'għandix le għalfejn nibqa' nikkonċentra aktar fuq l-għali u n-niket ta' dan il-mument li għaddej minnu iżda għandi kull raġuni għalfejn niffissa ħarsti fuq il-Missier li jżeffinni u jħażżimni bil-ferħ tiegħu! Ibda biex mill-affarijiet sbieħ li l-ħajja ta' kuljum iddewwaqni!

Fil-ħames misteru minn tad-dawl: Meta Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-misteru tal-Għid. It-tifkira ħajja tal-persuna li tassew tħobb hi l-imħabba li xxerred madwarha meta tkun hawn, fostna! F'dawn il-mumenti ta' swied il-qalb u anki tat-tqattigħ minn ġewwa, kemm naħsbu li qegħdin waħidna hux! U li abbli qed nagħżqu fl-ilma! Imma Marija, Ommna, toħodna lejn dan il-kliem mill-isbaħ ta' Binha, għalik u għalija, il-pazjenti: *Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom* (Mt 11:28). Kemm l-Ewkaristija hi l-ħajja u s-serħan tagħna li għaddejjin mit-triq twila, imtarrġa, mimlija għoljiet u ġieli anki b'xewk u għollieq tat-trattament! X'kuraġġ insibu fiha u biha!

U l-ħajja tissokta għaddejja sakemm jaslu l-mumenti tant iebsin tas-salib! Fl-ewwel misteru minn tat-tbatija: Meta Sidna Ġesù Kristu għamel l-Orazzjoni fl-Ort u għereq l-għaraq tad-demm. Kemm hi kerha l-biża'! Fejn se naqbad nagħti rasi f'din l-istorja kollha? Imma Marija tfakkarna f'dak li nsibu fil-ktieb tal-Lamentazzjonijiet: *Meta jien sejjaħtlek, int qrobt lejja, u għedtli: "La tibżax"* (Lam 3:57). Għandi mela għax nittama u nagħmel kuraġġ! Għax dan Alla li fih nemmen jibqa' ikellimni mhux biss meta kollox ikun ġej sewwa iżda, u b'mod speċjali, meta l-affarijiet jibdew ġejjin ħżiena! Fit-tieni misteru minn tat-tbatija: Meta Sidna Ġesù Kristu kien marbut mal-kolonna u fflaġellat. Id-daqqiet! Kemm huma koroh! L-istess daqqiet li kapaċi ngħaddu minnhom matul il-marda tagħna. Biss Marija tfakkarna fil-kliem li nsibu fl-Ewwel Ittra ta' San Pietru: *Bil-ġrieħi tiegħu intom fieqtu* (1 Pt 2:24). Id-daqqiet li nirċievu minn barra jafu jfakkruna fl-Eroj li għandna ġewwa fina! Jiġifieri f'Ġesù li għalih San Pawl jgħidilna: *Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini* (Fil 4:13).

Fit-tielet misteru minn tat-tbatija: Meta Sidna Ġesù Kristu kien inkurunat bix-xewk. L-inkurunazzjoni bix-xewk ta' dak li aħna, minħabba dak li għaddejjin minnu bħalissa, hi tant iebsa għax qed tikkawżalna xebgħa tbatija! Iżda Marija titlob magħna bi kliem is-salmista li jippreżentalna lill-Mulej li jidlek irjusna biż-żejt ta' mħabbtu li ma tintemm qatt. *Biż-żejt tidlikli rasi* (S 23:5). Fir-raba' misteru minn tat-tbatija: Meta Sidna Ġesù Kristu kien mgħobbi s-salib mingħand Pilatu sal-Kalvarju. L-irfigħ tas-Salib! Waqt li qed inġorru s-salib tagħna f'dan il-mument diffiċli u ta' prova kbira waqt li qegħdin nieħdu l-kura, nafu li dak li għaddejjin minnu mhux għalxejn. Li, fl-aħħar mill-aħħar, ġid minnu se joħroġ żgur! U Marija terġa' toħodna mill-ġdid għall-kliem Binha u Ħuna l-Kbir Ġesù li jgħidilna: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja* (Mk 8:34).

Fil-ħames misteru minn tat-tbatija: Meta Sidna Ġesù Kristu kien mislub fuq is-salib u, wara tliet sigħat tal-agunija, miet. Il-mewt! Din żgur li hi kelma li qed niġġieldulha bl-għeruq u x-xniexel! Daqskemm hi kerha u ta' min tassew li għandu jobgħodha! Lesti nieħdu kull kura possibbli taħt ix-xemx basta ma mmutux! Ma rridux le ninfirdu mill-għeżież tagħna! Iżda anki quddiem din ir-realtà qarsa tal-mewt kliem Ġesù, permezz ta' Ommna Marija li tinsab wieqfa ħdejn is-salib tiegħu, tabilħaqq ifarraġna! *Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt* (Ġw 11:25-26). Lanqas il-mewt m'għandha l-ħila tnaqqas, imqar b'xiber, il-ħajja ta' dejjem tagħna mogħtija lilna bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu Sidna!

Imbagħad wasalna għall-aħħar stadju tal-ħajja, jiġifieri li wara t-tbatija tiġi l-glorja. Wara l-esperjenza


All`u 1
Siggiewi
Clothes • Underwear • Baby Items • Shoes
Hand Bags • Households • Gifts
Dr. Nikola Zammit Street, Siggiewi
Tel: 00356 21462360
Find us on facebook


B & G HARDWARE
STORE
Paint
OVER 5,000
COLOURS
INSTANTLY
AVAILABLE
10% DISCOUNT on:
PAINTS • ELECTRICAL & PLUMBING FITTINGS
SELECTION • QUALITY • PRICES
FREE DELIVERY
10, Triq San Tumas, Luqa
Tel/Fax: 2167 5362

tassew qarsa tal-mewt tiġi dik tal-ħajja, *u* ħajja bil-kotra (Ġw 10:10). U hawn il-preżenza mimlija faraġ tinħass fl-aqwa tagħha kemm minn Ġesù u kif ukoll minn Marija, Ommu u Ommna. Fl-ewwel misteru minn tal-glorja: Meta Sidna Ġesù Kristu qam minn bejn l-imwiet. Il-qawmien mill-mewt! X'aħbar ta' ferħ u ta' tama! X'aħbar tabilħaqq reali tal-ħajja li ma tispiċċax! Għalhekk Marija tfakkarna fil-kelmiet sbieħ ta' Binha Ġesù: *Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet* (Lq 24:46). Bħalma għad inqumu aħna! Mhux biss meta s-saħħa ta' ġisimna, bil-grazzja tal-Mulej, tibda ġejja 'il quddiem, iżda meta nħallu tidħol fina l-konvinzjoni vera li aħna ma mmutu qatt għax ninsabu ħaġa waħda fi Kristu, li miet u qam għal dejjem ta' dejjem! Ammen!

It-tieni misteru minn tal-glorja: Meta Sidna Ġesù Kristu tela' s-sema. Kristu tela' mhux biex iħallina. Anzi! Tela' is-sema biex aktar jibqa' magħna! Għalhekk, Marija terġa' toħodna fil-kliem mimli faraġ ta' Ġesù li nsibu fil-Vanġelu skont San Mattew li waqt li qed jibgħat lill-appostli bil-missjoni tagħhom, u magħhom qed jibgħat lilek u lili għand il-pazjenti u nies oħra ħutna, jgħidilna: *U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien* (Mt 28:20). Magħna! Fit-tlajja' u l-inżul! Fil-ferħ u n-niket! Magħna! Biex jismagħna u jsalvana! X'aħbar kbira ta' ferħ hi din tabilħaqq!

Fit-tielet misteru minn tal-glorja: Meta Sidna Ġesù Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli. Il-miġja tal-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu ta' Ġesù, tfisser l-akkumpanjament ta' Ġesù lid-dixxipli. Għalhekk, int u jien li għaddejjin mit-trattament tal-kanċer, Marija tfakkarna fi kliem Binha li l-Ispirtu s-Santu qiegħed imexxina f'dan kollu. *Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, jwassalkom* għall-verità kollha (Ġw 16:13). Fir-raba' misteru terġa' tidħol Ommna Marija fix-xena: Meta Sidtna Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Marija turina li jekk nibqgħu ħaġa waħda ma' Binha u taħt il-mant tagħha, kif jgħallimna l-Appostlu, ġisimna *li jitħassar [għad] jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u li dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalità* (1 Kor 15:53). Mela, ħa nħarsu lil hinn minn dak li qed jaraw issa għajnejna, għajjiena kif inhuma mill-provi li jaf joffrilna dan il-vjaġġ ta' kura u nħarsu lejn dak li se nkunu fi ftit żmien ieħor.

Imbagħad, fil-ħames misteru minn tal-glorja: Meta Sidtna Marija ġiet inkurunata mit-Trinità Qaddisa, u mgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli. U hawn naraw il-glorifikazzjoni ta' dik il-mara li dejjem qalet IVA, bi kliemha u wisq aktar b'għemilha, għal dak li talabha twettaq il-Missier! Marija kienet ma' Binha fil-mewt. Għalhekk kien sewwa u xieraq li tieħu sehem miegħu fil-qawmien tiegħu għall-ħajja. U issa hi wkoll, bi grazzja tiegħu, ġiet imtella' fis-sema bir-ruħ u l-ġisem u qiegħda ssaltan miegħu għal dejjem ta' dejjem. Għalhekk Marija tfakkarna f'dak li tgħidilna t-Tieni Ittra lil Timotju: *jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll* (2 Tim 2:12). Mela, ħa nissuktaw noforqu mwieġ il-ħajja magħha sakemm miegħu u magħha, l-għażiża Ommna u Oħtna, insaltnu fis-Saltna tal-*hena, id-dawl u s-sliem*.

Fl-Ittra tiegħu dwar ir-Rużarju Mqaddes, *Rosarium Virginis Mariae*, San Ġwann Pawlu II jgħid hekk għar-Rużarju: "Fih fdajt il-ħafna preokkupazzjonijiet tiegħi u dejjem sibt il-faraġ" (nru.2). Ejjew aħna lkoll, il-pazjenti tal-onkoloġija, insibu l-faraġ tagħna fost il-ħafna preokkupazzjonijiet li jkollna niffaċjaw ruħna magħhom fil-mixja tagħna tal-kura li qed nirċievu. Il-fidi, l-umiltà, il-ħlewwa, is-sabar, it-tama, ir-rażan, it-tjieba, il-ġustizzja, il-biża' t'Alla, il-qawwa fit-tiġrib, il-perseveranza, id-dixxerniment, l-intenzjoni retta, l-ubbidjenza, it-telqa f'idejn ir-rieda tal-Mulej u l-imħabba, kollha huma ġawhar mill-isbaħ li jaf jagħtina biss ir-Rużarju Mqaddes! Kos hux! Din il-kullana ta' virtujiet kemm tabilħaqq tikkwalifika l-preżenza ta' Marija Ommna bħala waħda ta' faraġ liema bħalu waqt il-kura mill-marda tal-kanċer!

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tirringrazzja lill-partitarji kollha li jagħtu sehemhom f'kull kummissjoni u s-sotto kumitati għall-impenn u d-dedikazzjoni li juru matul is-sena kollha, b'mod partikolari fil-festa.
Grazzi kbira lill-benefatturi kollha ta' din is-Soċjetà.

**CHEYENNE**

AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420



**fgp** *The Garage Door People*

**Serving You Since 1962**

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

· Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
· Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
· Remote Control available



109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt



# Taħt il-Ħarsa ta' Santa Marija, Omm Malta Rebbieħa

**Stefano Ancilleri**

Sena w nofs għaddiet minn fuqna meta x-xefaq deher inin
bis-sħab skur tal-pandemija, riesaq fuqna, il-Maltin.
Tlifna l-qraba, għeżież tagħna, li ħallewna bil-mijiet,
bla ma stajna nkunu magħhom qabel għebu minn dal-wied.

Rajna 'l niesna qed ibatu, jissaraw biex jieħdu n-nifs,
bla ma stajna nersqu lejhom, qishom pupi tqal tal-ġibs.
U hemm sew f'din l-agunija, ta' min jiem, ġimgħat jew xhur,
tilmaħ dlonk lil bin Marija w hi ħdejh siekta fid-dulur.

Kemm tlabnieha din is-sena biex teħlisna mit-tiġrib,
biex tkebbisna b'aktar faraġ taħt il-madmad tas-salib;
fis-Santwarji sbieħ f'pajjiżna, fil-kappelli w knejjes kbar,
fuq ir-radju, 't-televixin, u fis-skiet ta' ġewwa d-dar.

Kemm għamilna wegħdi ġodda, kemm stennejna t-temp jisbieħ,
w għalkemm xirfet il-qawsalla, baqa' jnemnem il-musbieħ;
w kemm għamilna qalbna sewda meta l-festi tal-Maltin,
ad unur l-Omm ħelwa tagħna u ta' tant, tant qaddisin,

kellhom jieqfu jsiru ħesrem; baqgħu siekta r-rħula, 'l-bliet,
u battala mill-miġemgħa, jistennew li jgħaddi l-wied.
'Mma l-Istorja lkoll tgħallimna biex ma naqtgħu qalbna qatt
għax fir-rwiefen u t-tempesti illi jriegħxu lil kulħadd,

dejjem sibna tarka soda li tmexxina fl-ilmijiet,
li turina dinja oħra fejn m'hemmx aktar tbatijiet;
meta fl-eqqel tal-Assedju fejn daħlulna bħal ħalliel
u fil-gwerra taħt l-Ingliżi, f'ħalq il-bombi f'xita qliel,

ġensna għeleb l-agħar kalvarju; laqa' hawn il-Konvoj sħiħ,
sewwasew f'Santa Marija, dak il-jum li kien rebbieħ!
U għalhekk il-kuraġġ nagħmlu sabiex negħlbu l-mewġ tal-lum,
waqt li nuru aktar għaqal u nitgħallmu ta' kuljum

mill-iżbalji tal-imgħoddi u mill-piki tagħna stess
illi jġibu biss il-firda waqt li jnaffru l-interess
ta' dawk kollha li jitħajru jagħtu sehemhom biss bil-qalb
biex bil-festa ċkejkna tagħhom u bl-imħabba u bit-talb,

jgħollu l-isem ta' Marija, il-Patruna tal-Maltin,
dawk li ssieltu għal gżiritna u ħallewna tul is-snin,
kif issieltu llum qrabatna biex jinħelsu min-nirien
bl-aqwa tobba u infermiera jindukrawhom bla waqfien!

*It-2 ta' Lulju 2021*

Panel Beating • Spray Painting

**Lawrence Grixti**

# DEMSWEET

Approved by Insurance

Garage

Sejba Road, Mqabba

Mob: 9945 5636

Tel: 2164 2992



**L-AVUKAT**

**DR MARK PORTELLI B.A., LL.D.**

*jawgura l-Festa t-Tajba*

*lill-Imqabbin kollha*

*u jieħu l-okkażjoni biex jinforma l-klijenti tiegħu*

*li d-dettalji l-ġodda tal-uffiċċji huma*

**11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba MQB 1330**

**99, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1446**

Tel: **2123 9151** | Fax: **2123 9757** | Mob: **7905 5392**

Email: **mark@pnpadvocates.com** | Web: **www.pnpadvocates.com**



# Paniġierku, Festa ta' Santa Marija, 15 ta' Awwissu 2012

**Dun Brendan M. Gatt**



Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħal eżerċtu lest għat-taqbida? (Għan 6,10)

Tassew, min hija, ħuti? Hija l-Qaddejja tal-Mulej, li lilha kull nisel isejħilha hienja. Għalhekk inġbarna llum: sabiex bħal għoxrin seklu Nsara qabilna, nagħtu ġieħ lil dik li *"emmnet kulma bagħat jgħidilha l-Mulej."*

Ippermettuli nsellmilha bil-kliem ta' San Massimiljanu Kolbe, wieħed mill-martri tas-seklu l-ieħor, tant devot ta' Marija, li għalkemm ħalla ħajtu taħt il-ħruxija Nazista, l-aħħar ferħa tiegħu kienet li qed imut lejlet Santa Marija:

Ħallini nfaħħrek, Verġni l-aktar qaddisa.
Ħallini nfaħħrek bl-impenn u s-sagrifiċċju tiegħi personali.
Ħallini ngħix, naħdem, inbati, ninħela u mmut għalik, għalik biss.
Ħallini nwassal għal għandek id-dinja kollha.
Ħallini ngħin biex iseħħ dejjem aktar is-sebħ tiegħek, biex iseħħ l-ogħla sebħ tiegħek.
Ħallini nagħtik glorja hekk kbira li s'issa għadu ħadd ma tak.

Ħuti fis-saċerdozju, u intom, ħuti fil-magħmudija u fid-devozzjoni lejn il-Kbira Omm Alla, Marija Santissima!

Lil Marija wkoll nistgħu nxebbhuha ma' dik iż-żiffa ħelwa mimlija bil-preżenza t'Alla li naqraw dwarha fil-ktieb tas-Slaten. Marija wkoll ma kinitx iddoqq trombi; Marija ma kinitx imkabbra jew supperva; ma kinitx issabbat u thedded biex tieħu tagħha. Minkejja l-kobor u majestà tas-sejħa tagħha, hija baqgħet umli, u ssejjaħ lilha nfisha l-Qaddejja tal-Mulej. Ma tkabbritx, anzi, baqgħet tridha ta' ċkejkna: *għax Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu*. U allura jien indur lejha u nistaqsiha:

*Min int, O Marija, biex iċekken lilek innifsek, meta Alla nnifsu xeħet għajnejh fuqek u nnamra miegħek? Tassew privileġġjata int, O Marija, li għalik Alla l-Għoli biddel, għawweġ, xejjen ir-regoli tan-natura:*

- *Iva: għalik biddel ir-regoli tan-natura meta fdiek sa minn qabel, fil-mument tat-tnissil tiegħek, sabiex jagħmlek għamara xierqa għal ibnu;*
- *għalik reġa' għawweġ ir-regoli tan-natura, snin wara, sabiex inti tnissel fil-ġuf bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu filwaqt li xbubitek tibqa' bla mittiefsa.*
- *U għalik reġa', snin iktar tard, dak l-istess Alla, xejjen għal kollox ir-regoli tan-natura, biex fit-tmiem ta' ħajtek jagħtik il-premju li jistħoqqlok għall-fedeltà tiegħek; u bħalma d-dnub ma kellux ħakma fuqek fil-ġuf, l-anqas il-mewt ma kellha ħakma fuqek fil-qabar. Dak Alla li huwa l-Ħallieq, il-Feddej u l-Iben tiegħek tellgħek rebbieħa u glorjuża fis-sema biex maġenbu – fuq il-leminija tiegħu – issaltan fuq l-Univers.*

Għalhekk ferħet il-Knisja kollha, mxerrda madwar id-dinja, meta fis-Solennità tal-Qaddisin kollha, nhar l-1 ta' Novembru tas-sena ġubilari 1950, semgħet lill-maħbub Papa Piju XII jiddefinixxi solennement, permezz tal-Bulla Papali *Munificentissimus Deus*, mhux xi tagħlim ġdid, iżda dak li l-Insara emmnu sa mill-eqdem żminijiet:

> "Għall-glorja ta' Alla li jista' kollox li xerred il-benevolenza speċjali tiegħu fuq il-Verġni Marija, għall-unur ta' Binha, is-Sultan Immortali taż-żminijiet u r-Rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt, u għat-tkattir tal-glorja tal-istess Omm l-Aktar Għolja u l-ferħ u l-eżultanza tal-Knisja kollha; bl-awtorità ta' Sidna Ġesù Kristu, tal-Qaddisin Appostli Pietru u Pawlu, u bl-awtorità tagħna stess, nippronunzjaw, niddikjaraw u niddefinixxu bħala domma rivelata minn Alla: li l-Immakulata Omm Alla, Marija dejjem Verġni, wara li temmet il-mixja ta' ħajjitha fuq din id-dinja, ġiet meħuda fil-glorja tal-Ġenna bir-ruħ u l-ġisem."

Din hija r-raġuni għall-festa tal-lum: Għat-tkattir tal-glorja tal-istess Omm l-Aktar Għolja u l-ferħ u l-eżultanza tal-Knisja kollha. Iva ħuti, aħna – bħala Knisja – nifirħu u neżultaw bil-glorja li tingħata lil


Fresh
&Clean
LAUNDRY & DRYCLEAN
Tel: 2146 1410 • Mob: 7966 6262
talfreshandclean@gmail.com


Gold Lady
Jewellery
Goldsmith & Silversmith
Manufacturers & Repairs
Now also available
a large selection
of trophies
Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun - Tel: 21673928/27673928
Open Hours: 08.30 - 12.00 16.00 - 19.00

ommna Marija. Imma ftakru: Marija tibqa' tagħti dejjem il-glorja lil Alla: *Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej … Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar: Qaddis hu l-isem tiegħu!*

Din hi l-attitudni li wasslet lil Marija biex issir il-post ta' għaqda u rikonċiljazzjoni bejn Alla u l-Bniedem, bejn is-Sema u l-Art. Mhux ta' b'xejn li l-Missirijiet tal-Knisja, dawk l-għorrief tal-ewwel sekli, kif ukoll ħutna l-Insara Ortodossi sal-lum il-ġurnata, jitkellmu dwar Marija bħala s-Sellum ta' Ġakobb, xbieha misluta mid-dehra tal-patrijarka Ġakobb fil-ktieb tal-Ġenesi: Dakinhar li ra dik il-viżjoni, Ġakobb stenbaħ u qal: *"Tassew hawn Alla f'dan il-post … Kemm hu tal-biża' dan il-post sagru. Dan mhux ħlief dar Alla, u dan bieb is-smewwiet!"* (Ġen 28, 16-17). L-istess għamlu l-Insara matul is-sekli meta ħarsu lejn Ommna Marija: fehmu li hi fetħitilna l-bieb biex naslu għand Alla, u għalhekk sejħulha *Ianua Caeli,* Bieb tas-Sema.

Araw kemm hu veru dan li qed ngħidilkom. Ħarsu lejn l-istatwa għażiża tagħkom, l-għaxqa tal-Imqabbin, dik li sebgħin sena ilu, b'mod misterjuż ħelset mill-qerda li ġarrbet il-knisja tagħkom (u tant knejjes oħra f'Malta) fil-qilla tal-bumbardamenti tad-9 ta' April tal-1942. Ħarsu lejha, nerġa' ngħidilkom, u f'dak il-wiċċ mill-isbaħ araw is-safa ta' ruħha; araw il-ħarsa tagħha msammra fis-smewwiet, qisha biex tgħidilna, bi kliem San Pawl: *"minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu. Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu"* (Fil 3, 20-21). Hekk għamel il-Mulej magħha u refagħha fis-sema sabiex tkun l-ewwel pajżana tas-sema. Anki l-kuluri tagħha, l-aħmar u l-ikħal jissimbolizzaw l-uman u d-Divin minsuġa flimkien: tassew Marija kienet il-post fejn Alla u l-Bniedem iltaqgħu, wara li bid-dnub ta' Adam u Eva huma kienu nfirdu. Marija hija l-Ġnien tal-Għeden il-ġdid, fejn Alla l-Imbierek jitgħaxxaq jippassiġġa mal-bnedmin!

Issa ħarsu lejn l-idejn tagħha, b'waħda tbierek id-dinja u bl-oħra merfugħa lejn is-sema, qisha biex tilqa' l-id ta' Alla li se jaħtafha minn din id-dinja li tintemm għal dik is-saltna. Ħarsu lejn din l-istatwa, u filwaqt li titgħaxxqu bil-bravura u l-kapaċità tal-istatwarju Xandru Farrugia, ħarsu iktar fil-fond u taħt dawk il-kuluri u d-deheb araw lil Marija bħala l-pont bejn Alla u l-bniedem, il-pont bejnha u bejn is-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Hu biss il-medjatur bejn il-bniedem u Alla, iżda l-missjoni fdata lil Marija hija li tressaq il-bnedmin lejh. Hi tista' tagħmel dan għax għexet bejn żewġ dinjiet, dik tal-bnedmin u dik ta' Alla: fil-ħajja normali tagħha daħlet il-ħajja sopranaturali ta' Alla. Il-ħajja ta' kuljum messet mal-ħajja ta' dejjem. Fil-faqar ta' stalla ġo Betlem hi rat is-Sema u l-art jitbewsu, għax quddiemha u permezz tagħha Alla l-Għoli nkarna f'sempliċi tarbija. Baqgħet tgħix bejn żewġ dinjiet sal-aħħar, sa dak il-mument meta ħadet dak li huwa tagħna l-bnedmin – dan il-ġisem li jispiċċa – u telgħet bih fil-glorja għand Alla.

B'idha l-merfugħa, Marija, bħal dik l-Għarusa misterjuża tal-Apokalissi tgħid lil Ġesù "Ejja, *Maranatha*: Fittex ejja ibni għax id-dinja għaddejja mill-uġigħ tal-ħlas u tinsab imxennqa biex tara 'l wiċċek"; u b'idha x-xellugija mniżżla lejn id-dinja, tkellem lilna u tgħidilna "Ejjew: intom pajżani tas-sema! Ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja."

Sabiex twassalna ħdejha fil-Ġenna, Marija tagħmlilna stedina oħra, li wkoll insibuha fil-kitbiet ta' San Pawl: *Ixbhu lili*. L-istess tista' tgħidilna Marija: Ixbhu lili. Din mhix arroganza tal-qaddisin, ħuti! Jekk San Pawl – u iktar minnu Santa Marija – jistgħu jgħidulna "ixbhu lili", hija biss għax huma kienu jixbhu lil Kristu. Għax huma nkarnaw fiċ-ċirkustanzi partikolari tagħhom bir-rieda t'Alla.

Marija tista' tkun mudell għalina għax marret qabilna. Bħalma Ġesù kellu lil Ġwanni l-Battista bħala Prekursur tiegħu, aħna wkoll – il-Knisja – għandna l-Prekursura tagħna fil-persuna ta' Marija. Marija hija dik li dejjem tmur quddiem, sabiex turina t-triq u tħejjilna post.

Element qawwi li naraw fil-ħajja ta' Marija huwa t-tama. U t-tama ta' Marija narawha tiddi f'kull mument ta' ħajjitha, tant li l-Papa Benedittu XVI jsejħilha Kewkba tat-Tama:

- ittamat Marija meta kellha tiffaċċja l-konsegwenzi tat-tqala tagħha u rriskjat saħansitra ħajjitha. Jgħidilna San Ġorġ Preca fil-ktieb tiegħu *Il-Benedicta* li "ma kenitx fiergħa t-tama tagħha, għax Ġużeppi, meta qatagħha li jħalliha bil-moħbi, ġie mis-sema mgħarraf fuq il-kbir misteru li minn tant diqa ta' qalb għaddieh f'baħar ta' ferħ kbir. Marija kienet ċertissima li Alla ma jqiegħed fil-konfuzjoni 'l ħadd li jqiegħed it-tama fih."
- Ittamat Marija anki taħt is-salib ta' binha: ittamat li dik il-wegħda tal-Arkanġlu Gabrijel tant snin qabel, jiġifieri li s-saltna ta' Ġesù ma jkollhiex tmiem, se sseħħ xorta waħda; minkejja li fil-mewt ta' Binha l-għajnejn fiżiċi tagħha kienu qed jaraw it-tmiem ta' kollox, l-għajnejn ta' ruħha baqgħu jittamaw li r-rieda t'Alla se sseħħ, li Alla tagħna huwa Alla li jaf jikteb dritt fuq linji mgħawġa; li meta aħna nagħmlulu *fullstop,* Alla tagħna jibda paġna ġdida, jekk mhux ukoll ktieb ġdid!
- Ittamat fl-aħħar Marija, wara t-tlugħ fis-sema ta' Binha, li huwa mhux se jħalli l-Knisja orfni: baqgħet tishar mal-Knisja tal-bidu, tistenna l-miġja tad-Difensur.

Iżda l-aqwa mument fejn naraw it-tama fil-ħajja ta' Marija huwa proprju fil-festa tal-lum: it-tlugħ tagħha fis-sema. Diġà rajna kif Marija tmur qabilna: Marija


FRAME MAKER
caruanachristian@gmail.com
For any kind of frames
and glass cutting
Opening Hours:
Mon - Tue - Thur - Fri:
4.00pm - 7.30pm
Sat: 8.00am - 1.00pm
Wed: Closed
57, St. Catherine Street,
Mqabba MQB 1203
Tel: 2168 3308
Mob: 9988 8691


G. Camilleri
Petrol Station
CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS
PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS
CAR WASH
FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS
TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235


L. Micallef Steel Works
Steel Works , Aluminum and Stainless Steel Welding
Ludvic Micallef • MIG & TIG Welder
Mob: 9947 6932

Assunta hija wkoll Prekursur għalina tal-qawmien mill-mewt; hi tfakkarna li fejn waslet hi, bniedma bħalna, nistgħu naslu aħna wkoll. Aħna wkoll, iva, nistgħu ngawdu lil Alla għal dejjem, imlibbsin b'ġisem glorjuż bħal ta' Kristu Rxoxt u ta' Marija. L-Assunta hija garanzija li r-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt se tkun tagħna wkoll.

Ma jistax jonqos li Marija tieħu l-ewwel fl-aqwa virtù: l-imħabba. Il-ħajja ta' Marija mimlija b'eżempji ta' mħabba u servizz lejn l-oħrajn; tajjeb li nħarsu lejha u nitgħallmu minnha xi jfisser servizz mogħti bil-qalb u bi mħabba totali:

- Diġà fit-tqala tagħha, Marija – mimlija b'Ġesù li huwa l-imħabba nkarnata – tħobb u taqdi lill-kuġina tagħha Eliżabetta, fl-aħħar fażi tat-tqala tagħha.
- Tħobb ukoll Marija preżenti fit-Tieġ ta' Kana, li b'sensittività mill-ikbar tħoss għal dik il-koppja żagħżugħa li sa mill-ewwel mumenti tal-ħajja miżżewġa tagħha qiegħda tiltaqa' ma' diffikultajiet u problemi.
- Iżda l-imħabba kbira ta' Marija kienet merfugħa għal Alla l-Imbierek, tant li l-Knisja qatt ma stħat iżżejjen lil Marija bit-titlu ta' "Għarusa". Marija tassew kienet għarusa… anzi, namrata… hija kienet namrata mal-Kelma t'Alla, mar-rieda tiegħu, mal-pjan ta' salvazzjoni li Hu ried iwettaq permezz tagħha.

U għax kienet marbuta b'tant imħabba ma' Alla, stħaqqilha ssir omm il-Knisja, u minn fejn tinsab illum tibqa' tħobbna. Issa li tinsab fil-glorja, il-ħidma tagħha sabiex tindokrana u tinterċedi għalina ma ntemmitx.

L-antenati tagħna emmnuha bis-sħiħ din il-verità, u sa mill-eqdem żminijiet daru lejn Marija biex tidħol għalihom fil-mumenti ta' tbatija, niket, u għawġ, kemm bħala individwi kif ukoll bħala ġens Malti. Mhux ta' b'xejn li huma raw l-id qawwija ta' Marija takkumpanjahom fi żminijiet mudlama meta donnha ntilfet kull tama. Mhux għalxejn li huma ħatru lil Santa Marija bħala Patruna Speċjali tal-Gżejjer Maltin!

*Ejjew immorru bil-ħsieb lura 70 sena, eżattament bħal-lum, il-15 ta' Awwissu tal-1942, u bil-ħsieb u bil-qalb ningħaqdu ma' missirijietna fuq is-swar li jdawru l-port il-Kbir ta' pajjiżna. Dak il-port li llum jgħaxxaq it-turisti imma li dak iż-żmien kien simbolu tal-martirju li għaddew niesna għax kellhom l-ardir iqumu u jieħdu sehem – spalla ma' spalla flimkien mal-ħakkiema Ingliżi – f'dik il-battalja immensa kontra l-qawwa tal-ħażen tan-Nazi-Faxxiżmu. Aħna mdorrijin nitkellmu dwar l-għarixa ta' Santa Marija, dik il-kisja sħab li spiss naraw fis-sema f'dan iż-żmien tas-sena. Imma dik is-sena l-għarixa mhux minn sħab kienet iffurmata, iżda mill-*bombers *u l-*fighters *Ġermaniżi! Mietu ħafna, maqtulin mill-bombi jew midfunin taħt it-terrapien ta' djarhom, u dawk li ma ħallewx ħajjithom b'dan il-mod krudil kienu f'riskju li jitilfuha bil-mard jew bil-ġuħ li kien se jaħkimna. Iżda meta kollox deher dlam, meta ma kienx fadal tama, missirijietna u ommijietna xorta waħda żammew il-fidi u baqgħu jitolbu l-interċessjoni ta' ommna Marija; u r-rużarji li ntalbu fil-qiegħ tax-xelters instemgħu fl-ogħla smewwiet. Jisbaħ jum Santa Marija u fid-9.30am jidħol fil-Port il-Kbir – merfugħ u miġbud minn biċċiet oħra tal-baħar – it-tanker S.S. Ohio, izappap u f'riskju serju li jegħreq u salva lil Malta. Kulħadd stagħġeb bl-erojċità tal-ekwipaġġi ta' dan il-Konvoj. Il-Maltin stagħġbu tassew b'dak li seħħ, u bkew lil dawk li tilfu ħajjithom, iżda l-glorja ma tawhiex lill-bnedmin iżda lil Alla bl-interċessjoni ta' Ommu u Ommna. U minn dak il-jum 'il quddiem, għalina l-Maltin dik il-missjoni ma baqgħetx tissejjaħ* Operation Pedestal, *iżda ġiet mgħammda l-Konvoj ta' Santa Marija!*



Hawn ħafna nies bravi llum li jgħidulna "U ħallukom mill-mirakli! Dik, kulma kienet kumbinazzjoni!" Iżda min għandu dritt iħammrilna wiċċna, jekk aħna għandna l-għajnejn tal-fidi, u naraw iktar fil-fond? Jekk f'din l-hekk imsejħa kumbinazzjoni aħna naraw il-Providenza t'Alla u l-id materna ta' Marija? Ipinġuna qisna sempliċi u boloh. Mela isimgħu x'qal għaref kbir ta' veru u qaddis, il-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, dwar ġrajja oħra li messet lilu mill-qrib, meta Ali Agca, l-assassin Tork sparalu biex joqtlu. "Kienet id li sparat u id oħra li mexxiet il-balla. Donnu xi ħadd mexxa u żvija dik il-balla." Araw kif dan il-Papa ma staħax jara l-id t'Alla u ta' Marija fil-ġrajja tiegħu. U meta mar iżur Fatima sena wara biex trodd ħajr, kompla jgħid dawn il-preċiżi kelmiet: "F'dak kollu li ġara, jiena rajt – ma nixba' qatt ngħid – il-protezzjoni speċjali materna tal-

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba

Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

# Tal-Paradise

*Gas Fixed Point & Distributors*

**Opening Hours:**
**6.00am - 5.00pm**

**Delivery Hours (right to your door):**
**6.00am - 1.00pm**

Find us on: facebook

**Suppliers for Gas Cylinders**

Tal-Paradise Gas Fixed Point / Distributors

20, Triq L-iSkola, Ħal Safi

**Tel: 21682125 • Mob: 99269375 • e-mail: paradise_nick@hotmail.com**

# Lorraine's Beauty Clinic

All face & body treatments,
Make-up, Manicures & Pedicures, Waxing,
Semi-permanent make-up,
Holistic & Complimentary Therapies
by qualified Therapist.
Laser hair removal





Call for appointment or SMS to
21689 785 or 99450647
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba

Madonna. […] Fil-pjanijiet tal-Providenza Divina, ma jeżistux sempliċi kumbinazzjonijiet."

Mela ejjew aħna wkoll – bħal dan il-Papa tant maħbub minna l-Maltin – ma nistħux nagħrfu l-id ta' Alla u l-interċessjoni ta' Marija fil-ġrajja tagħna. Se nkunu aħna li npoġġu limitu fuq il-qawwa t'Alla?

Mela xi rridu nagħmlu biex nibqgħu ngawdu minn din l-għajn ta' ħarsien, ħuti? Sempliċi ħafna: irridu nibqgħu marbutin ma' Alla u ma' Marija. Sakemm Malta tibqa' ta' Marija, Marija tibqa' tħares lil Malta. 100 sena ilu, is-saċerdot minn din il-parroċċa u benefattur kbir tal-knisja, Dun Salv Schembri, ħallas għar-relikwarju li jintuża f'Santa Marija. Waħda mill-armi li hemm idawru r-relikwa hija l-arma tal-Imqabba; iżda tħallux li l-Imqabba tkun qrib ta' Marija biss fuq ir-relikwarju! Kunu qrib tagħha u ta' binha fl-għażliet kollha ta' ħajjietkom. Bħala Nsara Maltin aħna nħobbu nlissnu kliem kollu mħabba lejn Alla u lejn il-qaddisin; niċċelebraw festi mill-isbaħ u nżejnu djarna u l-knejjes u l-irħula tagħna bi xbihat, ġawhar u drappijiet prezzjużi. Nagħmlu briju u nixegħlu s-sema tas-sajf bi lwien u nirien li għalihom intom l-Imqabbin ġustament rinomati. Ilkoll kemm aħna spiss inkantaw: *Deh wettaq int, Marija, il-fehma fit-twemmin. Għax aħna rridu lil Ġesù Ibnek, isaltan dejjem fost il-Maltin… Għax aħna rridu lil Ġesù Ibnek, isaltan dejjem fost il-Maltin.*

Imm'aħna ta' veru rridu lil Ġesù Binha, isaltan dejjem fost il-Maltin? nistaqsi jien fl-injoranza tiegħi… Inħarsu madwarna ħuti. Kemm hawn nies li bid-diskors jgħidulu Tiġi Saltnatek lill-Mulej (u forsi lil Marija jsejħulha Reġina, Patruna, u elf titlu ieħor), imma fil-fatt bil-għażliet tagħhom ifittxu mhux is-saltna ta' Alla iżda s-saltna tagħhom infushom: is-saltna tal-kumditá, tal-pjaċir, tal-konvenjenza. Dan huwa l-għadu ta' żmienna: mhux il-Luftwaffe ta' Hitler li pprova jeqred il-Konvoj ta' Santa Marija. L-għadu tagħna mhuwiex min għandu kredu, jew partit, jew festa, jew kulur differenti minn tagħna. L-għadu tagħna huwa aħna nfusna, is-Saltna tal-Jien: kollox idur miegħi, jien hu alla sidi u allaħares min jindaħalli jew jipprova jiggwidani. Mhux qiegħed nipponta lejkom, ħuti; dan li qed ngħid jgħodd għal kulħadd, nibda minni nnifsi u minn ħuti saċerdoti u reliġjużi. Għalhekk iseħħu l-iskandli; għalhekk in-nies jitbiegħdu mill-Knisja, u għalhekk jgħidulek "Kristu Iva, Knisja Le", l-ereżija ta' żmienna! Għax kliem għandna ħafna, imma fatti għandna ftit. Minflok ngħidu "Iva" lil Alla, ngħidu "Iva" lilna nfusna u lil butna u lill-ġibdiet tagħna.

Iżda ma nistgħux nippretendu li nkunu marbutin ma' Marija fir-rebħa tagħha jekk ma nkunux marbutin magħha fil-ħajja tagħha, fl-eżempji tagħha! L-ebda festa daqs tal-lum ma torbot ir-rebħa tal-bniedem mar-rebħa tal-Mulej. Kien għalhekk li l-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni kien qal li:

> "l-Festa ta' [Santa Marija] hija tkomplija tal-Għid il-Kbir, tal-Qawmien u t-tlugħ fis-sema tal-Mulej. Marija Mtellgħa s-sema hija, fl-istess ħin, sinjal u għajn ta' tama għall-ħajja ta' dejjem u għall-qawmien mill-mewt fil-futur."

Ħallu lil Marija terġa' ttennilkom l-uniku kmand li nsibuha tagħti fil-Vanġelu: *"Agħmlu dak li jgħidilkom hu"*! Kunu intom, f'din il-parroċċa li għandha devozzjoni tant antika lejn Santa Marija li tobdu lill-patruna tagħkom. Ejjew inwegħduha li fil-ħajja tagħna aħna se ngħixu dak li hi għallmitna bil-kelma u bl-eżempju:

- Bħalha se nkunu bnedmin ta' talb;
- Bħalha se nibnu familji sodi bbażati fuq il-fedeltà u l-imħabba;
- Bħalha se nagħtu l-ewwel post f'ħajjitna lil Alla u r-rieda tiegħu;
- Bħalha se nkunu bnedmin li jagħmlu karità vera mal-proxxmu, ikun xi jkun il-partit jew il-kulur tiegħu;
- Bħalha se nuru ħniena u mħabba lejn id-dgħajjef, il-fqir u min jiżbalja;
- Bħalha se naħfru lil min jagħmlilna d-deni.

Jekk ma nagħmlux hekk, tkun Sultana bla awtorità: tikkmanda u ħadd ma jobdiha; tagħti eżempju u ħadd ma jagħmel bħalha! Is-slaten ta' din id-dinja hekk spiċċaw: ħafna ċerimonji, iżda poter xejn. Se nagħmlulha hekk lil ommna Marija? Nagħmlulha ċerimonji sbieħ, iżda nċaħħduha milli jkollha awtorità fuq il-ħajja u l-imġieba tagħna? Allaħares! Ikun l-ikbar tradiment.

Għaldaqstant nerġa' nistaqsikom: Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħal eżerċtu lest għat-taqbida?

Aħna nafu min hija, ħuti; hija Marija, il-mara tal-paradoss: ċkejkna iżda kbira; qaddejja iżda Sultana; dgħajfa iżda rebbieħa; umli iżda glorjuża. Hija Marija, iż-żiffa ħelwa tfewwaħ bil-preżenza t'Alla; dik li qatt ma żammet xejn għaliha iżda tat kollox lil Alla; Hija l-Bieb tas-Sema, is-Sellum ta' Ġakobb, il-Ġnien Ġdid tal-Għeden fejn Alla reġa' tħabbeb mal-bniedem. Hija l-Pont bejn l-art u s-Sema. Hija l-Prekursura tagħna, li tmur qabilna sabiex aħna ma nibżgħux immorru warajha. Hija mudell għalina: Skola tal-Fidi, Kewkba ta' Tama, Omm l-Imħabba. Hija Marija, il-Ħarsien tagħna kontra l-għadu, il-Patruna ta' din il-parroċċa u l-Patruna speċjali tal-Gżejjer Maltin. Mela ejjew induru lejha u nitolbuha bl-istess talba li għamlilha s-saċerdot qaddis, San Ġwann Bosco:

O Marija, verġni qawwija:<br>
int, l-ikbar u l-aqwa ħarsien tal-Knisja<br>
int, għajnuna tal-għaġeb tal-Insara,<br>
int, tal-biża' bħal eżerċtu mifrux għat-taqbida<br>
int li waħdek qridt l-ereżiji kollha tad-dinja<br>
int fit-tiġrib, fit-tbatija, u fil-bżonn, ħarisna mill-għadu<br>
u fis-siegħa ta' mewtna, ilqagħna fil-ġenna.

Viva Santa Marija!

# Philip Taxi Service

## *24 Hours Service*

**Mob: 7926 9692**

**Tel: 2168 5117**



# Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.



**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**



# Messaġġ mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

**Raymond Zammit**
Is-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Każini tal-Banda

Meta qegħdin f'dak li suppost normalment ikun staġun tal-Festi, minflok qegħdin f'mument partikulari f'ċirkustanzi li bidlulna n-normalità tal-ħajja attiva tas-Soċjetajiet tagħna.

Għal dawn l-aħħar erbatax-il xahar, is-Soċjetajiet tal-Banda f'Malta u Għawdex inħakmu mill-effetti tal-Covid-19 xejn anqas minn ħaddieħor. Kulħadd iħoss l-effett fuqu minn aspetti varji iżda ħaġa komuni għal kulħadd kienet u għadha li l-Festa tagħna ma nistgħux nagħmluha kif jistħoqqilha u kif nixtiquha.

F'Marzu tas-sena 2020 bdejna bil-ħasda tal-Covid-19 u bdejna nidħlu fi drawwiet ġodda li kkundizzjonawna mhux ftit. Esperjenzajna kif nistgħu naħdmu mhux bil-mod tas-soltu.

Is-Sibt 23 ta' Jannar 2021 komplejna b'ħasda oħra. L-Għaqda tilfet wieħed minnha, membru li l-Għaqda u kull wieħed minna kien iħares lejh bħala sors ta' informazzjoni, faraġ u ta' għajnuna. JC, kif kien l-aktar magħruf, kien maħbub u rispettat u jibqa' ikona tal-Għaqda għas-servizz inkondizzjonat li kien jagħti lil kulħadd.

Meta f'Settembru hu stess kien proponieni biex neħodlu postu għax kien iddeċieda li jieqaf, mal-ewwel ħassejt il-piż tal-kariga iżda niftakar kliemu stess meta nkoraġġieni biex naċċetta basta naħdem flimkien mal-membri tal-Eżekuttiv u mal-membri kollha tas-Soċjetajiet imsieħba. Kien jemmen fil-kollettiv u li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu. Lil JC l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda sellmitlu kif kien xieraq u se nibqgħu niftakruh għall-ġid u x-xogħol li wettaq b'risq is-Soċjetajiet li tant kien iħobb.

Kieku dan iż-żmien kien żmien normali ta' Festi, konna nkunu qegħdin fl-aqwa tat-tħejjijiet, madankollu l-ħsieb dwar il-Festa ma naqasx. Anke l-Għaqda tagħna, kif tafu żammet il-Festa fuq nett fl-aġenda tagħha. L-Eżekuttiv hu konxju tar-responsabbiltà li kull Soċjetà mxiet biha f'dak kollu li rnexxielhom jagħmlu u dan nirrikonoxxuh bis-sħiħ. Flimkien mas-Soċjetajiet kollha membri, tant ħdimna għall-ġid tal-Festa Maltija biex tkun dejjem ta' suċċess, tant li qed nistennew b'ħerqa u b'fiduċja li l-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala Wirt Intanġibbli fil-lista Rappreżentattiva tal-Umanità tal-UNESCO.

Kif dejjem ħeġġiġna hekk ukoll qed inkomplu nagħmlu, sabiex sakemm jasal iż-żmien li nkunu nistgħu naħdmu u nagħtu sehemna f'dak kollu li s-Soċjetà s-soltu tagħmel, irridu nibqgħu b'saqajna mal-art u b'rasna fuq għonqna, kif ngħidu bil-Malti, billi nsegwu l-istruzzjonijiet tal-Awtoritajiet tal-pajjiż biex jirnexxilna naslu fejn nixtiequ.

Nawgura lill-membri kollha tas-Soċjetà kif ukoll il-poplu fil-komunità, ħidma fejjieda b'risq il-ġid tal-istess Komunità li ngħixu fiha u tal-fraternità bandistika.

ZM architecture
Perit Manuel Zammit
Mob: 79058036
Email: architecture.zm@gmail.com



Ruben's Garage

Oven Baked Spray Painting
Insurance Approved

Mob: 79064856
6, Sejba Road, Mqabba
rubengarage@gmail.com

We Also do Plastic Bumper Repair & Windscreen Installations.

Demsey Aluminium



Manufacturers of
Aluminium & PVC Windows, Doors, etc

Factory A25A
Triq G. Garibaldi, Marsa
Tel: 2168 9862
Mob: 9949 0381, 9942 2583

TAKE OFF

*BAR AND RESTAURANT*
*St. Thomas Street, Luqa*
*Malta.*
***Specialises in Pasta and Grill***

**Tel: 2180 0243** ***QUICK FOOD***



# Apprezzament lil Joseph C Azzopardi

**Dr Noel Camilleri**
President tal-Għaqda Każini tal-Banda

JC, kif kien jafu kulħadd, ma għadux magħna. L-aħbar li waslitli tard il-Ġimgħa filgħaxija kienet waħda li lili ħallietni bla kliem, maħsud u mnikket. Kif ħalliet mnikkta wkoll lill-familja tiegħu li tant għażż u kull min kien jafu u ħadem miegħu. Għalija personali, li JC m'għadux magħna hija telfa kbira peress li f'dawn l-aħħar snin ħdimna ferm viċin flimkien. Bi qsim il-qalb qed nikteb dawn il-kelmtejn għaliex ir-relazzjoni tagħna kienet tmur ferm oltre dik fil-karigi uffiċjali fl-Għaqda. F'ħafna laqgħat li konna nagħmlu dejjem kellna sinerġija waħda: dik biex niksbu l-aħjar għas-soċjetajiet tal-banda, membri tal-Għaqda. Kien hemm affjattament u rabta ferm b'saħħitha. Dejjem lest biex naqsmu l-idejat tagħna u nitgħallmu minn xulxin, imma anke naqsmu l-weġgħat li kellna. Iżda żgur, it-telfa hija ferm akbar għall-familja tiegħu li dejjem għażż u ħabb, u dejjem ħadem biex jara lil martu u lil uliedu ferħana.



Ħafna bħali se jħossu n-nuqqas ta' JC għaliex kien persuna li kien dejjem lest li jisma, dejjem disponibbli li jagħti parir, li jgħin, li jgħatti direzzjoni lil kull min jitolbu mingħajr ebda aġendi għajr dik li jkun ta' servizz u ta' għajnuna. Ma hemm ebda dubju li l-imħabba, l-impenn u l-ħidma lejn il-fraternità bandistika se tibqa'. Se tibqa' għaliex JC dejjem ta dak kollu li jaf mingħajr ma jħares lejn dak li jkun. Dejjem kien lest biex jara kif jagħmel biex dak li jkun jagħtih kuraġġ u appoġġ. Jagħtih spalla biex jimxi 'l quddiem u fejn ma jistax hu, jara kif jagħmel biex jitlob l-għajnuna mingħand ħaddieħor. Dak kien il-karattru ta' Joe.

Il-pinna ta' JC kienet unika u dan mhux biss fil-kaligrafija tiegħu imma aktar importanti minn hekk, fil-mod kif kien jikteb. Joe kien iwassal il-messaġġ b'mod ċar, preċiż u elokwenti fejn kien meħtieġ u mingħajr tlaqliq. Dan dejjem għamlu mingħajr qatt ma uża l-kitba tiegħu biex jweġġa'.

Jien, u ħafna nies bħali, nafu li JC kien persuna ta' galbu u ħadem qatigħ b'ħafna enerġija kull fejn kien, b'mod partikolari fl-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda fejn għal ħafna snin okkupa l-post ferm importanti ta' Segretarju Ġenerali. Bil-ħidma tiegħu, bla waqfien, flimkien ma' sħabu tal-Eżekuttiv u l-membri tal-Għaqda, għolla r-rikonoxximent mhux biss tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda imma anke tal-mijiet ta' voluntiera li jaħdmu fis-soċjetajiet tal-Banda u tal-istess Soċjetajiet għaliex huwa dejjem għaraf u emmen b'konvinzjoni, l-importanza tagħhom fit-tessut kulturali, soċjali u edukattiv tas-soċjetà Maltija.

Joe kien pilastru għall-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Pilastru b'saħħtu, sod u fundamentali fix-xogħol tal-Għaqda, dejjem ippreparat u kien persuna li jaf jisma' u jirrispetta kull opinjoni ġejja minn fejn ġejja. Imma kien ukoll lest u jagħraf jiddeċiedi b'mod kollettiv. Fil-ħidma tiegħu dejjem ħadem mingħajr pretensjonijiet ħlief li jara li l-baned tagħna jkomplu verament jissaħħu anke fl-amministrazzjoni tagħhom. Dan hu l-legat li ħallielna JC. Dan hu l-legat li aħna lkoll għandna nżommu quddiem għajnejna u f'qalbna, u ngħożżu l-entużjażmu li dejjem ħadem bih JC biex flimkien u b'mod kollettiv inkomplu naħdmu ħalli dan il-patrimonju nipproteġuh u nsaħħuh.

F'ismi personali, f'isem sħabi kollha tal-Eżekuttiv tal-GĦNKB u f'isem il-membri tagħha, nagħti l-kondoljanzi mill-aktar profondi u mill-qalb lil martu, lil uliedu u lill-familjari kollha għal din t-telfa hekk kbira tal-għażiż Joe. Naf li Joe mar jiltaqa' mal-għażiża bintu u se jibqa' jħares fuqna bl-akbar għożża u mħabba.

GRAZZI TA' KOLLOX JOE!

GRAZZI JC!



LuxNAILS
by Sabrina

Gel & Acrylic Nail Enhancements
Semi-Permanent Gel Polish • Natural Nail Care
Eyebrow Shaping • Lash Lifting • Upper Lip Waxing
& more

Mqabba Road, Zurrieq T. 21 649 875 M. 79 046 888

# TA' BALAL
## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**

# D. Borg

## BUILDING CONTRACTOR

## MOB: 9988 0843



# Meta jaslu l-għerejjex

Rita Saliba

Bilkemm semagħni nħabbat. Hekk qed ikun dan l-aħħar in-nannu Żaren. Mitluf fi ħsibijietu, issa jnaqqi werqa mill-qsari, issa jiknes il-bitħa u kultant iħares fil-vojt donnu qed jistennieha tgergirlu li l-qalziet mimli trab.

Għadni nġib lin-nanna Ineż quddiem għajnejja; bieżla, tirsisti u bħal daż-żmien ta' qabel il-festa żżomm id-dar pupilla.

"Ma jmurx jinqala' xi ħadd minn ħuti!" kienet ta' spiss tfakkarna. "Jew jgħaddu tal-banda u nilqagħhom ibillu griżmejhom f'dal-parapett maħmuġ!" Mhux għax qatt rajt il-parapett maħmuġ imma tant kienet togħrok il-madum in-nanna li stajt noqgħod niżżerżaq fuqu qisni qed niskijja. U hekk kif il-banda ddoqq l-aħħar noti tal-marċ popolari quddiem il-parapett pinna, in-nanna toħroġ tilqa' lill-bandisti ħalli "ibillu griżmejhom"; araha ħierġa bil-gabarrejiet imburġati bis-sandwiches filwaqt li n-nannu jarma jiftaħ il-birer u l-luminati.

In-nannu kien jinsa l-qtigħ il-qalb tal-jiem ta' qabel. Iżda dak il-waqt li jixref mill-bieb 'il barra, arah jgħolli ħarstu lejn is-sema u jibda jzekzek, "dan għal issa se jħallih il-maltemp, jew?"

"U xi jxarrab, Żaren! Kif int iffissat! Dawk l-għerejjex! Issa tara kif jgħaddilu l-ajru! U toħroġ il-purċissjoni u l-Madonna tgħaddi mit-toroq tagħna u ġġib barka fuq dan ir-raħal," kienet tipprova tagħlaqlu ħalqu n-nanna.

"Huwa, mhux int mort tarma dak l-armar! Jekk jixxarbu dawk l-anġli fi Triq il-Qasab, għidli!" kien ikompli jgemgem in-nannu.



"U issa m'armajtx biżżejjed! Aħjar tara taqtagħlhiex ftit għenieqed dik id-dielja għax ġejjin xebgħa dbieben fil-bitħa jekk se jibqa' jsir!" kienet tkompli ssaħħan il-qiegħa n-nanna.

"Moħħ l-għeneb għandi, bħalissa! Hemm ħarqa nar!"

It-tgergir tan-nanna kien jaqa' fuq widnejn torox u tista' mhux tfakkru fil-bajtar tax-xewk imsajjar mix-xmux fl-għalqa u l-ħarrub li jrid jinqata' għall-ġulepp, għax in-nannu Żaren kien jibqa' moħħu jberren dwar il-pavaljuni u l-bandalori u t-tiżjin imżanżan ġdid li se jixxarrab jekk tagħmel ħalba xita.

"Nann, xi jkunu dawn l-għerejjex?" staqsejtha darba minnhom jien u ngħinha tnaddaf ir-ram.

"Għerejjex ġejja minn għarixa, sabiħa," bdiet tispjegali n-nanna. "Għarixa kienet qisha kamra, fejn jistkenn il-bidwi jew joqgħod għassa mal-uċuħ tar-raba'. Is-saqaf kien ikun tinda magħmula minn xkejjer miftuqin biex jilqgħu għax-xemx."

"Imma x'għandha x'taqsam mat-temp, nann?" staqsejtha.

"L-għarixa kienet toffri kenn. U hekk dawn is-sħajjeb li jidhru għall-ħabta ta' Santa Marija." In-nanna kompliet tqatta' l-ħaxix għall-borma hija u tgħidli, "Dawk jibdew jidhru madwar iż-żmien ta'Awwissu u kienu jkunu mistennija għax kienu jagħtu ftit kenn mis-sħana."

"Imma m'hawnx il-fannijiet nann?" staqsejtha nidħaq.

"Eee! Fi żmieni forsi nrewħu konna bl-imrewħa jew il-palju!"

Xtaqt ninbixha ftit ieħor lin-nanna. Kont nieħu gost meta tirrakkontali fuq l-imgħoddi.

"Kienu jkunu l-aircondition ta' Santa Marija, nann!" għedtilha.

VRT + Wheel Alignment

*For all types of*
*Cars, Trucks, Vans and Buses*

**SIGGIEWI VEHICLE SERVICES**
Siġġiewi

Contact Victor Attard
on 99498736, 21466111








Briffa Landscaping

Kirsten Briffa

***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***

*Mob: 9946 9580*
*E-mail: kbriffa783@gmail.com*

"Hekk hu, ta! Ix-xjuħ tagħna kienu jistennewhom, imsieken! L-għerejjex kienu jfakkru li tmiem is-sajf huwa magħna u jibda staġun ieħor … u ġieli għamlet raxxa xita," qaltli minn taħt l-ilsien donnha biex ma jismagħhiex in-nannu. Għan-nannu kull sħaba hija sħaba tax-xita u bħal-lum l-ebda xita ma ttaffilu l-fawra li taqbdu kif jiftakar fit-temp u s-sħabiet bojod jinkuh fuq rasu.

Dis-sena l-bieb ta' barra tan-nanna baqa' magħluq. Il-parapett imtela' bil-fjur ħafif ta' buganvilla. M'hemmx għalfejn jinkines; mhux se tgħaddi l-banda minn quddiemu. Virus qerriedi ġab lid-dinja għarkopptjeha. Kines ħajjiet minn gżiritna, u bekka popli sħaħ. In-nanna Ineż intlaqtet minn marda li ħadd ma seta' jifhimha; inħasdet qabel il-waqt, qabel fakkret lin-nannu li għad irid jaqta' l-bajtar, jiġbor erba' mżiewet tal-ħarrub u jaqta' ftit għenieqed tal-għeneb għax jagħmlu sabiħ fuq il-mejda …

"Nann," sejjaħtlu għat-tielet darba, "se jaħarqu siegħa nar illum. Ġejt narah miegħek fuq il-bejt."

In-nannu Żaren ħares 'il fuq lejn is-sħab ħafif miġmugħ fis-sema.

"Tinkwetax, nann," għedtlu biex inserraħlu rasu, "mhix se tagħmel xita."

"Dawk għerejjex," qalli n-nannu donnu mistrieħ li lissen il-kelma. U flimkien tlajna t-taraġ tal-bejt, nistennew fis-skiet.









# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


A. Ferriggi ....56
AginCare ....24
Albion VRT Station ....18
All 'n 1 ....84
ArtiĠenjali ....40
Attard Bros ....34
B&G Hardware Store ....84
Bibas ....76
BOV ....36
Briffa Landscaping ....102
C&G Hardware Store ....46
Callus Garden Centre ....78
Carabott Jewellers ....96
Cauchi Gastro Butcher ....66
Charlie t-Tirxa ....76
Computer Bargains ....80
Ctronics ....74
D. Borg ....100
Daily Needs ....46
Darren's Butcher ....64
Demsey Aluminium ....98
Demsweet Garage ....88
DES ....30
Di Rocco Trading Limited ....48
Divino ....28
Elbros ....6
Elmo Insurance ....80
F1 Cheyenne ....86
FGP ....86
Frame Maker ....92
Fresh & Clean ....90
G. Camilleri Petrol Station ....92
Gasan Mamo Insurance ....48
Gold Lady Jewellery ....90
Golden Point ....44
Greenpak ....61
Ivan's Garage ....66
JMA Aluminium Works ....44
Julia Farrugia Portelli ....26
Julio & Charlie Sacco ....94
Kristianne Stationery ...inside back
L. Micallef Steel Works ....92
Lorraine's Beauty Clinic ....94
LUX Nails ....100
Magic Clean ....72
Magri Butcher Shop ....72
Mallia Petrol Station Ltd ....74
Mangion Brothers Żurrieq Ltd ....78
Mapfre Middlesea - Moira Magro ....22
Maria Zahra ....56
Mariano Panel Beater ....82
Mark Portelli ....88
Maths Coach ....82
Maypole ....54
Mażini ....58
McSims ....38
Michael Bezzina ....102
Miriam Dalli ....16
MJ Garage ....54
Mobiltech VRT Station ....60
Music Access ....56
One4all ....inside front
Owen Bonnici ....20
Pet Care ....96
Philip Taxi Service ....96
Polidano ....10
Polyplumb ....62
Remedies ....64
Remissa ....60
Reno Farrugia ....12
Richard Lifters ....58
Ruben's Garage ....98
SENC Printing ....52
Siġġiewi Vehicle Services ....102
St. Paul's Dental Clinic ....50
St. Peter's Ironmongery ....52
Stanley Zammit ....40
Stefan Zrinzo Azzopardi ....36
Ta' Dwinu Stationery & Gifts ....50
Ta' Frida Pet & Garden ....16
Ta' Balal Petrol Service Station ....100
Take Off ....98
Tal-Bazzi ....70
Tal-Paradise ....94
Tar-Robba Recycling Centre ....4
Teddies Childcare Centre ....29
Teżor il-Bidwi ....103
The Core ....68
The Fruit Shop ....42
The Hockey Club ....68
Timeless Home & Decor ....42
Toni Bezzina ....16
Tower Ironmongery ....32
Trocadero ....25
Unistyler ....19
Village Core ....70
Viper Garage ....103
Xarolla ....24
Xelini Co. ....62
Zahra Group ....8
ZM Architecture ....97


Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.

# kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ

Tel: 27791325 email: kristiannestationery@gmail.com





For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, …..

Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering



Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba, Malta
www.santamarija.com santamarija santamarijamqabba